

# IX-XEWWIEX MINN NAŻARET

Ta' John Drinkwater

# Ix-Xewwiex Minn Nażaret
(A Man's House)

Ta' John Drinkwater

Maqluba għall-Malti minn
Louis Azzopardi

Persunaġġi:-

| | |
|---|---|
| Salathiel | (Merkant għani ta' Ġerusalemm) |
| Deborah | (Oħtu) |
| Esther | (Bintu l-kbira) |
| Rachel | (Bintu żgħira) |
| Mathias | (Ibnu) |
| David | (Il-maħbub ta' Rachel) |
| Levi | (Merkant ieħor) |
| Iżakk | (Ħażnadar ta' Salathiel) |
| Ġakobb | (Wieħed mill-qaddejja tiegħu) |
| Ċenturjun Ruman | |
| Barnabas | (Missier David, uffiċjal pubbliku) |
| Skrivan | |
| Qaddejj | (Ta' Salathiel) |

1 Att - id-dar ta' Salathiel fħ Ġerusalemm.
2 Att - l-istess. Wara nofsinhar ta' l-għada.
3 Att - l-istess. Wara sebat ijiem. L-ewwel Ħadd ta' L-Għid.

## Ix-Xewwiex Minn Nazaret

**27 u 28 ta' Marzu, 2004**

| | | |
|---|---|---|
| Salathiel | Manwel Bonavia | Scale 1. (2 costumes.) |
| Deborah | Josette Sacco | Scale 1. (2 costumes) |
| Esther | Norma Camilleri | Scale 1. to 2 (2 cost.) |
| Rachel | Simone De Battista | Scale 1. to 2 (2 cost |
| Mathias | Matthew Alfino | + 1. (2 costumes) |
| David | Justin Vassallo | Scale 2 (1 costume) |
| Levi | Alfred Briffa | Scale 1 (2 Costumes) |
| Isaac | John Schembri | Scale 2. (2 costumes) |
| Jacob | James Busuttil | (1 Costume) Scale 3 worker class. |
| Centurjun | Jesmond Bugeja | Ta Centurjun. (1 costume) |
| Barnabas | Leonard Falzon | Scale 1. (1 costume) |
| Kristu | Ivan De Battista | White Gown. |
| Skrivan/Ghassies | Roderick Xuereb | Scale 1 scale 3. |
| Qaddej/Ghassies | David Bonnici | |

(2) soilder's uniform no corazza, no Helmet

(3) manigoldi ~~Small~~ short skirt.

## IX-XEWWIEX MINN NAZARET - REHEARSAL SCHEDULE

**Week 1**

| | | |
|---|---|---|
| 09/02/2004 | ACT I | PAGES: 1 - 21 |
| 10/02/2004 | ACT I | PAGES: 21 - 39 |
| 12/02/2004 | ACT I | RUNTHROUGH |

**Week 2**

| | | |
|---|---|---|
| 16/02/2004 | ACT II | PAGES: 41 - 53 |
| 18/02/2004 | ACT II | PAGES: 53 - 64 |
| 19/02/2004 | ACT II | RUNTHROUGH |
| 21/02/2004 | ACT I & ACT II | RUNTHROUGH |

**Week 3** **BREAK - STUDYING ACT III**

**Week 4**

| | | |
|---|---|---|
| 01/03/2004 | ACT I & ACT II | RUNTHROUGH |
| 02/03/2004 | ACT III | PAGES: 66 - 79 |
| 03/03/2004 | ACT III | PAGES: 80 - 94 |
| 04/03/2004 | ACT III | RUNTHROUGH |
| 06/03/2004 | ACT III | WHOLE RUNTHROUGH |

**Week 5**

| | | |
|---|---|---|
| 08/03/2004 | **SET BUILDING** / SINGING SESSION | |
| 09/03/2004 | ACT I | IND. RUNHROUGH |
| 10/03/2004 | ACT II | IND. RUNHROUGH |
| 11/03/2004 | ACT III | IND. RUNHROUGH |

**Week 6**

| | | |
|---|---|---|
| 15/03/2004 | INDIVIDUAL PERFORMANCE | |
| 15/03/2004 | INDIVIDUAL PERFORMANCE | |
| 17/03/2004 | ACT I & ACT II | TECHNICAL |
| 18/03/2004 | ACT II & ACT III | TECHNICAL |

**Week 7**

| | | |
|---|---|---|
| 22/03/2004 | ACT I & ACT II | RUNTHROUGH |
| 23/03/2004 | ACT II & ACT III | RUNTHROUGH |
| 24/03/2004 | TECHNICAL REHEARSAL | |
| 25/03/2004 | GENERAL REHEARSAL | |
| 27/03/2004 | PERFORMANCE | |
| 28/03/2004 | PERFORMANCE | |

II ATT Page 41

III ATT Page 65

S.C. (1) → CD No 1 Stage closed. Light Q 6
TILL 3:00

CD 2 pitch -8
MONITOR LEVEL = 2
till 2.51

SC 2
T.2.

Ix-xewwiex minn Nażaret-1

Start level 6
then full.

## L-Ewwel Att

LIGHT Q 2

CD 2 till Remain
2.50

Xena:- Id-dar ta' Salathiel f' Ġerusalemm. Terrazin imsaqqaf fuq il-bejt ta' l-aħħar sular tad-dar, jagħti għal fuq l-għoljiet.

Ħin:- Filgħaxija ta' jum sabiħ tar-rebbiegħa.

ESTHER tidher bil-qedgħa fuq il-lemin tat-terrazzin. Bħalissa qed jinstama' daqq ta' qniepen in-ngħaġ imżewwaq b'daqq ta' żummara. Esther hija xebba għamja. Tqum bil-wieqfa, tinżel fil-kamra l-ħin kollu tteftef biex isib it-tambur tar-rakkmu tagħha. Għanda sebgħa u għoxrin sena. Xebba x'aktarx bla sabbar - ma danakollu tintebaħ minnufiħ b' kull ma jkun qed jiġri madwarha, kif ukoll tagħraf tajjeb il-bixra ta' kull minn ikun ħdejha fil-kamra. Mhix ta' karattru dgħajjef, imma lanqas mhi magħluqa fiha nfisha minħabba l-għama tagħha. Tiġbed lejn l-iskrivanija fuq il-lemin minn fejn tieħu it-tambur tar-rakkmu, terġa' tmur lura u mill-ġdid toqgħod bil-qegħda fejn kienet qabel fit-terrazzin. Ħabta u sabta l-hemda tinkiser mill-leħen frattarjus ta' Salathiel, neguzjant għani u impressjonanti mhux ftit ta' ħamsa u ħamsin sena. Tassew jista' jitqies bħala waħda mill-kolonni ewlenin tal-liġl l-qadima, b'dan kollu dil kolonna hija mixquqa u, bi-deher, qegħda titfarrak ftit ftit minħabba riħ ta' ideajt u fhemiet liberali li jħabbtu magħha bla hedu.

| | |
|---|---|
| Salathiel | (Minn barra u waqt li jkun dieħel fil-kamra minn fuq il-lemin) Rachel!......Rachel!....(Jaqsam lejn ix-xellug u jmur għan nofs it-terrazzin) Ah!.....Esther, ħanini.....(Leħnu jsir aktar ħlejju) Fejn hi Rachel? |
| Esther | Jien ma nistax inkun naf, hux tassew? |
| Salathiel | (Imur ħdejn Esther u jqiegħed idu fuq spallitha b'turija ta' mħabba) Dażgur!.....Dażgur!....Aktar jien wkoll!.... (Jerġa' jinżel fil-kamra) Imma fejn setgħet marret? |
| Esther | Ħarġitx barra? |
| Salathiel | Dik hi. Jiena ma rridhiex toħroġ barra. |
| Esther | M'hemmx għalfejn tgħajjat miegħl! Jien ma naħti xejn! |

21323280

Salathiel (Jerġa' jmur ħdejha) Le...Le...Dażgur, ħanini....inti ma taħti xejn, dażgur......Jiena m'inhix nagħajjat miegħek, taf. Imma mġiba bħal dik . lili ma tinżillix. Għaxar minuti ilu fil-ġnien ħdejja kienet. Ftit wara, meta dort biex inkellimha, ma sibtihiex aktar!

**( Id-daqq taż-żummara jieqaf)**

Esther Jiena nigħd li kollu ħtija ta' David.

Salathiel (Waqt li jkun nieżel minn fuq it-terrazzin għall-kamra) Dik hi! David! Tiġġerra miegħu kif qegħda tagħmel!....u bla mistħija wkoll! (Issa laħaq in-naħa tax-xellug tal-kamra)

Esther Kollu ħtija tiegħek. Int qed tħassarha.

Salathiel Mhux tassew!

Esther Iva, mhux le. Dejjem hekk għamilt int.

Salathiel Ma nistax insakkarha ġewwa.

Esther Għala le?

Salathiel Issa ma tarax ħanini? Mhix xi tifla żgħira. Illum saret mara.

Esther Mhix għajr tifla fessuda.

Salathiel (Fuq it-tarġiet tat-terrazzin) Kollox sew. X' se naqbad nagħmel?

Esther Uri li f'darek INT il-kmand.

Salathiel Dażgur li JIEN il-kmand. Dejjem jien kont. Ommok, Alla jagħtiha l-mistrieħ ta' dejjem, kienet intebħet b'dan.

Esther Imma Rachel hija magħġuna xorta oħra. Jew, għallinqas, taħseb li hi. Dik għandha bżonn minn jgħallimha.

Salathiel (Jaqsam għan-naħa tax-xellug) Fejn naf, kieku kien xi żagħżugħ tar-rispett, ma kontx daqshekk inħasseb dwarha.

**Rachel tidħol minnfuq il-lemin**

Imma dan Iż-żagħżugħ David........

Rachel (Tfeġġ fil-bieb tal-kamra) X'intom tigħdu fuq David?

Salathiel (Imur joqgħod fit-tarf tax-xellug tas-sufan) Tista tigħdli fejn kont?

Rachel (Dsatax -il sena, ta' karattru fokus, meqjus fiha nfisha, imżejna bil-ġmiel taż-żogħżija) Fil-ġnien, nitkellem ma zija Deborah. (tersaq 'l quddiem fiċ-ċentru lemini)

Salathiel Ma rajtekx. Ġejt infittxek.

Rachel Naf.

Salathiel Kont taf li qedt infittxek?

Rachel (Tersaq ma ġenbu) U kemm qed lġibha bi kbira dak il-fessud tiegħl, x'waħda din!

Salathiel Jien m'inhix fessud..... U lanqas MA RRIDX inkun qegħda tisma'?

Rachel Dażgur li trid.

**(Tressqu lejn is-sufan. Hi toqgħod bil-qegħda għan-nofs. Salathiel jibqa' bil wieqfa quddiemu imma lejn ix-xellug.)**

Salathiel Nigħdlek bil-qawwa kollha li ma naqbel xejn.....

Rachel Iz-ziju Nathan dejjem tgħidli.......

Salathiel Jien ma jimpurtanix x'jgħidlek iz-ziju Nathan.....

Rachel Imma iz-ziju Nathan hu bniedem għaref.......

Esther (Taħtafha) Toqogħodx tmergħih lil missierek.

Salathiel Kollox sew, ħanini.... (Joqgħod bilqegħda fuq is-sufan fuq il-lemin ta' Rachel)

Esther Tajjeb ħafna. Ibqa ħassarha kif qedt tagħmel, mela.

Rachel Mhux qed lħassarni xejn! Mhux tassew! Ghalfejn dal plejtu kollu? David ta' min jorbot fuqu daqsna, mhux hekk?.

| | |
|---|---|
| Salathiel | Soċjalment, m'għandi xi nigħd xejn fih. Imma x-xejriet li jħaddan ineħħulu kull tama li xi darba għad jista' jiġl milqugħ minni. Inti tagħmel sehem minn familja qadima u mġieħa mhux ftit ta' Ġerusalemm. (Jinżel xi ftit) Qiegħed inwissik li ma nħallik qatt titħallat ma' nies li tabilħaqq huma theddidha ħajja għal dan kollu li hu miżmum fuq wiċċ mhux ftit fostna. Iżda ma nigħdx li m'għadx hemm ħafna x'jitjieb f'Ġerusalemm, u ma rrid nonqos u nlum lil ħadd minhabba f'hekk. (Iqum bil-wieqfa u jersaq lejn ix-xellug) Iżda daż-żagħżugħ huwa magħruf minn kulħadd. Iġelled lil niesu stess ma' xulxin. Tkellimt ma' missieru li, nista' nigħidlek, ma jaqbek xejn - u bil-qawwa kollha wkoll - ma' l-imġieba ta' ibnu. |
| Rachel | (Tqum bil-wieqfa u tmur fuq il-lemin ta' Salathiel) Imma, għallinqas, ma nistax inkun naf x'għamel David? |
| Salathiel | X'għamel? Taf tajjeb ħafna x'għamel. |
| Esther | Dejjem ikun lħuf madwar dak in- Nażżarenu. |
| Rachel | (Iddur mat-tarf tax-xellug tas-sufan għal warajh) M'hemmx għalfejn issejjaħlu "DAK IN-NAŻŻARENU" kif għamilt. Ismu huwa Ġesu. |
| Esther | Tkunx impertinenti. |
| Rachel | Jisgħobbija, Esther, (Issa qegħda fit-tarf tal-lemin tas-sufan) |
| Salathiel | Qabel kellek għaqal biex tbiegħ...u issa donnok trid taqleb kollox ta' taħt fuq! |
| Rachel | (Waqt li ddur mat-tarf tal-lemin tas-sufan u tmur quddiemu) . Ma rrid naqleb xejn jien. Imma għaliex kulħadd irid jindaħal fejn ma jesgħux u jigħd x'fehmiet għandu jħaddan ħaddieħor? Ġesu ma jrid jiksirha ma ħadd. |
| Salathiel | Sejra mqarrqa, binti. Hu jrid lġarraf is-sisien li fuqhom hija mibnija s-soċjeta' tagħna. |
| Rachel | Le, Pa.... Mhux hekk. Iz-zjia Deborah mhux hekk tigħd..... |
| Salathiel | Se tieqaf ittenni x' tigħd iz-zija Deborah darba għal dejjem? |

**Denorah tidħol mill-lemin, bi ktieb jew parċmina mgerrba f'ida. Hi akbar minn ħua bi ftit snin, x'aktarx li hi bniedma tal-ħsieb, imma ma tagħtix kas persunta. Biexrieta hija dik ta bniedema rifinata li taf twieġeb għall kull mistoqsija li ssirila bla ma tibża xejn minnha.**

Deborah — Agħdirni, Salthiel...... ma qtajtlekx kliemek hux?

Salathiel — (Jaqsam għan-nofs) Lanqas xejn. Irrid ngħidlek kelma, Deborah. Għandek tkun taf li qed jiġru ħafna affarijiet f' did-dar li jiena nixtieqhom jieqfu minnu fih.

Deborah — (Fuq il-lemin għaċ-ċentru) Tabilħaqq!

Salathiel — Xi tfisser "tabilħaqq"? Qiegħed ngħidlek jiena ma rridhomx. Dik Iż-żagħżugħa qegħda tieħu r-riħ wisq.

Deborah — Jiena żgura li hija żagħżugħha tajba ħafna.

**Rachel terġa' tinżel fil-kamra**

Salathiel — Jista jkun. B'dana kollu qegħda tinsa xi affarijiet li jmissha tiftakar il-ħin kollu.... Li aħna 'lkoll imissna niftakruhom il-ħin kollu.

Deborah — (Jersaq aktar kejn Salathiel) Hekk qegħda tagħmel?

Salathiel — Iva, dak il qegħda tagħmel. U int lanqas biss ma tgħinnha ftit biex . tiftakar. (Jiġi maġenb Deborah, għan-nofs imma lejn il-lemin)

Debotah — Jisgħobija, Salathiel.

Salathiel — Ara, Deborah, ħa nitkellem ċar miegħek. Jien nista nġerraħ bosta xorti, u għal żmien twil wkoll. Naħseb li tifhem kemm ili nieħu paċenzja.

Deborah — Dażgur li nifhem, Salathiel. Miegħi kont qalbek ħanina ħafna.

Salathiel — Mela, la t-tnejn qegħdin nitkellmu ċar, nista' ngħidlek li ħadt paċenzja ħafna bik. Għal dawn l-aħħar ħmistax -il sena żammejtek hawn, tmajtek u raqqadtek, ma tagħmel xejn għajr tħażżeż u tħarbex u titkellem....

Rachel — Pa.....

| | |
|---|---|
| Esther | Agħlaq ħalqek int, Rachel. |
| | **Rachel tmur toqgħod bilqiegħda fuq banketta baxxa fit-terrazzin** |
| Deborah | Naf.....Naf...... |
| Salathiel | Imma ma jimpurtax. Ma ngergirx. U lanqas ma jisgħobbini. Hekk ħalqek il-Mulej, u ħadd ma jaħmel jara lil niesu jmutu bil-ġuħ! |
| Deborah | Iva, kont qalbek tajba ħafna miegħi. (Tgħaddi lejn il-lemin u tinsab bil qegħda fuq banketta) |
| Salathiel | M'inhix qed inċanfrek. U ma kont nasal biex insemmiha qatt ħaġa bħal din li kieku minħabba l-biċċa li nqalgħet. (Imur aktar lejn il-lemin) Jiena ma jimpurtanix kif taħsiba int; lanqas m' jien se noqgħod nitbaqabaq għax f' Ġerusalemm qegħdin ixerduha li f'daru Salathiel qed iżomm lil oħtu li ma tagħlimx ġieħ la ditta u l-anqas lit-tagħlim ta' missirijietu. Għalija tista' tibqa' tħażżeż u tħarbex kemm trid, u titkellem ma' dawk li għandhom għaqal biżżejjed biex ma jagħtukx widen. Imma moħħ binti ma rridux jitħassrilha, qed tifhem? |
| Deborah | Lil Rachel inħobbha daqskemm kieku kienet binti. |
| Salathiel | Dwar dan int ma tistax titkellem għax ma tifhimx.<br>(Deborah terfa' għajnejha il fuq)<br>Ma nixtieqx inku qalil miegħek, Iżda jeħtieġ li nkun iebes.<br>(Idur mas-sufan u jieqaf wara t-tarf tal-lemin tiegħu)<br>Daż-żagħżugħ David huwa wieħed mis-segwaċi tan-Nażżarenu.<br>Lil binti ma rridhiex titniġġes bi ħbiberija bħal din, u lilek qed nammonik mill toqgħod tħajjarha u tqawwilha qalbha. |
| Deborah | (Waqt li tqum bil-wieqfa) Imma int lil Ġesu ta' Nażaret qatt smajtu jitkellem? |
| Salathiel | La smajtu, u lanqas ma rrid nisimgħu. It-twemmin tiegħu qed jagħmel ħafna ħsara. |
| Deborah | (Tmur lejn il-lemin) Mhux hekk, Salathiel. Hu jippriedka l-imħabba. |

**Esther tqiegħed ix-xogħol ta' idejha fl-art**

| | |
|---|---|
| Salathiel | Hu jippriedka t-tiġrif tat-tempju. Qed jiċħad kull għamla ta' ħaqq. Mhux għajr ifassal rewwiexat..... U rvellijiet. |
| Deborah | U jien, kull darba li nisimgħu jitkellem, nigħd bejni u bejn ruħi, min jaf jekk hux tabilħaqq il-Messija?! |
| Salathiel | (Jinħasad) Dik dagħwa! Il-Messija għandu jiġi biex iwaqqaf saltna. Imma marridx noqgħod inħaqaqa miegħek. Int taf kif naħsibha jien. Għal hekk ġibt rispett lil fhemiet tiegħi. (Jinstab bil-qegħda fuq is-siġġu n-naħa tax-xellug tat-terrazzin.) |
| Esther | Zija Deborah din l-imħabba li qedt titkellem dwarha int ma temminx fiha hux tassew? |
| Deborah | (Tersaq aktar 'l fuq) Meta hu jitkellem dwarha, naħseb li nkun qed nemmen. |
| Esther | Alla ta' Mħabba! Tassew ta' l-għaġeb, mhux hekk?....<br>(Ħabta u sabta, b'qila f'leħinha waqt li tħares 'l isfel tul il-palk) Lili min għamilni għamja? |
| Salathiel | (Iqum bil-wieqfa u jmur fuq ix-xellug ta Esther) Ħanini...... |

**Rachel tqum u tmur lejn ix-xellug fuq tarġa li tieħu għat-terrazzin**

| | |
|---|---|
| Esther | Le, tkunx sentimentali f'ġieħ Alla. Issa xbajt kulħadd jurini ħniena. Għal għaxar snin sħaħ ili nġerragħha din l-imġieba. Minn dik il-ġurnata li fiha ġrat id-dissgrazzja...... ilkoll kemm intom ma għamiltux ħlief tagħdruni. X'jiswieli dan kollu lili? Għaliex għandi nkun għamja? Ilkoll taħsbu li dejjem qgħadt għal kull ma kontu tgħiduli..... Miskina Esther.... daqshekk qalbiena, hux tassew?.....Tajjeb, mela jekk tridu tkunu tafu, jiena QATT ma baxxejtha rasi..... Jiena M'INHIX qalbiena..... Jien nobogħdu lil dak alla li ġagħalni nkun għamja. U issa, fid-dwejjaq u n-niket tiegħl jkolli nġerraħ dat-tpaċpiċ fieragħ f'dari dwar Alla ta' Mħabba! |
| Salathiel | Għandek raġun ħanini.....għandek raġun. Tassew ma fhiex sens. Imma ħaġa bħal din m'għandekx tħallieha ddejqek. |
| Esther | Mela waqqafhom darba għal dejjem. |

| | |
|---|---|
| Salathiel | (Lill-oħrajn) Intomx taraw!... xejn ħlief ħsara ma titnissel minn dan kollu. |
| Rachel | (Tersaq lejn Esther) Jisgħobbija, Esther. Ma kontx naf li taħsibha hekk. (Toqgħod bil-qiegħda 'l hinn mis-sufan) |
| Esther | Ejjew ma nsemmu xejn aktar dwar dil-ħaġa. Nitlobkom taħfruli jekk għamilt plejtu. (Terġa toqgħod bil-qiegħda) |
| Deborah | Il-bieraħ lura lil Ġesu smajtu jgħid...... |
| Salathiel | (Imur fuq il-lemin tas-sufan) F' did-dar marridx nisma' min itenni kliemu. |
| Deborah | B'dankollu, dan l-aħħar dehert li kellek moħħok aktar miftuħ, Salathiel. Ix-xogħol li qed twettaq fost il-fqar...... |
| Salathiel | Jista' jkun... imma, b'dankollu ma nistax nagħlaq għajn waħda meta s-sisien li fuqhom hija mibnija s-soċjeta tagħna huma mhedda. U dal-bniedem qed jheddidhom. (Jitla' fit-terrazzin u jmur fuq ix-xellug ta' Esther) Esther, ħanini.... Jisgħobbija li kellu jinqala' dan kollu. Kompli bir-rakmu. |

**Deborah tiegħed ktieb, jew parċmina, li jkolla f'ida f'Kasella ta' l-iskrivanija.**

| | |
|---|---|
| Esther | Grazzi. Ikollkom ħniena minn diż-żagħżugħha għamja. |
| Salathiel | Isa...Isa m'għandekx titlellem hekk. (Jittawwal 'l barra minn fuq il-balavostri. |
| Levi | (Minn barra t-triq) Is-sliem għalik, Salathiel! |

**Deborah tmur ħdejn Rachel 'l fuq mis-sufan u flimkien jersqu lejn siġġu fit-terrazzin. Deborah toqgħod bil-qiegħda fuqu. Hi tinsab bil-qegħda fuq tarġiet ħdejn saqajh. QADDEJ - raġel - jidħol minn fuq il-lemin b'musbieħ - għamla ta' dawk imsejħin ta' Aladin - u jqiegħdu fit-tarf tax-xellug ta' l-iskrivanija. 'Spot light' minn bara l-palk jagħti mpressjoni ta' dawl minn musbieħ. IŻAKK jidħol ftit wara bl-inbid u bi qduħ tax-xorb; imur lġib il-mejda minn naħa tal-fuq il-lemin u jarmaħa ftit 'lisfel u fuq il-lemin tas-sufan. Il-QADDEJ (raġel) imur lġib banketta minn naħa t'isfel, fuq il-lemin, u jqegħdha fuq il-lemin tal-mejda.**

**IŻAKK lġib banketta minn ħdejn l-iskrivanija u jqegħda fuq ix-xellug tal-mejda, jagħmel sinjal lil qaddej biex joħroġ u hu joħroġ warajh minn fuq il-lemin.**

Salathiel    Is-sliem għalik. Levi.

Levi    Smajt?

Salathiel    Dwar x'hiex?

Levi    Dwar in-Nażżarenu

Salathiel    Le....X'inqala? Għax ma titlax hawn?
(Imur lejn il-bieb tal-kamra u wara ftit jilqa' lil LEVI, neguzjant ieħor għani u li qed jagħmilha tajjeb bħalu)

Levi    (Jieħu b'idejn Salathiel) Qed inxxommha titnten dil-biċċa xogħol.
(Imur fuq it-terrazzin) Is-sliem għalikom... Esther... Rachel.

**Salathiel imur joqgħod wara mejda ta' l-inbid**

Esther & Rachel    (Flimkien) Is-sliem għalik.

Levi    (Iebes) Is-sliem għalik Nathan.

Deborah    Is-sliem għalik Levi.

Levi    (Iħares lejn Deborah) Imħabbata xejn?

Deborah    Le mhux wisq.

Levi    Ilkoll jeħtiġilna mmiddu għonqna għax-xogħol f'dawn lż-żminijiet.
(Jersaq fuq ix-xellug ta' Salathiel)

Deborah    Hekk hu, Levi.

Salathiel    X'inqala', għid?

Levi    Dalgħodu kelli nibgħat wieħed mill-iskrivani tiegħi sa Betanja fuq xogħol.....

Salathiel Iva? Oqgħod bil-qegħda. Tridni nferragħlek ftit inbid?

Levi Grazzi. (Jgħaddi minn quddiem il-mejda u jmur jpoġġi bil-qegħda fuq banketta fuq il-lemin tal-mejda)
X'kont qed ingħid?..... Eh iva!....bgħattu Betanja! Għadu kif ġie lura. Lin-Nażżarenu raħ f'lukanda flimkien ma dawk li jsejjaħ id-dixxipli tiegħu. Kienu qegħdin jitkellmu bejnithom. Il-biċċa l-kbira tat-taħdita hu ma sata' jifhem xejn minnha. B'dan kollu, minn dak li sata' jaqbad, jidher li għada filgħodu nieżlin Ġerusalemm bi ħġarhom. Qalli li f'Betanja kien hemm ħafna barranin, kollha segwaċi tan-Nażżarenu......kif deherlu hu.

Salathiel Eh! Nigħdu aħna bħal speċi ta' daħla trionfali, hux tassew? (Joqgħod bil-qegħda fuq il-banketta għax-xellug tal-mejda.)

Levi Mhux hekk, imma l-ħaġa kurjuża hi li n-Nażżarenu semgħu jigħd li jrid jidħol Ġerusalemm riekeb ħmar. Tnejn minn ta' madwaru kellhom imorru jħejjulu wieħed għal-lest.

**Issa jinsabu t-tnejn madwar il-mejda bil-qduħ ta' l-inbid quddiemhom.**

Salathiel (Lil-Deborah) Ma tgħid xejn issa dwar il-Messija ta' moħħok?

Deborah Xi tridni nigħd? Hekk hu magħmul hu! M'hemm xejn ġdid.

Levi M'għandniex xi nigħdu, affarjiet taċ-ċajt, imma l-iskrivan tiegħi ħassu fuq ix-xwiek dwar dan kollu. U hekk qed inħossni jien wkoll. Irid jigħd li waqt li qagħad jismagħhom jitkellmu bejniethom, ġara li ħaġa tassew ta' l-għaġeb - donnu mtela b'qawwa barranija għal kollox. Bħalissa f' Ġerusalemm hawn ħafna taqlib u nkwiet. Ma naħsibx li għadek fhimta għal kollox il-qagħda mwiegħra li ninsabu fiha, Salathiel, imma nista' nigħidlek li hija waħda ta' periklu kbir

Salathiel Għax tigħd, illum stess intbaħt b'xi ħaġa milli qed tgħid int. Nies għażżenin jitlajjaw f'kantunieri....oħrajn ipaċpċu minn taħt l-ilsien u jfesfsu fil-widnejn....

Levi Fil-fhema tiegħi qegħda tinħema xi rewwixta minn taħt!

Deborah Qatt għadhom ma saru affarijiet bil-moħbi f'kulma għamel Hu!

Levi — Ir-rewwixti huma waħda mill-affarijiet li jsiru bil-moħbi, u għamla ta' rewwixta żgur li qegħda ssir bil-moħbi bħalissa.

Salathiel — Tista' tkun żgur minn daqshekk. Dan li kont qed ingħid ftit ilu.

Levi — Nittama li l-Kunsill xammu riesaq il-periklu u li qed jieħu l-passi meħtieġa biex ibegħdu minna! Did-daħla f'Ġerusalemm tista' tkun tfisser għawġ kbir għalina.

Salathiel — Dak xogħol il-Gvernatur. (Iqum u jmu lejn ix-xellug quddiem is-sufan) Irrid noħroġ ħalli mmur inkellmu.

**MATHIAS, ibnu, jidħol minn fuq il-lemin. Għandu 25 sena; eżatt f'imġiebtu; preċis fi kliemu; xhiha tajba u xierqa ta neguzjant żagħżugħ, ixxurtjat u mimli risq tajjeb. Bħalissa jinsab fuq ix-xwiek iżda jidher li jaf irażżan ruħu sewwa. Jibqa' sejjer lejn l-iskrivanija fejn iqiegħed xi karti, waqt li jżomm oħra f'idu. Jaqsam għal wara s-sufan u jinżel 'l isfel fuq ix-xellug ta' Salathiel.**

Mathias — Xi ħaġa trid issir, Pa. Emm... is-sliem għal kulħadd. Jekk ma niftħux għajnejna sewwa, għada se ssir rewwixta sħiħa.

Salathiel — Iva, x'inqala' issa?

Mathias — Ili nwissik dwar ħaġa bħal din għal dawn l-aħħar xhur. Issa, sa fl-aħħar, twettqet.....jew waslet biex titwettaq. F'Betanja nġabret miġemgħa ta' nies ġmielha, u għada beħsiebhom ilkoll jidħlu Ġerusalemm.

Salathiel — Naf.

Mathias — X'jiswa li nkunu nafu jekk nibqgħu b'idejna marbutin, ma nagħmlu xejn? (Jersaq livell tal-banketta fuq il-lemin tal-mejda fejn hemm l-inbid) Il-fanatiċi u l-boloħ kollha ta' Ġerusalemm jinsabu fuq ix-xwiek biex jinagħqdu magħhom.

Salathiel — Kollox sew ibni....jien ukoll kont ħiereġ biex imur inkellem lill-Gvernatur.

Mathias — Iva, meta l-ħsara tkun saret.....jew għalkemm issir....

| | |
|---|---|
| Salathiel | (Imur fuq ix-xellug ta' Mathias) Jekk jogħġbok iftakar li qed titkekllem ma missierek. |
| Mathias | Tajjeb.....jisgħobbija. Imma mort inħuf ma kullimkien u żammejt għajnejja mberrqin il-ħin kollu....Intbaħt li kienet qedt tiġri xi ħaġa bil-moħbi....il-belt kollha dort, tista' tgħid.... Qed ingħidlek tħossha fik kulfejn tmur....qed isir tlablib...rajt uċuħ strambi... nies iserpu u jiġru fid-dlam... smajt ħsejjes ta' mfietaħ isakkru bibien.... |
| Levi | M'hix għajr rewwixta sħiħa...għidltek jien. |
| Salathiel | Il-Gvernatur jaf biżżejed x'għandu jagħmel. |
| Mathias | Tgħidu xejn, imma kieku kont jien ma kontx nilgħab man-nar. Ukoll, lil Ruben għidtlu li għada m'aħniex se nifthu. |
| Salathiel | Ma kellek ebdea dritt tigħidlu hekk. |
| Mathias | Mhux jien imexxiħ in-negozju?..... Il-post ġagħlthom isakkruħ bil-katnazzi wkoll. |
| Salathiel | (Imur lejn ix-xellug u joqgħod quddiem it-tarf tax-xellug tas-sufan) Taċ-ċajt li wieħed jitbażża'..... |
| Mathias | U jiena ngħidlek li m'hi taċ-ċajt xejn. Int qalbek tajba ż-żejjed ħafna Pa. |
| | **Levi jagħmel sinjal li bih jagħti lil kulħadd jifhem li jaqbel ma Mathias** |
| | Ma rridx nara negozju tagħna rvinat u mfarrak mill-karfa. Dan-Nażżarenu huwa kwiet ħafna f'imġiebtu.....u dan l-aġir għandu mnejn jagħmel parti mill-pjanijiet li għandu mħejji....imma n-nies moħħom fih aktar milli taħseb int. Jekk għada jfettillu jagħmel dimostrazzjoni, ibqa' fuq kliemi l-belt tqum u tiżbel bi ħġarha. |
| Nathan | M'hu se jagħmel ebda dimostrazzjoni. |
| Salathiel | Trid tiġi miegħi għand il-gvernatur. |
| Mathias | Le. Biss għidlu ċar u tond, bla ħabi ta' xejn. Naf tajjeb x' jien ingħid. |

| | |
|---|---|
| Salathiel | (Jaqsam lejn il-lemin għall-bieb) Aħjar tiġi miegħi int, mela, Levi. It-Tagħrif li tagħtina int ikun jiswa mitqlu deheb. |
| Levi | (Iqum u jimxi wara Salathiel) Iva. (Lil kulħadd) il-lejl it-tajjeb. |

**Salathiel u Levi joħorġu**

| | |
|---|---|
| Mathias | (Iferra' l-inbid) Ix-xitan daħħal denbu. Meta l-affarijiet KIENU QABDU JIEĦDU R-RUĦ KULLIMKIEN UKOLL! (Jixrob) Dawn ix-xewwiexa jridu min iġagħalhom jaħdmu u jegħerqu l-għaraq tad-demm! |
| | **Rachel tinżel mit-terrazzin, tieħu banketta minn fuq il-lemin tal-mejda u tqiegħdha aktar 'l isfel fuq il-lemin.** |
| | Wara xi sena, jew tnejn fuq ix-xwieni għandhom jitgħallmu bosta xorti. (Imur għan-nofs) |
| Rachel | Ikolli nigħd li inti tibża minn dellek. (Issa timbotta l-mejda għal fejn qiegħed qabel 'l fuq, fuq il-lemin, tiġi lura u tqiegħed banketta oħra quddiem - lejn ix-xellug - ta' l-iskrivanija) |
| Mathias | (Jinżel lejn il-lemin) M' għandnix xi ngħidu, ikollhom lilek biex taqbeż għalihom.... U dak il-ħabib tiegħek David?! Ftit xogħol iebes lanqas ma jagħmillu ħsara. |
| Rachel | David lħaddan it-twemmin il-ġdid. It-tixrid tiegħu jrid li jkollu sehem fih ukoll. |
| Mathias | Kull ma qed jagħmel hu jgħallem lill-għażżenin biex ma jehdew b'xejn. Dak li qed jagħmel f'erba kelmiet. |
| | **Issa Rachel taqsam lejn ix-xellug 'l hawn mis-sufan u tmur toqgħod bil-qegħda fuq ix-xellug tiegħu.** |
| Deborah | Le, Mathias, xejn milli qed tgħid int. Kull ma jrid hu li kulħadd ikun jista' jaħdem fil-paċi. |
| Mathias | Tajjeb ħafna, zija Deborah! Il-ħsara hi li INT ma tafx x'inhu xogħol! (Jersaq lejn il-mejda u fuqha jqiegħed il-qdieħ ta' l-inbid) Jiena hawnhekk ili naħdem bla heda ta' kuljum sa minn mindu kont għadni żgħir..... |

Deborah Iva, naf. Minn dejjem kont tifel bieżel int......

Mathias Issa ħallina minn dan. (Jitla' fit-terrazzin, jixref għal barra minn fuq l-opramorta u jħares fit-triq ta' taħtu.)
In-negozju ta' missieri tajtu xeħta ġdida....qawwa ġdida. Kulma qed nagħmel hu li nħejji ġejjieni għalija nnifsi li jkolli rasi mistrieħa minnu. Jekk bniedem ikun kapaċi, jaħdem b'ħerqa u juża moħħu, ikun jista' jigħd li quddiemu għandu ġejjieni sabiħ.....kemm - il darba s-sisien tas-soċjeta jibqgħu bla mittiefsa....Dal-bniedem irid jheżżiżhom jew Iġarrafhom għal kollox. Irid Ihassar darba għal dejjem il-karattru.... U l-għan....u setgħa. Tafu xejn x'qal ftit ilu?... "Imberkin l-umli għax huma jirtu l-art".

Deborah Iva, smajtu jigħdu dan.

Mathias (Joqgħod bil-qegħda fuq banketta baxxa naħa ta' fuq tal-palk)
Xi kliem hu dak? M' għandnix xi nigħdu, jekk xi hadd isiblu post f'poesija, jew jinqeda bih għal xi għanijiet oħra bħal din, ma jkun ġara xejn. Imma mhux hekk! Din ħaġa oħra! Dal-bniedem la hu poeta u . lanqas viżjonarju. Huwa politiku. Issa jekk xi hadd ifettillu jinqeda bi ħmerijiet bħal dawn fil-politika, fejn jispiċċa s-sisien li fuqu hija mibnija s-soċjeta tagħna?

Esther Mathias għandu raġun. L-awtorita ma tinżammx b'dal-mod.

Rachel L-Awtorita ta' min?

Esther Kull awtorita. L-ordni. Id-dixxiplina. Dawn li jżommu n-nies f'posthom.

Deborah Imma jekk ħafna nies lanqas biss m'għandhomx post!

Esther Dik affari tagħhom.

Mathias Taqsima waħda ta' nies beżżiegħa.....għalkollox fqajrin fl-ispirtu.

Deborah Dik ħaġa oħra li qal:- "Imberkin il-fqajrin fl-ispirtu għax tagħhom hija s-saltna tas-smewwiet." (Tqum u tmur lejn it-tieqa tat-terrazzin)

Mathias Tajjeb. Mela nħallu s-saltna tas-smewwiet taħseb għal rasha, eh! Kulma rrid jien hu li s-saltna tiegħi fuq din l-art insaħaħa u nirfidha sewwa, u m'jien beħsiebni nħalli ebda molarista aroganti iqegħedli bsaten fir-roti jekk jista' jkun. Jekk għada beħsiebu jqajjem rewwixta -

Mathias - nittama li ma jdumux ma jaħtfuħ taħt idejhom.

Esther Imisshom jagħalqu l-bieb tal-belt. Dehera sabieħa tassew IKUN FIHA DIT-TRIQ JEKK inħalluhom jgħaddu minnha!

~~Nathan~~ DEB. M'għandkomx għalfejn tħabblu raskom. Ibqgħu żguri li mhu se jiġri xejn. (Jittawwal minn fuq il-balavostri)

Esther Lilna m'humiex se jmissuna...jekk hu dan li trid tfisser, imma l-karfa lili xejn ma tnisilli.

Mathias Mela x'inhu......il-karfa?

Deborah Għadek qatt ma rajt x'paċi kienet issaltan fost "il-karfa" meta tkellem fuq il-muntanja.

Esther Għaliex ma tmurx tingħqad miegħu int wkoll, zija Deborah?

Rachel Esther!

Deborah Jien xiħa wisq u m'għandix kuraġġ nagħmlu dan. Għalhekk ikolli nistabar u nibqa' mrekkna fil-kenn tiegħi hawnhekk.

Mathias Ħares, zija Deborah, lili m'intix iddejjaqni għax qed tgħix minn fuq dahrna....

Rachel Mathias, int m'għandek ebda jedd titkellem hekk. (Tqum toħroġ fit-terrazzinn.)

Mathias (Jiġi lura għal quddiem is-siġġu tiegħu) Le, ma nistax? Imma nista' għandu jkun, (Joqgħod bil-qegħda) il-verita hija waħda. Iz-zija Deborah ma ġibx ħabba d-dar. Tajjeb ħafna. Imma hi ma għandix ebda jedd taqbel fuq ħaġa lil lilna qegħda theddidna 'lkoll kemm aħna, bħallikieku kienet ħaġa ta' xejn!

Rachel (Fit-terrazzin) Ejjew ħarsu ftit kemm hija lejla sabiħa. (Qegħda tħares fil-bogħod lejn il-lemin.)

**Mathias jinżel in-naħa t'isfel tal-palk, joqgħod bil-qegħda u jaqbad jaħdem fuq l-iskrivanija.**

Esther Jien ma nistax inħares.

Rachel — Le, qalbi. Imma tassew hija lejla sabiħa. L-għoljiet donnhom ta' l-agta. Mhii tonfoħ ebda żiffa qalb il-friegħl tal-palm. It-triq li tieħu għal Betanja tidher hekk ċara .....Bħalissa jidhru żewġt irġiel għaddejjin u qed isuqu ħmar b'felu miegħu. Il-kwiekeb ħerġin ftit, ftit.

Deborah — Levi ma qalx li kienu ntbagħtu tnejn.....

Esther — Tassew sabiħ u ta serħan il-moħħ! Donna xi kitba dwar tagħrif li jistgħu jagħtuna l-mejtin. Imma l-kwiekeb huma għomja wkoll!

Mathias — Bissejjed issa. Ixgħel il-musbieħ, Rachel.

**Rachel tagħmel kif jigħdilha Mathias. Wara, tniżel in-naħa t'isfel tal-palk ħdejn l-iskrivanija, tieħu xema rqiqa u tagħmel ta' bir-ruħha li qed tixegħlha mill-musbieħ. Ikun aħjar li musbieħ ikun ta' l-elettriku, u x-xema rqiqa ta Rachel tiġi mixgħula minn xi ħadd "off satge", waqt li l-musbieħ u x-xema l-irqiqa ma jkunux jidrhu. Imbagħad tieħu xema l-irqiqa mixgħula u tixgħel biha l-musbieħ li jkun hemm imdendel mis-saqaf. Il-"cue" tad-dawl tittieħed minn għemil Rachel.**

Esther — (Tqum bil-wieqfa u tidħol mit-terrazzin) Qed jaqa' l-frisk. Agħlquhom il-kontraporti, (Tinżel 'l isfel lejn il-lemin u toqgħod bil-qegħda fuq is-sufan)

**Deborah jtgħlaq il-kontarporti fuq in-naħa tax-xellug u wara, taqsam il-palk u tmur tigħn ilr-Rachel tagħlaq dawk ta' fuq il-lemin.**

Mathias — Se ninżel isfel ħalli nerġa' nagħti daqqa t'għajn. Newwili l-mantar , Rachel.

**Rachel toħroġ mil-lemin, u Mathias joħroġ warajha.**

S. C. 3

Deborah — (Jiġi quddiem it-tarf tal-lemin tas-sufan) Għażiża Esther, tassew inħossni qalbi sewda minħabba fik.

Esther — Ħallik milli ssewwed qalbek minħabba fija, zija Deborah. Ma jiswieli xejn.

Deborah — Dażgur li jiswielek.

Esther — Ferra' ftit inbid.

S.C. 3

| | |
|---|---|
| Deborah | Missierek ma qallix biex nieħu. |
| Esther | Kien inkwetat u ħariġlu minn moħħu. |
| Deborah | Ħaġa żgħira ħafna. (Tmur lejn il-mejda u Tferra') Għidli, daqshekk terribli li tkun għama. (Tmur lejn is-sufan u toqgħod bil-qegħda fuqu). |
| Esther | Nista ngħidlek li filwaqt li qed nigħx, inħossni qisni mejta. |
| | **Issa t-tejn huma bil-qegħda fuq is-sufan. Esther in-naħa t'isfel fuq il-lemin, Deborah in-naħa ta' fuq, fuq ix-xellug.** |
| Deborah | Ftit ilu għidt li l-kwiekeb huma għomja. Ilkoll aħna. |
| Esther | Dal -kliem għandu x'jaqsam mal-poesija li taf tlissen int......<br>Li tkun għama għandu tifsira waħda. Li ma jkollokx għajnej<br>li tkun idawra bi dlamijiet ma jaqtgħu xejn......<br>li d-dinja tkun ġiet imsakkra barra għal kollox.......<br>li ma tara ebda lewn......<br>ebda dawl....<br>li tkun mejta qabel ma tindifen. |
| Deborah | Int ukoll tqisni bħala pis....bħal taxxa fuq id-dar. |
| Esther | Hekk ikolli nigħd. B'danakollu, kont noqgħod naqra vrus ta' poeżiji.....<br>darba waħda....meta kont għadni nista'...... |
| Deborah | Naf....Il-Mulej għad jerġa' jibni 'l Ġerusalemm: huwa għad ilaqqa flimkien l-imtarffin ta' Iżrael. |
| Esther | (Donnha biex tiddefendi ruħha) Issa qed tgħiduli dan? Aħna x'għandna x'naqsmu....jiena x'għandi x'naqsam ma l-imtarrfin? |
| Deborah | Ġesu huwa l-ħabib ta' l-imtarrfin. Mank li nista' nfehemulek dan Esther. Għażiża tiegħi. |
| Esther | Jiena m'inhix imtarrfa. |
| Deborah | M'intix imtarrfa, Esther? |
| Esther | M'inhix? Għaliex m'inhix? M'inhix, qegħda nigħdlek. |

CD 3
MUSIC
~~2 ... music up~~
~~...~~ Lower music
?

| | |
|---|---|
| Deborah | Mitluqa fid-dlamijiet ta' barra. |
| Esther | Dlamijiet? Għaliex qed titkellem dwar dlamijiet? Alla tiegħi, xi dlam!.... xi dlam ċappa, x'waħda din! |
| Deborah | Jiena wkoll nisab fid-dlam. |
| Esther | Għadek ma tafx x'jiġifieri. |
| Deborah | Iva, naf. Missierek...Mathias..int wkoll, binti....ilkoll kemm intom lili toħduni fuq demm id-darsa...Rachel biss taf...hi biss taf dak li naf jien. Hija taf bid-dawl li jgħejjixna lkoll. |
| Esther | Zija Deborah, imma... imma int miġnuna? |
| Deborah | Jista' jkun, "Ngħannilek għanja ġdida, Alla tiegħi; fuq l-arpa u fuq strument b' għaxar kordi ngħannilek it-tifħir tiegħi. "Nistħajjel li għadek tiftakru dan ukoll...qabel ma niżlet id-dalma fuq għajnejk. |
| Esther | Int mur oqgħod bil-qegħda għal għaxar siegħat kuljum fuq dak l-imbierek terrazzin, imbagħad tara x'għanja ġdid tibda tgħanni! |
| Deborah | Hu jista jagħtik il-paċi. |
| Esther | Imma jiena mhux il-paċi rrid! Irrid nara d-dawl tax-xemx, irid nara n-nies jiċċaqalqu, irrid nara żagħżagħ jinħabbu bejniethom. Ġejt imċaħħda minn dawn kollha għal dejjem! Taf x'għad hemm li jfarraġni? |
| Deborah | Le, ħanini. |
| Esther | Li għallinqas, m'jien se nitgħallem qatt inċedi. Xejn ma nista' nagħmel, Iżda moħħi jibqa' jirvilla sa' l-aħħar. Xi kemm -il darba nkun nista nivvendika ruħi, nagħmlu bla ħniena ta xejn. Dan hu twemmin tiegħi. |
| Deborah | Ħasra tabilħaqq! |
| Esther | Imma għalfejn tkun ġentili daqshekk? Għaliex ma tgħidlix biex nieqaf nagħmilha taċ-ċerċura sfieqa u ta' bla gost, bħalma taħseb li tassew jiena? |
| Deborah | Għażlża tiegħi..... |

| | |
|---|---|
| Esther | Tgħidli xejn, hekk taħsiba int. Biss tiġik ħniena minni, bħalma jagħmlu l-oħra kollha. Jista' jkun ukoll xi ftit aktar minnhom....Kemm taf tifhem u tagħder, x' waħda din! |
| Deborah | Esther, għażiża tiegħi.... |
| Esther | Naf se tgħid....jiena xitan kiefer u qalil. Waqtiet noqgħod naħseb li għandi xitan fija. Nagħmel ħilti biex inrażżnu kemm nista'..... Imma b'dana kollu, hemm qiegħed...italla' u jinżell x'se jaqbad jagħmel. Min jaf x'qed jistenna? Il-lejla qed inħossu bla sabar wisq. Mhux li nista naqilgħu 'l barra ħalli jmur jaħtaf lil dan-Nażżarenu, daqshekk rasu mimlija li għandna nħobbu 'l-xulxin.<br>**Pawsa**<br>Qatt kont tħobb lil xi ħadd int, zija? |
| Deborah | Iva. |
| Esther | Nista', nkun naf lil min? |
| Deborah | Lil missierek |
| Esther | Hu kien jaf li kont tħobbhu? |
| Deborah | Naħseb. |
| Esther | U int x'għamilt? |
| Deborah | Xejn. |
| Esther | Hu kien iħobbok? |
| Deborah | Iva, kien, binti. |
| Esther | U bqajt m'għamilt xejn? Alla tiegħi!......Għidli David ta' Rachel gustus xejn? |
| Deborah | Iva, tassew żagħżugħ gustus. |
| Esther | Żagħżugħ ħelu...bħalma kien David l-ieħor, eh? Taħseb int li kieku nista' nisraqulha, imqar għal darba waħda biss, kieku se nibqa bejn ħaltejn? |

| | |
|---|---|
| Deborah | (Taqbdilha ida x-xellugija) Esther, Esther, tassew lġibli ħniena narak hekk. |
| Esther | Dan l-għemil lġerraħlek lill-ħanina qlabek.....naf. Biss, kulma nixtieq hu li xi hadd jifhem....jifhem li l-iskrupli għebu għal kollox minni. |
| Deborah | Qegħda titkellem hekk minn fommok 'l barra. Dan int ma temmnux. |
| Esther | Kollox sew. |

**Deborah tqum u tmur fit-tarf tax-xellug tas-sufan**

**Fil-bieb tal-kamra jidher IŻAKK, ħażandar mibni u sabiħ u wieħed li jaħseb, jiswa mhux ftit fid-dar.**

| | |
|---|---|
| Iżakk | (Jidħol minn fuq il-lemin u jibqa sejjer fuq Esther)<br>Agħdirni, sidti, imma s-sinjur qallek meta ġej lura?<br>(Issa jogħqod għan-nofs fuq il-lemin) |
| Esther | Le. Iżakk. X'inqala? |
| Iżakk | Għax qed insibha ftit bi tqila biex niftiehem mal-qaddejja. Għall inqas ma' wieħed minnhom.....maż-żagħżugħ Ġakobb. |
| Esther | X'ġara? |
| Iżakk | Irid joħroġ. |
| Esther | Joħroġ dal-ħin, bil-lejl? |
| Iżakk | Hekk hu, għtiulek b'żagħżugħ bil-għaqal b'wiċċ li jaħdem iebes tassew. Imma xi ħaġa ġratlu. Waħħalha f'rasu u ma jridx jaqlagħha minn hemm b'xejn! Sħansitra heddidtu li ndewqu s-swat, imma xorta baqa' jwebbes rasu. |
| Esther | B'danakollu, bħalissa ma jistax joħroġ barra. Ħaġa assurda. |
| Iżakk | Naf, sidti....imma ma jridx jisma' b'xejn. Qed jinsisti li jrid ikellem lis-sinjur. |
| Esther | Is-sinjur mhux hawn bħalissa. |

| | |
|---|---|
| Iżakk | Naf. Għalhekk, x'se naqbad nagħmel? Qed jagħmel plejtu sħiħ. |
| Esther | Mur sakkru f'kamartu. |
| Iżakk | Ippruvajt nagħmel hekk.. Waqaf quddiemi u ħares lejja b'ħarsa li.... Ma nafx, imma dak il-ħin ħassejt li ma stajtx nagħmlu dan. |
| Esther | Missieri jaqbbad ħażandar f'dar biex Iżommlu l-ordni. |
| Iżakk | Kollu, nafu dan, sidti... Jiena nlum lili nnifsi biss... imma dan hu li ġara. Barra minn hekk, dawn Iż-żminijiet mhux hekk għalkemm issib qaddejja tajjbin. |
| Esther | Tajjeb. Hu ħsieba int dil-biċċa xogħol. Madankollu, qaddej tajjeb mhux se joħroġ barra b'dal-mod bla jwissina. |
| Iżakk | (Jersaq ftit iktar lejn Esther) Hemm xi ħaħa stramba tassew dwra dil-biċċa xogħol, sidti. Kif narha jien, ħuti wkoll imdaħħlin fiha. Familja tar0rispett kemm tridha, m'għandnix xi nigħdu...mingħalija sajjieda Ikoll kemm huma. Imma tnejn minnhom ixxierku ma dak il-predikatur ambulanti li kulħadd qed jitkellem dwaru, u nibża' li qegħdin idaħħlulu ħafna flieles f'moħħu. |
| Deborah | Għandi mnejn inkun nista' nagħmel xi ħaġa jien. |
| Iżakk | (Bi bruda) Ma naħsibx li jirnexxilek, Sinjura Deborah. |
| Esther | Mur għidlu jitla jkellimni. |
| Iżakk | Agħdirni, sidti, imma..... |
| Esther | Mur għidlu jitla' jkellimni. |
| Iżakk | Imma.... |
| Esther | Agħmel kif għidtlek. |
| Iżakk | Kollox sew. |
| | **Joħroġ minn fuq il-lemin.** |

| | |
|---|---|
| Esther | Żgur xi praspura oħra minn dawk li jaf jagħmel il-ħabib imprezzabbli tiegħek! |
| Deborah | Mhux l-ewwel darba li kellimtu lil Ġakobb. Żagħżugħ minn tagħna ħafna.(Bħalissa qiegħeda quddiem it-tarf tax-xellug tas-sufan) |
| | **Ġakobb, zagħzugħ ta' bixra intelliġenti, ħerqan, fqajjar jiġi mdaħħal minn Iżakk, li jibqa' fil-bieb fuq il-lemin..** |
| Iżakk | Tridni noqgħod hawn, sidti? |
| Esther | Aħjar.....<br>**Iżakk imur joqgħod fuq il-lemin taħt l-arkata tal-bieb.**<br>Emm...x'jismek int?.....Ġakobb, hux? |
| Ġakobb | (Imur joqgħod fuq il-lemin ta'Esther) Iva, sidti. |
| Esther | X'inhu dan li qalli fuqek Iżakk? |
| Ġakobb | (Iħares warajħ lejn Iżakk) Jien ma nafx x'qallek. |
| Esther | Li trid toħroġ mid-dar, dal-ħin tal-lejl. |
| Ġakobb | Iva... jeħtieġli noħroġ. |
| Esther | Jeħtieġ...hekk gaħndek titkellem? Jaqaw trid titlaq darba għal dejjem? |
| Ġakobb | Ma nafx. |
| Esther | Għax kemm il-darba titlaq b'dan il-mod, tkun tlaqt għal kollox. |
| Ġakobb | Qed nifhem. |
| Esther | Ma naħsibx li qed tinħaqar hawn, hux tassew? |
| Ġakobb | Dażgur li le. |
| Esther | Jaqaw ix-xogħol li għandek ma tiflaħx għalih? |
| Ġakobb | Le....hu xogħol ħafif. |
| Esther | Għandek paga mhux ħażin, hux tassew? |

| | |
|---|---|
| Ġakobb | Iva. |
| Esther | Mela x'ġara? |
| Ġakobb | Jeħtieġli immur hemm...Betanja..(Jagħti pass 'l hawn fuq il-palk) |
| Esther | Imma, nigħd jien, xi trid tmur tagħmel Betanja? |
| Ġakobb | Jeħtieġ li nkun hemm. Dak kollox. |
| Esther | U meta beħsiebek terġa lura? |
| Ġakobb | Ma nafx. |
| Esther | Meta għarrfek għall-ewwel darba dan, Iżakk? |
| Iżakk | Mhux aktar minn siegħa ilu...meta qabbattu jagħlaq il-bibien tal-bitħa. |
| Esther | Ma tintebaħx li mġiebtek hija ftit u xejn stramba? |
| Ġakobb | X'jimporta?...Hawnhekk ma niswa xejn jien...in-nuqqas tiegħi ħadd ma jinduna bih. |
| Esther | Dażgur li ma tiswa xejn....Imma l-qaddejja ma jistgħux jiġu u jmorru kif jidhrilhom huma. Xogħolok huwa ta' siwi kbir żgħir, m'għandnix xi nigħdu, imma xorta rrid isir. |
| Ġakobb | Jeħtieġ li nkun hemm. |
| Esther | Jekk hi xi ħaġa daqshekk importanti, għaliex ma mortx mingħajr ma staqsejt? |
| Ġakobb | Għax ma rridx nidher li qed naħdem minn taħt. |
| Esther | Ma' min għandek tiltaqa' f'Betanja? |
| Ġakobb | Ma' l-imgħallem. |
| Esther | Ma' l-imgħallem? Imma l-imgħallem mhux Betanja qiegħed.... Tkunx iblaħ. |
| Ġakobb | Qed ingħid għall-Imgħallem l-ieħor....għall-Imgħallem. |

| | |
|---|---|
| Esther | Trid tfisser dar-raġel?...li jsejħulu Ġesu? |
| Ġakobb | Iva...l-Imgħallem. |
| Esther | X'taf fuqu int? |
| Ġakobb | Għandi żewġ ħuti li ngħaqdu miegħu...Pietru u Indri. U jien ġa smajtu jitkellem darbtejn. |
| Iżakk | Ħsibtu jien dan! |
| Esther | Mela ma tafx li hu raġel perikolus ħafna? |
| Deborah | Le għażiża tiegħi... |
| Esther | Jekk jogħġbok, taqbiżx fin-nofs zija Deborah,.Mhux għajr jamgħel ħafna nies mdejqin. Tista tara b'għajnejk. |
| Ġakobb | Jien mhux dan li ħassejt dwaru, sidti. Ġewwa fija ġagħalni nħoss li....li b'xi mod kont niswa għal xi ħaġa, jekk tifhem xi rrid nigħd. Mhux xi ħaġa kbira, jew xi ħaġa ta' l-għaġeb...imma... |
| Deborah | Jien naf xi trid tgħid. |
| Esther | U għalhekk taħseb li x-xogħol li għandek ma jgħoddx għalik. |
| Ġakobb | Xejn minn dan. Kull ma nixtieq hu li nitgħallem aktar minn għandu.... u għadni kif smajt li qiegħed Betanja. Qegħdin igħidu wkoll li se jidħol Ġerusalemm - fil-qalba tan-nies li jobogħduħ. Il-verita hi kollha kemm huma jibżgħu minnu, imma jistgħu jagħmlulu xi ħsara. Jeħtieġ li nkun miegħu. |
| Esther | Biex tħarsu...hux hekk?. |
| Ġakobb | Tista' tiddieħek biha kemm trid, sidti. Kulma nista nigħdlek hu li ma nistax noqgħod inħaqqaqha miegħek dwar dil-ħaġa. Naf tajjeb li jeħtieġli mmur....dak kollox. |
| Iżakk | Jisgħobbija, sidti, li kellu jiġi joqgħod idejqek daqshekk. |
| Esther | U wara, x'taħseb li tkun tista' tagħmel? |

Ġakobb Ma nafx! X'nista' nigħd hux?...Nista mmur issa jekk jogħġbok?

Esther Ħallih imur, Iżakk.

**Ġakobb jersaq lejn il-ħruġ.**

M'għandniex xi ngħidu, tifhem li m'intix se titħallas, hux tassew?

Ġakobb Jien ma rridx nitħallas.

Esther U m'hemmx għalfejn terġa tiġi lura.

Ġakobb Kollox sew, mela....

Deborah Esther għażiża tiegħi, żgur li....

Esther Jekk jogħġbok, zija Deborah.(Lil Ġakobb) Tista' tmur.

Ġakobb Għandi mnejn ikolli x-xorti nkellmu...xi minn daqqiet ikellem lil kull min imur fuqu, jekk jirnexxili, nigħidlu li int ħallejtni mmur.

**Joħroġ minn fuq il-lemin, imħeġġeġ ħafna.**

Iżakk Jekk inti taħseb li jkun kollox sew, sidti.....

Esther M' għandniex għalfejn inżommu mġienen id-dar.

Iżakk Dażgur. Kemm il-darba toħodha fuq spallejk ir-responsabilita.

Esther Biżżejjed, Iżakk.

Iżakk Iva, sidti. (Joħroġ minn fuq il-lemin)

Esther Imġienen...dak kollox.

Deborah (Tiġi għal lemin ta' Esther quddiem is-sufan) Ma ħassejtx fik li kien qed jgħid il-verita', għid?

Esther X'għandhom x'jaqsmu mal-verita' li xi ħadd jitlef ħobżu minn rajħ u li jibqa bla ħabba.

| | |
|---|---|
| Deborah | Għalkemm, jiena nista' nifhem x'ried ifisser. Xi ħaġa li ma tistax titlissen bil-fomm...Xi ħaġa dwar dal-bniedem li hi għal kollox ġdida... li ma taqbel xejn mat-twemmin il-qadim tagħna...Bħallikieku qed jerġa' jibni mill-bidu. Iqiegħed sisien ġodda,...jistaqsina u jħajjarna 'lkoll biex ngħarblu lil qlubna...biex inwarrbu minna kull pretesjoni. |
| Esther | X'għandu x'jaqsam magħna dan kollu? Din hija dinja ta' siltiet ta' suspetti u tagħdid u tradimenti. Kull ma neħti hu li nkunu nistgħu nħarsu lilna nfusna tajjeb, u li nikseb s-segħta kemm jista jkun. Qegħda ngħidlek li dak mhux ħlief qerq. (Tqum bil-wieqfa u tiġbed lejn lejn ix-xellug) |
| Deborah | Jista' jkun li għad tasal...wara ħafna ġranet. (Titla t-tarġiet u tmur lejn il-kontraporta tax-xellug, tiftaħħa u toqgħod fuq il-lemin tagħha tħares l barra) |

**Rachel tidħol minn fuq il-lemin u tmur quddiem is-sufan**

| | |
|---|---|
| Rachel | Xi ġralu Ġakobb? |
| Esther | Telaqna dak kollu. |
| Rachel | Rajtu għaddej jiġri waqt li kien qed jaqsam il-bitħa. Sejjaħtlu, u saqsejtu fejn kien sejjer. Weġibni li kien sejjer Betanja. (Titla' t-tarġiet u tħares 'l barra) Hemm hu!...Tiela t-telgħa bil-ġirja. Għalfejn sejjer Betanja? |
| Esther | Għax irid imur jingħaqad ma ħutu. (Toqgħod bil-qegħda fuq banketta fuq ix-xellug tal-palk) |
| Deborah | Dawk imdaħħlin fix-xirka ta' Ġesu tan-Nażżaret. |
| Rachel | (Tħares lejn ix-xellug) X'se jiġri dal-lejl, zjia Deborah xi ħaġa donnha qabdet miexja....ma kullimkien. |
| Esther | Naf li hija lejla ta' qamar kwinta....waħda li theżżeż l-imħuħ dgħajfin. |

**Iżakk jiġi u jidħol mil-lemin.**

Iżakk (Mill-bieb) Ma nafx x'inhu jiġri l-lejla sidti. Did-darba tolqot lil Mastru David....qed jigħd li jrid jara lil sidti Rachel. Jiena fakkartu x'ħin sar.... u għamilt ħaġa oħra wkoll. Saħansitra wasalt biex inwisiħ li hu mhux . milqugħ f'did-dar. Ġegħlt lil min jagħalaqlu l-bieb f'wiċċu wkoll imma xorta daħal ġewwa. Għarraftu li kont se mmur insib il-kap tad-dar jew lil sidi Mathias...imma weġibni li kien jaf li kienu t-tnejn barra. X'se naqbad nagħmel sidti?

David (Hu u tiela t-taraġ...."off stage") Rachel....Rachel!

**Iwarrab lil Iżakk minn nofs x'ħin ikun dieħel fil-kamra minn fuq lemin. Għandu xagħru aħmar, ibiegħ is-saħħa, mibni u sabiħ, jixbaħ il xi atleta.**

Rachel (Waqt li ddur lura) David!......Ma jmissekx ġejt hawn.

**Iżakk joħroġ**

David Ma stajtx nagħmel mod ieħor.

Esther Għażiltu bil-għaqal il-ħin li tidħol hawn ġew, meta missierek u ħija kellhom ikunu barra! Tassew ta' min ifaħħrek!

David (Sempliċiment) Titkellimx hekk, jekk jogħġbok. (Imur quddiem is-sufan) Kien jeħtieġli li naraha lil Rachel...ħtaft l-okkażjoni. Għada qatt ma kellna lejla bħal din. (Jersaq lejha fuq il-lemin) Għażiża Rachel.....
(Iqiegħed sieqU x-xellugija fil-qiegħa, Iħares lejn ix-xellug)
Ġesu jinsab f' Betanja...se jidħol 'l belt.

Rachel Naf

David Ikoll kemm aħna li nħobbuħ ilna nistennew ix-xhur għal ġrajja bħal din. Din sfida insejħilha jien.

Esther B' daqshekk?

David Jien inħobbok ħafna, Rachel...taf tajjeb kemm inobbok. Se mmur ningħaqad miegħu....u nixtieqek tiġi int wkoll.
Issa stess

Esther (Tqum bil-wieqfa) Bilfors li qed tiġġennen.

David (Jittla t-tarġiet u jżomm id Rachel f'idu) Le..Le...Le!
Hu nnifsu qalilna...li għandna nitilqu 'l kulħadd u mmorru warajh.
Issa ż-żmien wasal. Jeħtieġ li kulħadd jaqtagħna darba għal dejjem....
jew 'l hawn, jew 'l hinn.... Jew aħna miegħu jew kontra tiegħu.

Esther Did-dar hija kontra tiegħu.

David Int ma tistax tikellem għal Rachel. Din hija kienet tafu 'l ħin kollu.
(Jerġa jdur lura lejn Rachel) Irridu nagħżlu bejn il-ħajja l-qadima
jew l-oħra, il-ġdida. F' Betanja qegħda tinġabar miġemgħa kbira
.ta' nies. Trid tiġi?

Rachel Imma kif jista jkun?

David X'jiġifieri, kif jista' jkun?

Rachel Irrid nigħd....dal-lejl stess....għandi kollox...kif nista' nħalli kollox
warajja, hekk....ħabta u sabta?

David Ismagħni. Il-ħajja kollha tagħna, minn issa 'l-quddiem, tiddependi minn
att wieħed ta' twemmin. Jekk aħna nonqsu...jekk int tonqos...kull min
jaf, il-ħbieb kollha ta' missierek, il-kbarat ta' Ġerusalemm, igħdu li kellek
raġun. Imma aħna t-tnejn inkunu tlifna l-xulxin.

Rachel Jien nemmen, David..nemmnek...nemmen f'dak kollu li tagħmel int.
Imma kif jista jkun nitlaq issa stess?

David Bħalissa m'għandna xejn xi jżommna. Għada għandhom mnejn
jippruvaw jegħilbuħ u jirbħuħ. Li wieħed ma jkunx miegħu issa jfisser
li jiċħdu. Dan jien ma nistax nagħmlu.
(Jimxi ftit għan-nofs imma aktar lejn il-lemin)

Cue 10 Fade Lights to level 8

Rachel (Fuq it-tarġa tat-terrazzin tħares l'hinn mill-palk)
Zija Deborah għidli x' naqbad nagħmel?

Deborah Ħadd ħliefek ma jista jwieġibha dik il-mistoqsija, binti.

**Tiftaħ il-bieb tal-lemin tal-magħlaq u tibqa jtħares lejn l-għoljiet għal ftit. Issa jidhru mdawlin b'dawl il-qamar. Imbagħad.**

Rachel (Tidħol fil-kamra) Zija Deborah.

Deborah Iva, għażiża tiegħi.

**Toħroġ ħdejha. Matul ix-xena li ġejja jgħaddu minn waqt għall-ieħor minn quddiem il-fetħa tat-terrazzin waqt li jkunu tegħlin u niżlin matulu. David Iħares lejn il-lemin minn fuq it-tarġa fin-nofs.**

Esther (Wara waqfa) David. (Tmur fit-tarf lemini tas-sufan)

David Iva, Esther?

Esther (Tmur in-naħa ta' quddiem fit-tarf lemini tas-sufan)
Tagħtix kas jekk jitlagħli malajr. Kollu ħtija ta l-għama tiegħi li sirt hekk.

David Tħabbilx rasek, jiena nifhem. (Imur lejn in-naħa tat-tarf tax-xellug tas-sufan)

Esther (Toqgħod bil-qegħda fuq il-lemin tas-sufan) Ejja u oqgħod ftit bil-qegħda ma ġenbi.
**David imur joqgħod bil-qegħda ma ġenbha imma fuq il-lemin tagħha.**
Tarrafli xi ħaġa dwar dan Ġesu.

David Tassew li trid tkun taf?

Esther Nixtieq li tgħidli int.

David Iġagħlna naraw kollox mod ieħor. Hu jberred u jxejjen is-siltiet li wieħed isib ruħu fihom, tista' tgħid il-biċċa l-kbira ta' dawk is-siltiet li wieħed ikollu miegħu nnifsu.

Esther Żgur li m'intix toħolmu dan kollu?

David Ma nafx. Wara kollox qed ngħidlek xi nħoss jien.

Esther Issa tara kif kollox itir mar-riħ...kollox jerġa' jiġi bħalma kien qabel.....
L-istess kif minn dejjem kien.

David Ma naħsibx.

Esther Għaliex dak kollu li għad tista' tkun fil-ġejjieni tħalih għal daqsxejn ta' ħrara fiergħa tal-mument?

David Xejn minn dan.

Esther Jien hekk naħsibha.

David Inti għadek ma tistax tifhem.

Esther Dażgur li nifhem. Int imissek għandek qagħda għolja ħafna f'Ġerusalemm.

David Il-qagħdiet għoljin m'himiex ħajr duħħan li jtir mar-riħ.

Esther Issa qed titkellem hekk, imma għad tiġi f'sensik

**(Pawsa)**

Tħobbha ħafna lil oħti?

David Iva.

Esther Ili ma naraha minn meta kienet għadha żgħira. Hi sabiħa xejn?

David Sabiħa ħafna.

Esther Kif jgħidu li jiena kont sabiħa wkoll. Taqbel int?

David Iva, imma għaliex qegħda tistqasini?

Esther In-nisa jħobbu ħafna jisimgħu min itennilhom li huma sbieħ. U jiena wara kollox, għadni mara.....Jisgħobbija li missieri ma jridekx tidħol Iżjed hawn ġew. Bluha minn tiegħu. Jekk trid inkellimhulek jien. (Tqiegħed idha fuq tiegħu) Jiena nixtieqek tibqa' żżurna

David (Jersaq bogħod minnha) Jekk jogħġbok, Esther....tagħmilx hekk. (Ineħħi idu)

Esther Tajjeb ħafna...imma m'għndekx għalfejn tkun daqshekk ħerqan! Jekk ġibt ruħl ftit u xejn bil-goff, iftakar li jiena għandi possibilitajiet bħalma għandu kulħadd!

David Tassew jisgħobbija, Esther....imma ma nistax. (Iqum)

Esther M'għndna xejn xi ngħidu aktar. Jekk trid tkun taf il-verita, jien għidt lil missieri li jkun iblaħ jekk lħalli tidħol haen ġew aktar. Dawn il-praspar dwar in-Nażżarenu ma jagħmlu ġid li ħadd...għallinqas mhux lilna.

Cue 2

Fade Lights up

David (Imur quddiem it-tarf tal-lemin tas-sufan) Il-lejla ma nafx kif qed narak, Esther, tidher stramba.

Esther Naf. Ħtija tax-xitan li għandi fija.

Rachel (Tieqaf fid-daħla tat-terrazzin flimkien ma Deborah tidħol fil-kamra) Meta se tmur? (Tiġi wara is-sufan għan-nofs lemini tiegħu)

David (Imur ħdejha fuq il-lemin) Issa…dal-lejl stess. Tiġi int?

Deborah (Minn fuq il-lemin tal-qiegħa) Taħseb li jkun kollox sew għalija f'Betanja.

David Dażgur. Għandi ħbieb oħra hemm. Imbagħad se jkun hemm bosta nisa wkoll.

Rachel Niġi miegħek David.

Esther U jien ma nħallikx.

Rachel Dan li għandu jagħddi minna. Mur, David. Stennieni fi djul l-għolja. Dalwaqt ningħaqad miegħek. (Jitgħannqu)

**Jaqbad sejjer lejn il-lemin biex joħroġ. Malli jagħmel hekk jiġi wiċċ ma wiċċ ma Mathias.**

Mathias Int? Xi jfisser dan?

**Deborah tinżel għan-naħa tax-xellug tas-sufan..**

Esther Ġejt lura kmieni ħafna, Mathias.

Esther Ġie biex jieħu 'l Rachel miegħu, irid joħodha Betanja.

**Issa l-qagħdiet huma hekk:- Mathias in-naħa tal-lemin fil-bieb tal-kamra, David għan-nofs lejn il-lemin, Rachel in-naħa tal-lemin l fuq, Esther bil-qegħda fuq is-sufan u Deborah lejn ix-xellug tiegħu.**

Mathias Betanja! F'ġieħ Alla, nista' nkun naf fuqhiex qed titkellmu.

Rachel Sejra ma' David.

Mathias X'qed jagħtik żagħżugħa? Taf x'inti tgħid?

| | |
|---|---|
| Rachel | Iva, Mathias....naf. |
| Mathias | (Lil David) Int ma titkellem xejn? Nista' nkun naf x' l-imniefaħ ifisser dan? |
| David | M' hemmx xi tgħid. Se mmoru Betanja. |
| Mathias | Int tista' tmur Betanja jew fejn ix-xjafek trid. Imma Rachel.....Mela kulħadd qed jiġi msaħħar il-lejla? Iżakk għadu kemm għarrafni dwar dak l-imbeċċilli ta' żagħżugħ Ġakobb. (Jigħrex - lil David). Itlaq ' l barra minn hawn int, ja ħajjen..... |
| David | Mathias..... |
| Mathias | Itlaq 'l barra, qed ingħidlek. |
| David | Jekk jogħġbok tkunx...... |
| Mathias | Itlaq 'l barra.....itlaq 'l barra....itlaq 'l barra...<br>Ġa belt kollha hija miżgħuda bis-semm li tafu xxerdu intom.... U aħna, hawn ġew ma rridux ikollna x'naqsmu magħkom. |
| Rachel | Mathias..... |
| Mathias | Titkellimx int...inti bla mistħija wkoll. Din dar ta' nies tal-galbu. |
| Deborah | Mathias, ibni...... |
| Mathias | Biżżejjed issa...qed ingħid għal kulħadd. Se titlaq int? |
| David | Sejjer. Imma dan l-għadab kollu, x'waħda din! |
| Mathias | Għadab! Inti tiżra l-ħerba kullimkien bit-tagħlim ta' qirda li qed ixxered, tqrrqaq b'niesek stess, lżżeblaħ l-istess liġi u 'l twemmina. Tidħol bis-serqa hawn ġew waqt li jkollnha dharna mdawwar sabiex tisraq lil oħti u twaqqagħha fil-ħama taż-żina tiegħek.....u jien m'għandix għalfejn nagħdab, hux tassew? Imissek tiġi mkeċċi 'l barra bis-saqajn int. (Isejjaħ) Iżakk! Iżakk! (jitla ftit in-naħa ta' fuq il-palk) |
| Deborah | Ibni, imma dan ma jagħmel ġid lil ħadd...... |
| Iżakk | (Ifeġġ fid-daħla tal-bieb fuq il-lemin) Iva, sidi Mathias. |

| | |
|---|---|
| David | (Jersaq pass lejn Mathias) Ibagħtu lura minn fejn ġie lil dar-raġel Mathias. |
| | **Rachel tmur ħdejn Deborah fuq ix-xellug** |
| Mathias | Iżakk..... |
| David | Ibagħtu lura...qed tisma? |
| Mathias | Iġbor lin-nies tiegħek, Iżakk. Agħtihom il-frosti. Meta dal-brikkun joħroġ minn hawn, aqbdu sawtuħ fit-triq. |
| Rachel | (Tagħmel pass lejn il-lemin) M'għandekx..... |
| Mathias | (Lil Iżakk) Mur. |
| | **Iżakk joħroġ minn fuq il-lemin** |
| David | Imma għaliex titntilef daqshekk minn sensik? |
| Mathias | (Jersaq aktar qrib ta' David) Issa oqgħod ħabbel rasek ftit il-ħelu twemmin tiegħek se jġerraħha l-qagħdali se ssib ruħek fiha int.... imsawwat, qed tifhem? |
| David | La timbixnix. |
| Mathias | (Jersaq fuq il-lemin ta' David) Mela, wara kollox, din l-Imħabba kollha tagħkom jista' jimbixha xi ħadd eh? |
| David | Għid lil dawk l-irġiel biex ma jmissunix. |
| Mathias | L-amar tiegħi ħaduħ. Ġo Betanja mur newwaħ u oqgħod urihom il-ħżuż tas-swat li jkunu ħallulek fuq ġismek. Staqsiħ ftit il-Ġesu tiegħek xi jkun għamel għalik. |
| David | Titkellimx b' dan il-mod..... |
| Mathias | Għidlu x'jista jistenna huwa wkoll. |
| David | Ma nista nħallik tlissnu kliem bħal dan..... |

Mathias Ma nistax nħallik! Mur għidlu li Ġerusalemm m'huwiex il-post magħżul biex iwettaq fih tħasir in-nies kif irid jagħmel hu....għidlu li aħna nafu tajjeb kif ngħaddbuħ għad-dagħa tiegħu.....

David Mathias...qed nitolbok bil-ħniena...

Mathias Għidlu kemm nafu nsewwulhom drawwierthom il-ħallielin ta' bil-lejl.

David Għal darba oħra qed......

Mathias Mur għid lil dak il......

**David ixxejjer daqqa ta' ponn lil Mathias fuq ħalqu. Rachel taqsam għan-nofs il-palk quddiem is-sufan. Esther tqum bil-wieqfa. Jinżamm skiet għal waqt wieħed waqt li Mathias jibqa' ċċassat iħares lejn idu. Imbagħad:-**

David X' waħda din, Alla tiegħi! X' għamilt b'idejja!....Mgħallem (Aktar bil-karba) Magħallem!

Rachel (Tmur ħdejn David) David! (Tmur togħqod fuq ix-xellug tiegħu)

**Jinżel għarkobbtejħ, sobgħien, jingħi bil-mod, b'rasu mniżżla bejn diragħjħ.**
**Deborah tersaq in-naħa ta' fuq il-palk, għan-naħa tat-tarf tax-xellug tas-sufan, ħdejn it-taraġ tat-terrazzin.**

**Salathiel jidħol minn fuq il-lemin**

Salathiel Hawn x'ġara?
**Salathiel jibqa fid-daħla tal-bieb, Mathias imur lejn l-iskrivanija. Easther terġa' toqgħod bil-qegħda**
X' inhuma qegħdin jagħmlu hemm isfel dawk l-irġel bis-swat f'idejhom?
**Pawsa - Silenzju**
Mela mmutajtu 'lkoll.

Esther David għadu kif tana xempju tat-tagħlim tan-Nażżarenu.

Salathiel Qabel xejn tistgħu tgħiduli għaliex qiegħed hawn dak?

David (Idur lejn Mathias-bil-ħniena) Aħfirli, Mathias. Tassew inħossni nistħi minn għemili. Twemmini ma felħax lġarrab lanqas provokazzjoni -

| | |
|---|---|
| David | - waħda biss! |
| Mathias | Itlaq 'l barra. |
| Rachel | David inti sejjer Betanja? |
| David | Ma dan kollu, jeħtieġ ngħidlu. Hu għandu qalbu ħanina u jaf jagħder. |
| Rachel | Jiena ġejja miegħek. |
| David | Le mhux issa. |
| Rachel | Issa aktar minn qabel. |
| David | Tlift ruħi. |
| Rachel | Nerġgħu nsibhua mill-ġdid flmkien, tibżax. |
| Salathiel | Xj jfisser dan kollu? (Jersaq l' ġewwa fil-kamra) |
| Rachel | Se nitlaq ma David, Pa. |
| Salathiel | X' jiġifieri? |
| Esther | Ikun aħjar tħallihom jitilqu. |
| Mathias | Iva, ħalliha titlaq. M'għandiex x'taqsam Iżjed ma' did-dar.Aħjar neħilsu minnhom. Hekk jew hekk, ġa seraqielna. |
| Salathiel | (B'qilla) Msejkna żagħżugħa! |
| | **Jerġa' jiġi lura Iżakk u jfeġġ fuq il-lemin** |
| Iżakk | Ġie ċenturjun jistaqsi għalik. Qiegħed isfel. |
| Salathiel | (Jaqsam il-palk u jmur fuq ix-xellug) Kollox sew. Mur tellgħu s' hawn fuq. |
| Mathais | U n-nies tiegħek ma jkollniex bżonnhom. |
| | **Iżakk joħroġ** |

Rachel Pa....

Salathiel M' hemm xejn xi ngħidu.

**Iżakk idaħħal liċ-Ċenturjun, u jitlaq. Iċ-Ċenturjun Ruman jaqsam il-palk u jmur ħdejn Salathiel fuq il-lemin.**

Ċenturjun (Jagħtih biċċa parċmina) F' isem Ċesri.

Salathiel (Joħodha) Iva. Naf x'fiha miktub. Il-Gvernatur qalli. Għdni kif ġejt minn ħdejħ.

Ċenturjun (Jaqsam lejn il-lemin u jmur joqgħod bejn david u Mathias imma ftit 'l isfel minnhom) Naħseb li 'lkoll għandkom isserħu moħħkom. Ittieħdet kull prekawzjoni. Id-djar ewlwnin fuq it-triq li tieħu għal Betanja se jiġu mħarsin minn nies tagħna. Erbgħa minnhom ġew ordnati biex jagħmlu l-għassa hawn. Trid tagħti ordni lill-qaddejja biex għada filgħodu mas-sebħ jiftħulhom u jdaħħluhom ġewwa?

Salathiel Kollox sew.

Ċenturjun Ħadd ħliefek ma jkun jista' joħroġ mid-dar matul il-ġurnata. Dak hu l-permess tiegħek.

Salathiel Kollox sew.

Ċenturjun F' każ ta' periklu kbir, li ma naħsibx li jseħħ, għandhom jindaqqu l-qniepen bħala twissija. F' dak il-kas l-għassiesa għandhom ordni biex jimbarraw il-bibien tad-dar.

Salathiel Kollox sew.

Ċenturjun Dak kollox. Il-lejl it-tajjeb. (Id-dur biex jitlaq, imma jieqaf lħares lejn . Mathias) X' kont se nigħd?....m'hemmx għalfejn nistaqsi imma bħala rutina.....inti m'għndekx xi tgħid xejn fuq ħadd minn dawk li jinsabu hawn ġew, hux?

Salathiel Emm......

Ċenturjun Dwar il-qaddejja, biex ingħid hekk?

Salathiel Emm... il-qaddejja kollha ta' min jorbot fuqhom.

Ċenturjun — Hekk hu. Il-lejl it-tajjeb. (Joħroġ minn fuq il-lemin)

David — (Jinżel pass l' isfel) Għaliex ma tkellimtx?

Salathiel — Bqajt sieket minħabba dik l-imsejkna żagħżugħa. (Imur in-naħa ta' wara tas-sufan fuq ix-xellug tiegħu)
U issa x'ser jsir.

**Deborah tmur ftit lejn ix-xellug fuq it-taraġ**

Rachel — Ikollna mmorru. (Tmur aktar qrib David)

Salathiel — (Jersaq aktar lejn Rachel) Għal sitt ġenerazzajonijiet did-dar bagħqet dejjem lżżom ġieħa, u issa binti se titlaqha fis-siegħa tat-tergħir.

Rachel — Kieku biss kont taf....

Salathiel — Naf jien! Ħabbejtek ħafna Rachel. Imma issa ntemm kollox. Mur (B' idejħ merfugħin 'l fuq) u jalla l-ħtija ta' l-lżball tiegħek titwieżen fuq rasek stess.

Deborah — (Tinżel fuq in-naħa tax-xellug tas-sufan) Salathiel, jiena għixt biżżejjed minn fuq il-karita li sa 'llum dejjem tajtni. Nixxik ħajr għaliha minn qalbi tabilħaqq. Imma issa wasal lż-żmien li jiena nitilqek. In-Nażżarenu, kien bassru dan meta qal: "Jiena ġejt biex inissel il-Paċi imma x-xabla. U l-għedewwa tal-bniedem ikunu dawk minn fost id-dar tiegħu stess". (Taqsam il-bieb fuq il-lemin) Ejjew.

**Joħroġ David, jaqsam lejn il-bieb fuq il-lemin u joqgħod jistenna. Rachel tagħmillu s-sinjal biex joħroġ, u hu jagħmel hekk. Għal waqt wieħed Rachel tibqa quddiem missierha, li ma jiċċaqlaqx, imbagħad tmur wara David u toħroġ minn fuq il-lemin.**

**Esther tqum bil mod u tmur lejn il-bieb fuq il-lemin.**

Salathiel — Mur idħol fis-sodda Esther, ħanini.

Esther — (Wara waqfa waqt li tiħaq il-bieb) Il-lejl it-tajjeb.

**Toħroġ minn fuq ix-xellug**

Salathiel Mathias, għid lil Iżakk li l-għassiesa jkunu hawn filgħodu mas-sebħ.

Mathias Iva, Pa. Il-lejl it-tajjeb.

**Mathias joħroġ minn fuq il-lemin**

Salathiel Il-lejl it-tajjeb. SALATHIEL + RACHEL INC MUSIC

Light L = 6

**Jinstemgħu ħsejjes ġejjin minn naħa ta' l-għoljiet**

**Salathiel joħroġ fuq it-terrazzin, u jħares tul it-triq li tieħu għal Betanja. Għal ftit ma jkunx se jgħajjat "Rachel" imma jrażżan lillu nnifsu mnikket għall-aħħar.**

**Is-separju jingħalaq bil-mod.**

**TMIEM**
**L-EWWEL ATT**

# It-Tieni Att

White
BACK

SC5 → CD.T.5
Till Renaw 3.00

LC 12

Ix-Xewwiex minn Nazaret - 2

## It-Tieni Att

Wara nofs inhar ta l-għada. Xemx tiżreġ.

Fit-terrazzin hemm żewġ għassiesa Rumani, kull wieħed minnhom maġenb banketta, ma jiċċaqlaq xejn, lżomm ħarstu mwaħħla fuq it-triq li tinfirex quddiemu. L-ewwel għassies qiegħed fuq ix-xellug. It-tieni fuq il-lemin. It-tieni għassies imur jittawal minn fuq l-balustrata, u wara jerġa' jieħu postu li KIEN fih qabel.

Jidħol Salathiel minn fuq il-lemin. Mid-dehera kien qed jiekol, għax f'idu għandu sarvetta u qdieħ tax-xorb. Imur fit-terrazzin jieqaf bejn lż-żewġ għassiesa, lħares in-naħa ta' Betanja mill-fetħa tan-nofs.

Salathiel   Għad m'hemm ħoss ta' xejn, hux tassew?

1st Għassies   Xejn sinjur.

Salathiel   Wara kollox naħseb li qgħadna nitbeżżgħu għalxejn.

1st Għassies   Ma nistagħġibx, sinjur.

2nd Għassies   Jiena mill-ewwel għidt li jaħsbuha darbtejn meta jasal il-waqt.

Salathiel   Għalhekk irrid naħseb li lilek dal-bniedem xejn ma jinżillek, hux tassew?

2nd Għassies   Lili, sinjur? Dażgur li le! B'dankollui, kemm il-darba jibqa' jterraq qalb l-irħula ż-żgħar, ma naħsibx li għandu jaqlagħlna l-għawġ. Kemm jista' jkun, ma tantx nixtiequħ jiġina mas-saqajn hawn f'Ġerusalemm. Biżżejjed għandna nies li qed ifittxu fuqhiex iqabbdu duffrejhom daż-żmien! Tħadiddiet li jagħti hu jgħoddu ħafna għalihom tabilħaqq.

Salathiel   (lħares il-quddiem) Ħarsa tabilħaqq għaqlija dwar il-qagħda kollha. (Jinżel ftit 'l isfel fil-kamra)

1st Għassies   Għadirni nistaqsik, sinjur. Ma naħsibx li għadek ħadt ebda aħbar dwar lż-żagħżugħ hux tassew?

Salathiel   Le għadni.

1st Għassies — Tassew jisgħobbija li kellha titlaq hekk, sinjur.

Salathiel — Grazzi ħafna tal-ħsieb.

**Jidħol aktar fil-kamra, iqiegħed is-sarvetta u qdieħ tax-xorb fuq il-mejda, n-naħa t'isfel fuq ix-xellug, imbagħad imur lejn is-sufan u jinxeħet bilqegħda fuqu bal knot. Wara ftit jaqbad jingħi u jigħd inkwetat...."RACHEL" għal darbtejn. Imbagħad iqum u jerġa jitla' 'l fuq lejn ir-rokna fuq il-lemin. Żummara ta' ragħaj tinstamma ddoqq min-naħa ta' l-għoljiet.**

**(Esther tidħol minn fuq ix-xellug, u wara tmur għan-nofs lemini)**

Esther — (Mill-bieb) Toqgħodx titnikket aktar, pa. Rachel ġiebet ruħa ta' waħda belha. (N.L). Fl-imgħoddi ħafna xebbiet għamlu bħalha.....u ħafna għad jagħmlu bħalha wkoll fil-ġejjieni. Għalhekk m'hemmx għalfejn toqgħod tibki dwar din il-biċċa ta' xogħol.
(Tmur lejn is-sufan)

Salathiel — Naf...ma jistħoqqilhiex. Imma kienet marbuta ħafna ma' qalbi.

Esther — Qed titkellem bħallikieku m'għadx fadallek bint oħra.

Salathiel — Taf tajjeb li l-problemi m'humiex se jinħallu b' dal-mod, Esther ħanini. Trid tistabar miegħi.

Esther — (Toqgħod bil-qegħda f'nofs is-sufan) Tħabbilx rasek, "naf kif" ninstabar jien.

Salathiel — (Jaqsam għan-naħa tax-xellug quddiem is-sufan)
Tmur terħi ruħha f'idejn nies imwarrbin bħal dawk eh?

Esther — Għaliex ma toħroġ ftit u tara x'qed jiġri b'għajnejk?
Għal-inqas issib ftit f'hiex theda!

**Id-daqq taż-żummara fuq l-għoljiet jieqaf.**

Salathiel — (Imur fuq it-terrazzin minn fuq ix-xellug) Xejn mhu qed jiġri. Issa ilu li għadda nofs-inhar. Ikolli nigħd, bidlu l-ħsieb li kellhom. (Issa qiegħed f'nofs it-terrazzin lħares 'l barra)

Esther — Sata' widdibhom xi ħadd li jkun jaqblilhom jekk ma jiġu xejn mill-ewwel.

Salathiel — (Jasal sa tarf it-terrazzin) Hekk naħseb ġara.

Esther — B'danakollu ma nemmen qatt li lil dawn in-nies jonqoshom il-kuraġġ. Naf tajjeb li Rachel tħobbu lil dak lż-żagħżugħ, u naf ukoll li tinsab għal qalbha. Wara kollox, xorta jibqa l-fatt li kien għemil ta' ħila u dehen dak li wettqet, imma x'imlieha b'daqshekk ħeġġa u kuraġġ?

Salathiel — La naf, u lanqas ma rrid naf. Kulma naf hu li tliftha draba għal dejjem.

Esther — Kieku kont minflokha kont nasal biex nagħmel bħala jien. Imma qatt ma bsart li hi kienet se tasal s' hawn.

Salathiel — (Jinżel għal fuq il-lemin ta' Esther) Kont tagħmlu dan int?

Esther — Kieku sibt xi ħaġa li stajt nemmen tassew fiha!

Salathiel — Biex wieħed jemmen ma għandux għalfejn joqgħod jistenna li jżuru xi ferħ ta' ġenn biex jaħkimlu l-moħħu.
**2nd Ghassies jaqbad tiela' u nieżel mat-terrazzin**
M' għandux għalfejn jitnissel minn xi wirja ta' xi ħaġa. It-twemmin tagħna huwa qadim ħafna, u magħrif biżżejjed. Aħna għandna 'l Alla ta' missirijietna, Esther ħanini. Minn dejjem kien Alla ġust. Għamilna magħrufin....tana isem...ġid...ġieħ.

Esther — Lili għamilni għamja.

Salathiel — Naf ħanini. Imma aħna nħobbuk xorta waħda.....

Esther — Naf. Tassew inħoss li nemmen f'Alla tagħna.....meta noqgħod naħseb fih. Imma l-bqija tal-ħin ma nindunax li jkum miegħi. Lil ħajti ma jimlihielix kif imissu. Lil tiegħek jimlihielek?

Salathiel — (Jaqsam fuq ix-xellug minn quddiem is-sufan) Iva.... Ikolli ngħid li jien naħseb dejjem fih. Ma nqast qatt milli nwettaq dmirijieti.

Esther — Le, Pa. Ma nafx, imma dan kollu donnu qisu jidher li hu xi kuntratt....

Salathiel — (Jinżel 'l isfel in-naħa tax-xellug tas-sufan) Iva, kuntratt mimli ġieħ. Għandek tkun taf, li hemm liġijiet kif ukoll hemm premijiet u kastigi. (Joqgħod bil-qegħda fuq is-sufan fuq il-lemin ta' Esther)

Esther Naħseb li għandek raġun. Pa, nixtieqek tifhem li għalkemm waqtiet nitkellem miegħek mhux kif imissni, b'dankollu jiena nħobbok ħafna.

**(Jaqbdilha idha)**

Xi minn daqqiet noqgħod naħseb kemm tabilħaqq ħajtek hija waħda soda u sħiħa u ħorra. Dak Alla li qed jagħtik dan kollu hu tassew Alla ta' min jafda FIH. Għalhekk ma nistagħġibx li jisgħobbik meta tara l xi ħadd jiċħadlu setgħetu. Imma miegħi ħaġa oħra. Jiena wkoll noboghdu dat-taħwid. Jekk ħadd ma jkun jaf fejn għandu joqgħod, ħadd ma jmur lżomm postu, m'għandnix xi ngħidu. B'danakollu l bieraħ bil-lejl ħassejtni ngħir għar-Rachel. Jiena nigħr għaliha għal ħafna xorti, jekk niġu għal dan, imma rrid nfisser li ħassejtni nigħr minħabba t-twemmin tagħha li qanaqlha biex tagħmel dak li għamlet. Għax għandek tkun taf li hi ma tqanqlitx biss mill-imħabba li għandha għal David. Kienet li ddiet fuqha bis-saħħa ta' David.... Xi ħaġa li qegħda tiddi 'l hawn minn Betanja. Jiena ma nafx x'inhi.... Jekk tipprova tfissirha bil-kliem, dawn jinħassu bħal kliem ta wieħed belhani; B'dan kollu hi xi ħaġa akbar, aktar misterjuża mis-setgħa t' Alla tagħna. Dix-xi ħaġa jiena manħosshiex ġewwa fija.... Inħoss biss li huma jħossuha fihom.

Salathiel Ma tagħmilx tajjeb jekk toqgħod issensel dawn il-ħafna mistoqsijiet, ħanini. Ma jagħmlux ħaga oħra għajr li jħawduna.

**(2nd għassies jerġa' jmur joqgħod fejn ikun qabel maġenb il-fetħa ta' fuq il-lemin)**

Esther Naf li jħawduna. Imma mi minn daqqiet huma nfishom irawmu mistoqsijiet oħrajn.

Salathiel Waqtiet jiena wkoll inħossni nitħawwad. Għad hemm ħafna affarijiet li ma nistgħux nifmhu. Għamilt ħilti biex nimxi skond il-ħaqq u s-sewwa u xi kulltant, nistaqsi lili nnifsi jekk, fit-triq tal-ħaqq u s-sewwa li għażilt, inħoss li jien kburi u supperv, jidher li ma weġġħajt lil ħadd, b'dankollu jista' jkun li ħajti, hawnhekk mimlija b'risq, hi ta' ħsara għal ħafna.... Imma m'għandix żmien x'naħli biex noqgħod nitkellem fuq affarijiet bħal dawn. Wara kollox, id-dinja m'għandix nieħu ħsiebha jien..... Imma Alla!

Esther Dik hi! Min jaf jekk, wara kollox, id-dinja għandux jieħu ħsiebha kull wieħed minna!? Għandha mnejn għalhekk tmur in-nies bi ħġarha wara dan il-bniedem minn Nazareth!

**Mathias jidħol minn fuq il-lemin. Jibqa' tiela' fit-terrazin jittawwal l barra mil-fetħa tan-nofs lejn ix-xellug.**

Mathias	Għadu ma ġara xejn hux tassew?

Salathiel	Xejn.

Mathias	(Fit-terrazzin) Pa, għax ma toħroġx ftit u tara jekk tismax xi ħaġa eh?

Salathiel	M'hemm xejn x'nisma... kemm -ildarba ma jinżlux minn Betanja.

Mathias	(Jinżel fil-kamra minn fuq il-lemin) Jiena qgħadt inħammem ftit waħdi. Tassew għandhom għaliex jagħtu eżempju b'dar-raġel!

**1st Għassies jimxi lejn il-lemin u 2nd Għassies imur joqgħod għan-nofs it-terrazzin.**

Salathiel	S'issa għadu ma kiser ebda liġi.

Mathias	Le, imma jekk jinżel Ġerusalemm ma tkunx ħaġa tqila ġġagħlu jikser xi waħda. Jiena tal-fehema li għamlu żball meta ħadu dawn il-prekawzjonijiet kollha biex ma jsirx irvell. Kieku kelli nagħmel jien, kont inqajjem irvell sħiħ u nara li HU jkun imdaħħal fih.

Salathiel	Minn dak li jirriżulta, hu mhux magħmul hekk.

Mathias	Imma, kemm -il darba David hu ta' min jorbot fuqu, is-segwaċi tiegħu huma.

Salathiel	Lil David ma nistax nifmhu. Minn dejjem deherli żagħżugħ tal-galbu u li tista' tafda fih.

Mathias	Kieku kont flokok ma kontx inħabbel rasi fuqu.
(Joqgħod bil-qegħda fuq banketta n-naħa t'isfel fuq il-lemin)

Salathiel	Issa għandu lil Rachel.

Mathias	Dwar dan jeħtieġ li nżommu daqsxejn ta' kontroll fuqna nfusna. Jekk inrattbu qalbna nitilfu l-qaleb u l-ġbejna.

Salathiel	Għamilt ħażin li ħallejtha tit;aq waqt li tajtha x'tifhem li kont mgħaddab għaliha.

Mathias Żgur ma kienetix tistennik tberikha! Jien ngħid li għamilt sewwa.

Salathiel Kollu ta' xejn.... Ma ninsieha qatt! Kien kollu mrar.... U għal binti stess! Kien imissni ġibt ruħi ħafna aħjar.

Mathias M' intix tagħmel sewwa, Pa. Jekk tassew trid lżomm l-awtorita tiegħek ma tistax tibqa bejn ħaltejn f'affarijiet bħal dawn. Jissgħobbija għal Rachel.

Esther Ma naħsibx li għandha bżonnha s-sobgħa tiegħek.

Mathias Jiena wkoll hekk naħseb; b' dankollu xorta waħda jisgħobbija għaliha. Dan jiena nħossu daqs ħadd ieħor. Ħaġa xierqa fil-familja, mhux hekk? Qatt ħadd ma sata' jgħid xejn kontrina. B'dankollu, jisgħobbija għaż-żagħżugħa.....lili Rachel, kienet togħġobni ħafna....u issa ħajjietha bdietha billi għarrqitha għal kollox! M'għandnix xi ngħidu, ma nistgħux ma jisgħobbinix għaliha. Imma issa dak li sar, sar, u ma jkun jiswielna xejn jekk nitilfu għalqna wara dil-ġrajja. In-nies tqimek sakemm turi ruħek sod, Pa. Tieqaf malli tintebaħ li qed tibda tagħder lilek innifsek. U żgur ma tqiesekx aktar kemm-il darba tara li qed tagħti ħjiel ta' dgħajfien u li qed tibda titħassar lil dak u lill-ieħor.

Salathiel Ma kontx qed naħseb x'tista tgħid in-nies. F'moħħi kelli lil Rachel. Jiena lest li nraġġa' lura kulma għidt biex naraħa ħawn mill-ġdid.

Mathias (Iqum bil-wieqfa u jmur lejn il-lemin wara s-sufan, bħalkieku sejjer lejn l-iskrivanija)
Mela tassew li qedt titlef il-qabda t'idejk.
(Jieqaf wara s-sufan f' nofs Esther u Salathiel)
Qatt qabel ma rajtek hekk! Ma tintebaħx, Pa, li kemm-il darba fi żminijiet bħal dawn, nibdew niddubitaw lilna nfusna, nistgħu ngħidu li aħna mitlufin?! Inti rabbejtni u għallimtni nemmen f'dawk l-affarijiet li fuqhom Ġerusalemm hija mibnija......mibnija minnkom u mill-ġenerazzjonijiet ta' qabilkhom. Dan mhux xi esperiment li sar ħabta u sabta, u li dwaru għadna fil-għama! Mhux ħlief sistema antik; wieħed li għadda minn taħt meħrież taż-żminijiet; li jaħdem bil-għaqal għas-soċjeta tagħna daqs kemm hu umanament possibli. Jekk nimxu miegħu, inkunu nafu fejn aħn, u x'se jkunu l-konsegwenzi ta' għemilna kemm għat-tajjeb kif ukoll għall-ħażin. Dawn in-nies l-oħrajn jistgħu jissugraw kemm iridu u joħolqu teoriji ġodda...huma ma jmorru qatt minn taħt, ukoll jekk it-teoriji sbieħ tagħhom jitfarrkulhom kollha. Imma warajna aħna għandna tradizzjoni.......

**Salathiel idur u jhares lejh**

li ħadet mijiet ta snin biex laħqet fejn hi 'llum u jekk tintemm, nintemmu aħna lkoll.

(Jimxi lejn ix-xellug fuq il-qiegħa)

Ma nistgħux nitkellmu fuqha filosofikament u nkunu fini dwarha.

Din mhix għajr kwistjoni ta' ħelsien tagħna nnfusna.

(Imur in-naħa tal-kamra u jinżel minn fuq il-qiegħa mix-xellug)

Kulma għamilt ma' Rachel mhux għajr dak li kull bniedem b'moħħu f'postu jmissu jagħmel. Jekk toqgħod titħasseb jekk għamiltx sewwa jew le, tista mill-ewwel taqbad it-tradizzjoni, li int innifsek tagħmel sehem minnha, u tħassarha, u tfarrakha, u tarmiha darba għal dejjem.

Salathiel — (Iqum bil-wieqfa u jersaq lejn Mathias) Iva, ibni, tassew tagħllimtha tajjeb il-lezjoni.

Mathias — Dan hu t-tagħlim tiegħek stess. Ma tistax tmur kontrija issa.

Salathiel — Jiena ma għandniex li kont... tbidilt. Ġrat xi ħaġa ġdida fija. L-istess bħal meta xi ħadd isir bniedem ieħor... Irrid lil binti lura.

Mathias — Għad għandek lil Esther...għad għandek lili.
Aħna flimkien qegħdin hawn.

Salathiel — Naf, Mathias. Inti żagħżugħ bil-għaqal.

Mathias — U Esther ukoll, bil-għaqal......
**Salathiel jitla' n-naħa ta' fuq tal-palk**
Meta trid... taf tajjeb li tobba ma qatgħux qieshom minnha.

**Iżakk ifeġġ fil-bieb fuq il-lemin**

Salathiel — Iva, Iżakk x'inqala '?

Iżakk — Nista' nkellemek, jekk jogħġbok, sinjur? (Jidħol ftit fil-kamra)

Salathiel — (Jaqsam il-palk u jmur joqgħod fuq ix-xellug ta' Iżakk)
Iva. Rasi u rasek?

**Mathias imur joqgħod bil-qegħda fuq in-naħa ta' wara tas-sufan, lejn it-tarf tax-xellug.**

| | |
|---|---|
| Iżakk | Le, sinjur, m' hemmx għalfejn. Biex ingħidlek is-sewwa, inħossni ftit u xejn imħawwad. Naf li m' għandix għalfejn inkun, imma b'dankollu hekk inħossni. |
| Salathiel | Dwar x'hiex? |
| Iżakk | Kont qedt nitkellem ma wieħed minn dawk l-Għassiesa Rumani li hemm isfel. Naħseb li qagħdt inkellmu xi ftit aktar fit-tul milli kien imissni... Taf int x'jiġri sinjur, meta jiġl xi ħadd..... |
| Salathiel | Tajjeb. |
| Iżakk | Milli stajt nifhem xi minn daqqiet ikun għassa fid-ddar tal-Gvernatur, u għalhekk jisma' kulma jkun qedt jingħad hemm ġew. |
| Salathiel | Ma nagħmlux li qgħadt tagħti każ ta' l-għajdut, hux? |
| Iżakk | Ma kontx beħsiebni, sinjur imma ma stajtx nagħmel ħaġa oħra..... ħlief nisma. |
| Salathiel | Tajjeb..... Lili ma tridnix noqgħod nisma' dan l-għajjdut hux tassew? |
| Iżakk | Għax, għax, sinjur, l-għajdut fuqek jitkellem....Billi f'did-dar jiena trabbejt u kbirt minn daqsxejn ta tifel, ma stajtx ma nagħtix każ. Il-bieraħ wasal xi ras kbira minn Ruma, u qabdu jitkellmu dawr in-nies ewlenin ta' Ġerusalemm. Semmew ismek, sinjur. Milli jidher, dak ir-ras kbira qal li l-Imperatur beħsiebu jħejjielek xi ħaġa sabiħa mhux ftit imma mbagħad il-gvernatur qallu li dan l-aħħar, għal xi darbtejn jew tlett darbiet semegħek tgerger u tgħid li hawn f'Ġerusalemm, għal dak li għandu x'jaqsam ma' kundizzjonijiet tax-xogħol, l-affarijiet stegħu kienu aħjar, dak ir-ras kbira wieġbu li kemm -il darba dan kien minnu, ikollhom jerrġgħu jaħsbuha mill-ġdid. |

**Mathias iqum bil-wieqfa.**

| | |
|---|---|
| | M'gaħdnix xi ngħidu, sinjur, meta għarraffni b'dan kollu, jiena ma qagħdtx ninħeba wara subgħajja u għidtlu li f'Ġerusalemm kollu ma kinex hawn sinjur ieħor b'moħħu f'loku daqsek. Imma ħassejt li kelli nitla' hawn fuq u nwissik, sinjur. |
| Salathiel | Lil ħabib Ruman tiegħek imissek twissiħ li kemm -il darba ma jibżax għal ilsienu, se jaħbat ħażin. |

| | |
|---|---|
| Iżakk | Iva, sinjur. Hu fehem li kien paċpaċ xi ftit iżejjed tibżax! |
| Salathiel | M' għandekx għalfejn tħabbel rasek għalija, Iżakk. |
| Iżakk | Le, sinjur. Kont naf li ma kinex fiha ebda ħsara l-biċċa tax-xogħol. Did-dar minn dejjem inżammet bħala xempju tal-belt kollha. Imma issa x'se jgħidu għal dak l-iblaħ Ġakobb? X'se jgħidu għal sidti Rachel? It-tnejn yelqu kif telqu! Inħosssni ftit u xejn fuq ix-xwiek. Aħfirli, sinjur. |
| Salathiel | Ma ġara xejn Iżakk tibżax. |
| | **1st. Għassies jerġa lura minn fuq ix-xellug u jmur joqgħod fejn kien qabel.** |
| Iżakk | Niżżik ħajr, sinjur. |
| Mathias | Intix tara issa, pa kemm irirdu ftit in-nies biex iħollu lsienhom, eh? |
| Salathiel | **Imur quddiem it-traf tal-lemin tas-sufan**<br>Għadni ma sirt naf b'xejn li ma ġagħlitx in-nies tpaċpaċ. |
| Mathias | M'għadnix xi ngħidu, ma nistgħux inżommu għajnejna miftuħin iżejjed... aktar u aktar fi żmien bħal dan. Naf li hi bluha, imma jeħtieġ li ma nħallu l ħadd jitfa' dell fuqna. Ma nkunx nista' noqgħod b'sabri, kieku kelli nkun naf li lilek, fost in-nies kollha, jgħadduk bħala bniedem mhux għal kollox f'sensiħ. |
| Salathiel | Kull għemil ta' ħajti, ukoll dak li wttqat il-lejl li għadda, huwa xhieda biżżejjed ta' kemm jiena tassew f'sensija. B'dankollu, jista' kjun li mhux dejjem rażżant ilsieni. |
| Mathias | **Jitolbu.** Jekk joġbgħok, pa, wara dak kollu li ġara l-lejl li għadda... qed ingħid għal Rachel....oqgħod attent, trid?....ukoll kif tliessen kelma waħda. **Jaqsam lejn ix-xellug** |
| | **2nd Għassies imur minn nofs lejn il-lemin tat-terrazzin** |
| Salathiel | **Jaqbad miexi 'l fuq.** Kollox sew. |
| | **Iżakk jerġa' jiġri lura, ifeġġ fil-bieb fuq il-lemin.** |
| Iżakk | Sinjur, hawn sidi Barnabas jixteiq ikellmek. |

Salathiel — Tabilħaqq! Waslu hawn fuq.

**Ftit wara Iżakk idaħħal lil Barnabas, bniedem qsajjar, b'fattizzi qawwijin, x'aktarx bla ebda importanza, xi ftit taħt il-ħamsin sena. Jidħol minn fuq il-lemin.**

Salathiel — **Jimxi ftit 'l isfel.** Is-sliem għalik, Barnabas.

Barnabas — **Imur fuq il-lemin ta' Salathiel.** Ili nipprova niġi hawn in-nofas ta' nhar kollu ta' filgħodu, imma issa għadhom kemm tahuli l-permess. Tgħidx kemm tħabbat biex ksibtu! U ħin wieħed ħsibt li kienu se jaqfluni ġewwa. Għidli, x'se nagħmlu fuq dil-biċċa tax-xogħol.

Salathiel — Ma nafx x'jista wieħed jagħmel!

Barnabas — Imma x'fettielek tħallieha titlaq miegħu?

Salathiel — Ma stajtx inżommha kontra r-rieda tagħha, hux tassew.

Barnabas — **Jaqsam lejn ix-xellug.** Hekk kien imissek għamilt. Mhux biżżejjed ta' ħsara għalija li għandi tifel imdaħħal f'dal-muviment ta' qirda?....Issa kellu jiżdiedli wkoll l-iskandlu tal-ħarba tiegħu ma żagħżugħa, biex tgħaqqadli kollox ma' kollox.

Salathiel — Se jiżżewġu....m'għandekx għalfejn tħabbel rasek dwar dan.

Barnabas — Imma l-lejl li għadda ma kienux għadhom miżżewġin! Hekk jew hekk, mhux x'jagħmlu huma, imma xi jgħidu nies jgħodd, u int imissek għandek għaqal biżejjed biex tifhem kemm setejjer ser jinħolqu minn dil-ġrajja li ma kienx imissek ħallejtha ssir!

Salathiel — Jisgħobbija għalik, Barnabas. Imma lili qed tixlini, għax ibnek seraqli l binti?

Barnabas — Ma tistax tara x'tagħmel u ġġibha lura d-dar, jew xi ħaġa oħra bħal din?

Salathiel — Taċ-ċajt.

Barnabas — Naf li taċ-ċajt, imma jien x'ser nagħmel?

Mathias — Ħadd minna ma jista' jagħmel xejn, ħlief li ma jitlifx rasu.

Barnabas — Tkunx tost żagħżugħ.

Mathias Għax wara kollox, immisna konna aħna li għamilna plejtu sħiħ!

Barnabas Dażgur li misskom kontu intom! Mela għaliex ma għmilthux?! Ħallejtuhom jitilqu mid-dar bħalikieku ma kien xejn!
**Jitla' ż-żewġ tarġiet għal fuq il-qiegħa tat-terrazzin.**

Barnabas X'kontu qegħdin tagħmlu l-ħin kollu? Tieħdu gost tħarsu lejn id-dhera, eh? **Jiġi ħdejn it-tarġiet.**

Esther Ma jidhirlix li qed tirraġuna wisq, hux tassew?

Barnabas Min irid jirraġuna? Hawn jien ċittadin rispettabbli ta' Ġerusalemm, uffiċjal pubbliku, f' ħabta u sabta naqa għaż-żuffjett mal-belt kollha! U l-aktar minħabba li intom m'għaraftux iżommu l-familja tagħkom bil-għaqal.......

Mathias Ikolli ngħid li bħalissa ma tafx x'int tħawwad....imma issa biżżejjed. Għandek tkun taf li l-lejl li għadda David ġie hawn wara li qagħad jagħżel il-ħin li fih missieri u jiena konna barra, billi kien jaf li ma kienx milqugħ hawn ġew. Waqt li konna barra ġiegħel lil rachel tewgħdu li titlaq min dar fejn dejjem sabet mogħdrija u ftheim. Meta, imbagħad, jien qbadtu fil-fatt, u għidtlu x'kont naħseb fuqu, għal ftit ma farraklix geddumi b'daqqa ta' ponn. Ma tħasibx li jkun aħjar kieku tieqaf tibki xortik?

Barnabas **Waqt li jkun sejjer lejn il-lemin ta' Mathias.**
Kien immisek ma qagħdx tħaqqaqha...kien imissek keċċejtu 'l barra minnufih.

Mathias Inzerta fih biċċa ta' raġel akbar minn missieru. Ma nafx kif irnexxilek issib it-tarf ta' dan. Hi kif inhi, nistgħu biss ngħidulek biex tittama aktar..
**Jinżel 'l isfel fuq il-lemin.**

Barnabas Wissejtek jien, Salathiel! Wissejtek li dan kollu seta' jiġri kemm -il darba ma toqgħodx b'għajnejk miftuħin. Iż-żagħżugħa nżammet taħt is-seħer ta' dik in-nofs ras ta' Deborah. Kieku tistaqsini kif naħsibha jien dwarha, ngħidlek li mhux f'sensiha għal kollox.

Salathiel Ħadd ma talbek tgħid kif taħsibha int.

Barnabas Imma issa sirt taf xorta waħda.

**Iżakk jerġa' jfeġġ fil-bieb fuq il-lemin**

Iżakk Hawn sidi Levi, sinjur.

Salathiel Tabilħaqq.

**Iżakk idaħħlu fil-kamra u jitlaq. Levi jidħol u jmur joqgħod fuq il-lemin ta' Salathiel. Barnabas imur għan-nofs it-terrazzin u joqgħod iħares 'l barra fuq il-lemin.**

Levi Tassew ħasra, Salathiel!

Salathiel Ħsadtni, taf.

Levi M'hemmx għalfejn tagħmel ta' bir-ruħek li qed tinħasad. Ġejt inżurek għaxx deherli li int kellek tkun taf minnunfih. Xi ħadd mar qal lill-Gvernatur li ħallejt lil bintek tixxierek man-Nazzarenu.

Salathiel Jekk ħallejtiex jew le, hi xorta waħda marret.

SC. 6

S.E.T. 70

Levi Inqala' ħafna għejdut fuq il-ġrajja.

Esther Imma bilfors għandek titkellem bħallikieku kont xi oraklu?!

Levi Ma tantx hija rimarka xierqa din, Esther.

Barnabas **Jinżel minn fuq it-terrazzin u jmur joqgħod fuq it-tarf t'isfel tas-sufan.**
Intix tara issa, Salathiel?

Levi Int qatt ma kont il-ħabib tiegħl, Barnabas….'Ibogħod ħafna minn hekk, b'danakollu irrid in-qabbdek tarf. Hawn min qed igħid li, bħala missier David, xejn m'int tajjeb bħala uffiċjal pubbliku.

Barnabas **Lil Mathias.** Hemm aħna…m'għidtlekx?!
**Lil Salathiel.** U dan kollu ħtija tiegħek, iblaħ li int.

Mathias **Lil Barnabas.** Jekk jogħġbok, tista tmur issa.

Barnabas Iva, sejjer. Nittama li meta naqa' fil-ħama jien, intom tkunu waqajtu miegħl wkoll.

(10AD)

**Jagħti pass 'l quddiem biex imur, meta....**

1st Għassies Ħares ftit….X'qed jiġri hemm fuq?

2nd Għassies **Jaqsam għal fuq ix-xellug tal-1st Għassies.** F'ġieħ Ġove!...Iva, dawk

huma....u resqin 'l hawn ukoll!

S.T. 6

SC7

**Kulħadd jitlaq jiġri għal fuq it-terrazzin.**
**Mathias joqgħod fuq il-lemin tal-1st Għassies.**
**Barnabas fuq il-lemin ta' Mathias.**
**Levi fuq il-lemin ta' Barnabas.**
**Salathiel jibqa' fuq il-qiegħa għat-trf tal-lemin tagħha.**

Mathias — **Lill-ewwel wieħed fuq il-balustrata.** Iva, ġejjin.

Levi — Alla tiegħi....X'miġegħa ta' nies!

**Esther tqum bil-wieqfa.**

Barnabas — Jidhru qishom nemel għaddejjin minn fuq l-għolja. X'dehera li tkexkex lil min haraha, x'waħda din!

Salathiel — Imma kif qorbi daqshekk f'daqqa?!

1st Għassies — Aħjar inwissuhom, taf.

Iż-żewġ Għassiesa — **Flimkien. Igħajtu n-naħa tal-belt.** Ħejju ruħkom! Ħejju ruħkom!

**L-għajta tiġi mtennija minn ħin għall-ieħor fil-bogħod.**

Esther — **Tmur toqgħod fil-kantuniera ta' fuq il-lemin, taħt il-kontraporti, bil-wieqfa wara l-oħrajn.**
Għax tgħid, qalbi ħebbritni li jiġu.

Sound eff. ... NO 70

Barnabas — X'se nagħmel? Iva ħadd ma jgħidli x'għandi nagħmel?

Mathias — Insa lilek innifsek. CD T 6 V. Low

Barnabas — **Iheżżeż lill-1st Għassies minn idu.** X'se nagħmel?

1st Għassies — Jisgħobbija sinjur, imma fuq hekk ħadd ma qalli xejn. Kieku kont min flokok, kont noqgħod bil-qegħda u nżomm sabri.

Barnabas — **Jitawwal minn fuq il-balustrata.** Nirrapurtak lill-Gvernatur, dak li se nagħmel.

1st Għassies — Iva, sinjur. Issa ersaq lura, jekk joġġħbok.

2nd Għassies — **Lill-għassiesa li qegħdin isfel.** Hemm isfel kollox għandkhom lest?

| | |
|---|---|
| Ilħna | Kollox lest. |
| Esther | Isimgħu. Qegħdin tisimgħu? |
| | **Fis-skiet jinstama' kant fil-bogħod.** |
| Esther | **Tmur 'l isfel fuq il-lemin u 'l quddiem fuq il-palk 'l hinn minn Salathiel fuq il-qiegħa.** Intom ma tistgħux tisimgħu…imma jiena nista'. Hosanna qegħdin ikantaw…..iva Hosanna…..lili….lil bin….David. |
| Levi | Araw. Il-miġemgħa tan-nies ħierġa mill-egħlieqi u se tilħaq it-triq! |
| Barnabas | Qegħdin jixxabtu mas-siġqr tal-palm. |
| Esther | Hosanna qegħdin jgħidu….Hosanna lil bin David! |
| Barnabas | **Imur fuq il-lemin ta' Esther.** Mhix għajr sensiela sħiħa ta' ħażen. |
| Esther | **Lil Barnabas.** U Barnabas kien missier David. |
| Levi | Imisshom jagħlqu bibien il-Belt. Tassew ma tagħmilx sens tħalli miġegħma ta' nies bħal dik tidħol 'l Belt meta jidrilha hi! |
| Salathiel | Le. Il-Gvernatur għandu raġun. Il-lejl li għadda kien qed igħidli li, għall-ewwel wara qatagħħ bil-maqlub. Wara kollox, din belt ħielsa u kieku għamel hekk kien iħarraxhom u jħeġġieġhom aktar. |
| Levi | Fl-opinjoni tiegħi, inti tagħlaq għajn waħda għal bosta affarijiet, Salathiel. Dan l-aħħar kemm -il darba ntbaħt b'dan. Ingħid għalija, ma nniżżilhiex dil-bluha ta' nerħu tarf minn hawn u nerħu tarf minn hemm. Dal-mod ma jwassal imkien ħlief għall-anarkija. Fil-fhemiet tiegħi m'għandek qatt toqgħod bejn ħaltejn. |
| Mathias | B'danakollu, kieku kont jien kont insakkarhom barra xorta waħda, pa…. Rachel u mhux Rachel. Dik jiena nsejħilha miġemgħa ta' nies perikuluża mhux ftit. U aktar ma toqrob 'l hawn, aktar qegħda tikber. |
| Barnabas | Tal-biża'. Donnhom qegħdin jimbtu mill-art. |
| Esther | Tistgħu tilmħuh? |

Levi | Bil-kemm nistgħu nagħrfu 'l xi ħadd.

Esther | Mill-ħsejjes li qegħda nisma' ma jidirlhix li hi xi marmalja..... Il-kant jinstama' hekk sħiħ u ma jaqta' xejn...Hisanna...qegħdin tisimgħu.... Hosanna.....Hosanna....

Mathias | Hemm hu!....ħarsu riekeb fuq ħmar!

**Kulhadd jagħmel ħiltu biex jara aħjar.**

Levi | Qegħdin jifirxulu l-friegħl tal-palm biex jgħaddi minn fuqhpm.

Barnabas | U l-ħwejjeġ u koll...qegħdin jifirxuhom ma l-art biex il-ħmar jagħffeġ fuqhom. M'humiex ħlief imġienen. X'taħsbu li se jiġrili lili jekk jaqbdu jagħtu bejniethom?....u ibni għandu sehem f'dan kollu, x'waħda din!

Mathias | Ħadd ma jimpurath xejn minn dak li jista' jigri lil....

Barnabas | **Jinżel tarġa l' isfel.** Imma jien jimpurtani. Sejjer lejn id-dar.

1st Għassies | Ħadd ma jista' joħroġ mid-dar. It-toroq iridu jinżammu battala.

Salathiel | Hemm felu għaddej maġenb il-ħmar.

Esther | Għidli, pa....Kif jidher Ġesu'? Tista taraħ?

Salathiel | Iva...ikolli ngħid li hu aktarx raġel twil.

Esther | Idejh titsa taraħomlu?

Salathiel | Idejħ?....Le, binti, ma nistax.

Esther | Dawk huma idejn li jnisslu paċi. Jien naf.

Levi | Żgur tinqala' xi waħda meta jaslu ħdejn il-bieb tal-Belt. Hemm aktar minn elf ruħ.

**L-għaġla tal-miġemgħa tan-nies toqrob il-ħin kollu dejjem jissaħħaħ kulmajmur.**

Barnabas | **Imur lura fejn kien qabel.** Qrib il-bieb ħafna qegħdin.

**L-għagħa jgħib qajl qajl.**

NB. Switch on Spot

| | |
|---|---|
| Esther | X' ġara? |
| Salathiel | Laħqu djul l-golja. Ma jidhrux minħabba bieb il-Belt. |
| Barnabas | Deħlin x'waħda din! Tassew qed jiġġennen il-Gvernatur! |
| | **L-għagħa tan-nies jerġa jiżdied. Iżakk jidħol mil-lemin.** |
| Iżakk | Jekk jogħġbok, sinjur. **Qiegħad fil-bieb fuq il-lemin** |
| Salathiel | X'inqala', Iżakk? **Bil-wieqfa fuq banketta fuq il-lemin** |
| Iżakk | Jimporta jekk nitilgħu hawn fuq, sinjur? Hemm isfel ilkoll inħossuna donna magħluqin f'gaġġa. |
| Salathiel | Agħmlu kif joġgħobkom. |
| | **Iżakk idaħħal nofs tużana qaddejja li jibqgħu sejrin bil-qima kollha lejn it-terrazzin u jinġabru flimkien f'rokna fuq il-lemin. Iżakk imur joqgħod bejn Mathias u l-1st Għassies.** |
| Levi | Daħlu huma! |
| | **Il-kant jogħla f'daqqa, jsir regulari.** |
| Miġegħma | "Hosanna lil bin David. Imbierek dak li ġej f'isem il-Mulej: Hosanna fl-għoli tas-smewwiet" |
| Mathias | Araw....dieħel minn bieb il-belt. |
| Salathiel | Jidher donnu qed jagħmel pellegrinaġġ. |
| Esther | Hu grazzjus xejn ? |
| Salathiel | Iva, ħanini, grazzjus ħafna. |
| Esther | Imma għaliex Rachel fhemita aħjar minni? |
| Salathiel | Mathias!.....Mathias!...qed taraha?...hemm hi! |
| Barnabas | Qegħda flimkien ma David....dak se jirovinani lili! |
| Esther | Oqgħod kwiet Barnabas. |

| | |
|---|---|
| | **Issa l-kant jinstama' donnu qed jimla d-dar kollha.** |
| 2ng Għassies | Lili ta' madwaru jsejħulhom dixxipli tiegħu, hux tassew? |
| ~~Iżakk~~ SALATT | **Iħares bejn Mathias u l-1st Għassies.** Araw…hemm iż-żagħżugħ Ġakobb fin-nofs!....Ħarsu lejħ…..ikolli ngħid dawk ħutu li hemm ħdejħ. |
| Salathiel | **Igħajjat.** Rachel…. Rachel, binti! |
| Mathias | Pa! Għaliex trid ikollkom x'taqsam ma'…..? |
| Salathiel | Oqgħod kwiet, Mathias….dik binti…Rachel!.....Rachel!.... Qegħda tismagħni? |
| 1st Għassies | Kieku kont jien ma kontx nindaħal, sinjur. |
| Salathiel | Rachel!...... Rachel!...... |
| Esther | Tidher freħana xejn?..... Jiena naf tajjeb li hi. Nista' nobsor. |
| Salathiel | Rachel!.... Iva, ħanini…Intomx taraw eh? Semegħtni. |
| | **Fit-triq il-miġegħma tan-nies donnha teħmed ħabta u sabta, waqt li xi ilħna jinstemgħu jsikktu n-nies.** |
| Esther | X' ġara? |
| Salathiel | Rachel qegħda tkellmu. |
| Mathias | Dik iz-zija Deborah ukoll….. |
| Levi | M' għadhomx issa….. |
| Barnabas | Għaliex m'għadhomx tgħid, hux? |
| Salathiel | Qed iħares 'l hawn fuq. |
| Esther | Imma għalxiex ma nistax naraħ jiena wkoll….Alla tiegħi!..... GĦALXIEX ma nistax naraħ JIEN! |
| Mathias | Xi jrid iz-zija Deborah? Isma', pa ara ma jfettillekx tħalliħ jidħol hawn ġew taf. |
| Levi | Dażgur, Salathiel…… |

Barnabas — **Lill-Għassiesa.** Għaliex in-nies tagħkom ma jgħidulhomx jibqgħu mexjin? Ma rridux ikollna x'naqsmu magħhom.....ilkoll se niġu fil-għawġ minħabba f'hekk....

Mathias — Għaliex waqfu quddiem biebna?! Fi żmien siegħa did-dar se tkun ta' skandlu għal Ġerusalemm kollha.

Deborah — **Jinstama leħena mit-triq.** Salathiel!

Mathias — Ibqa sejjer zija Deborah...lilek ma rridukx hawn biżżejjed għamiltina ħsara s'issa....

Salathiel — **Jitkellem lejn it-triq.** Iva, Deborah xi trid?

Deborah — Esther hemm qegħda?

Esther — **Toħroġ fit-terrazzin u tgħaddi min bejn il-Levi u Barnabas.**
Iva zija Deborah.....jien hawn qegħda.
**X'ħin tmur lejn il-balavostri, in-nies ta' fuq it-terrazzin iwarbulha lejn il-lemin u lejn ix-xellug.**

Deborah — L-imgħallem jixtieq ikellmek.

Esther — Lili?!

Mathias — Tkunx belha. Esther ma trid tisma' xejn...

Esther — Dal-waqt ninżel ħdejkhom.

Mathias — M'int se tagħmel xejn minn dan. Hekk jew hekk, mhux se jirnexxilek tinfidhom l-għassiesa.

1st Għassies — Hekk hu...għandna ordnijiet stretti, taf int.

Esther — Għidlu li dal-waqt inkun ħdejkom, ziju Nathan, trid?
**Timxi tul il-kamra lejn il-bieb fuq il-lemin.**
Ninżel. Lili ma jabbużaw jagħmluli xejn.

Salathiel — Esther....ħanini...........

Esther — **Tieqaf fuq it-tarġiet tal-qiegħa.** Għalxejn, pa..... Jeħtieġ li mmur.

Mathias — Dażgur li jagħmlulek. Bl-ebda mod tista' toħroġ mid-dar.

| | |
|---|---|
| Esther | Aħna naraw,<br><br>**Toħroġ mill-kamra, 'l ħin kollu tferfex b'idejha biex tkun żgura minn triqtha. Toħroġ minn fuq il-lemin.** |
| Barnabas | **Fuq it-terrazzin.** Għidtilkom jien li se jinqala l-għawġ, u hawn hu riesaq arawħ. Wasal. |
| Levi | Min wasal? |
| Barnabas | Iċ-Ċenturjun li kien qed isus lejn dawn l-inħawi l-lejl li għadda.<br>Se ninsel inkellmu....ngħidlu li kulma sar mhux ħtija tagħna. |
| Ċentutjun | **Jinstama' leħnu minn isfel.** Tħallu 'l ħadd aktar jidħol minn bieb il-Belt mur għidilhom hekk |
| Għassies ieħor | **Ma jidhirx.** Kollox sew sinjur. |
| Mathias | **Imur lejn it-tarf tax-xellug tat-terrazzin.** Intix tara issa, pa?...lemħuna. Stajna morna ngħaqadna magħhom mill-ewwel!....u ngħajtu Hosanna wkoll!.... |
| Levi | Dak li tieħu meta tagħmel xi pjaċir lil xi ħadd! Inti tgħidlu li jiena ma kelli x'naqsam xejn f'dil-biċċa nxogħol, hux tassew? |
| Salathiel | Ngħidlu li tris Levi. |
| Ċenturjun | **Jidħol b'saħna fil-kamra mill-bieb tal-lemin.** Nista' nkun x'qed jiġri hawn fuq? Għaliex waqfu quddiem darek dawk in-nies kollha?<br>**Jieqaf għan-nofs lemini.** |
| Salathiel | **Jinżel minn fuq it-terrazzin u mill-qiegħa u jilħaq is-sufan.**<br>Jaqaw qegħdin jaqalaw l-għawġ? |
| Ċenturjun | L-ordnijiet tiegħl kienu li jibqgħu mexjin. Għażlu d-dar tiegħek biex..... |
| Salathiel | Ma nafx li..... |
| Ċenturjun | Dażgur li taf! "l bieraħ bil-lejl f' dil-kamra stess staqsejtek... u waqt li kont qed nitkellem kien hawn ukoll dik ix-xebba.... |

Salathiel — Ma stajtx.....

Ċenturjun — Ikolli ngħidlek li gdibtli.

Salathiel — Kun af li jien ma nħalli 'l ħadd jinsultani f'dari, Ruman jew mhux!

Ċenturjun — Jinsultak?! Ħabib, tinsiex li driegħ Ċesri jlaħħaq fit-tul qatigħ.... U hu setgħan bil-bosta.

FADEOUT T. 6.

Salathiel — Ma jimpurtaniex.

Mathias — **Jiġi fin-naħa ta' quddiem tal-palk lejn il-lemin tas-sufan.** Pa!

Barnabas — **Jiġi sa tarf il-qiegħa.** X'inti tgħid, Salathiel.

Ċenturjun — Mela x'inhu!....Dażgur!...int ukoll, Barnabas....ibnek kien hawn ukoll dak il-ħin....

Baranabas — Jiena niċħdu...ma nagħrfux aktar lil dak iż-żagħżugħ. Ġejt hawn biex ngħid lil Salathiel li ma neħux responsabilta.

Ċenturjun — Imma se jkollok teħodha minkejja kollhox. Dan il-jum għadu ma għaddiex....u għad fadallu ftit ieħor biex jgaħddi. Jekk jinqala' l-għawġ, intom it-tnejn tkunu tridu twieġbu għas-sehem li kellkom fih.

Mathias — Imma aħna xejn ma stajna nagħmlu?

S.C. 8 T.7

Barnabas — Hemm int, Salathiel.....x'għidtlek jien eh? **Jinżel minn fuq il-qiegħa.** Emmini, sinjur, li għamilt minn kollox li lil dak l-imsejken ta' ibni nurih....

Salathiel — Imsejkna binti! Dawk kienu l-istess kliem tiegħi.....Tista tagħmel li trid hi, Ruma....issa xejn ma jista jsewwidli qalbi aktar milli għamel l-imrar li qanqlu dawk il-kelmiet!

1st Għassies — **Liċ-Ċenturjun.** Għadirni sinjur....imma żagħżugħa l-oħra ħarġet mid-dar....

Mathias — **Imur fuq it-terrazzin u jħares mill-fetħa tan-nofs.** Hemm hi Esther.....qegħda titkellem ma' dak ir-raġel.

**Issa l-bqija tan-nies fit-terrazzin qegħdin jittawlu minn wara l-balavostri, josservaw x'inhu jsirtaħthom fit-triq.**

Levi — Għaliex bgħatthom minn hawn lill-għassiesa?

# MIRACLE SCENE

L.C. SPOT ON ESTER
and MUSIC T. 7
After she looks at hands facing
audience <u>FADE OUT</u> MUSIC
and SPOT <u>OFF</u> to CHANGE NORMAL LIGHTS L.C 12

FADE OUT

T.6

**Ċenturjun** Jaqaw qalbek taħarqek għas-servizz int?

**Salathiel** Esther….Esther!.....

FADE IN

**Issa minn isfel jinstemgħu ħsejjes li juri li l-miġegħma reġet bdiet timxi.**

T.7

**Ċenturjun** Wissejtkom jien!

**Joħroġ minn fuq il-lemin**

Light

Red Background

Q9

+ Spot

**Salathiel** **Imur fuq it-terrazzin ħdejn Mathias, u jħares minnu.** Fejn hi?...... Ma nistax naraha, Esther!......Esther! ~~B/O~~

**Mathias** **Jinżel minn fuq il-lemin.** Ma tagħmel ebda differenza issa. Nista' naqbad u sorr ħwejġi u nitlaq lejn in-Nil. Magħrufin hemm biex jinsew!... Qridtna ilkoll kemm aħna pa. **Joqgħod bil-qegħda fuq banketta fuq ix-xellug.**

**Salathiel** Il-qirda m'għadx għandha l-istess tifsira bħalma kellha qabel, ibni.

**Mathias** Xi ħtieġa hemm li timlili rasi b'ħafna teoriji? Il-verita hi li negozju tagħna rvinat għal kollox. Dak kulma naf.

**Barnabas** **Imur fuq il-1st Għassies.** La darba n-nies għaddew, naħseb li nista mmur eh?

**1st Għassies** Ma tawni l-ebda ordni fuq hekk, sinjur.

**Barnabas** Imma jien sejjer xorta waħda. Issa m'hemmx minn jista' jwaqaffni hemm isfel. **Jagħti pass l' isfel.** U , Salathiel għal dak li għandu x'jaqsam miegħl, kemm -il darba jkollna nidhru quddiem il-Gvernatur, ara tistenna li se nurik xi mogħdrija, tafx. Beħsiebni ngħid is-sewwa kollu u bla ħabi ta' xejn.

**Salathiel** Sewwa tagħmel.

**Barnabas** U toqgħodx timla rasek wisq li se tgħaddi tiegħek, taf.

**Salathiel** Ma daħħala qatt f'rasek li qed taqa' għaż-żuffjett?

**Barnabas** M'għandnix xi ngħidu għax int kont ħejjet kollox bil-għaqal minn qabel.

**Il-ħamba tan-nies tibda aktar ma dawn jitbiegħdu lejn il-qalba ta' Ġerusalemm.**

Levi — Qegħdin jagħlqu bieb il-Belt.

Mathias — **Lil Barnabas.** Għax ma titlaqx?

Barnabas — Tajjeb. Immur Taraw intom....jekk nitltaqa' ma xi saram, intom lanqas ma teħilsu minn tagħkom. Fl-istess dgħajsa qegħdin. Did-dar misħuta tagħkom għad ikollha għalfejn tibqa tiftakru dal-jum.

**Malli jmidd il-pass biex jitlaq jiġi wiċċ-imb-wiċċ ma ESTHER fil-bieb Esther mhix aktar għamja.**

Esther — Tabilħaqq li did-dar għad ikollha għalfejn tibqa' tiftakru dal-jum!

**Kulħadd iħares lejn Esther. Mathias lqum bil-wieqfa.**

Barnabas — **Jerġa lura.** Xi ġralek?

Esther — Int, Barnabas, għandek wiċċ ta' bniedem bla ħila.
**Tgħaddi minn fuq il-lemin ta' Barnabas li jmur lura mbażża.**
Bla ħila biżżejjed biex tkun missier David. Tista tmur.

Salathiel — **Jersaq f'tarf il-qiegħa.** Esther....x'ġara?

Esther — Tani lura dawl t'għajnejja.

**Għal waqt wieħed kulħadd jħemed mistagħġeb.**

Mathias — Fisser ruħek Esther.

Esther — Ibagħthom minn hawn lil dawn in-nies, pa. **Tersaq aktar għan-nofs.**

Iżakk — **Jiġi fit-traf ta' quddiem fuq ix-xellug tas-sufan, mistagħġeb.**
Jekk inti tixtieq, sidti.....

Esther — Kollox sew, Iżakk. Ħudhom miegħek isfel lin-nies tiegħek..

**Iżakk jieħu ħsieb jara lill-qaddejja jitilqu u dawn joħorġu mill-bieb tal-lemin. Hu jmur warajhom, mistagħġeb daqs kemm kieku qed jitbiegħed minn quddiem xi ħares. Iż-żewġ Għassiesa joħorġu**

**mill-lemin u minn fuq ix-xellug tat-terrazzin.**

Levi
**Mhux żgur minnhu nnifsu.** Semmew xi ħaġa dwar mirakli?
**Jinżel minn fuq il-qiegħa għal fuq il-lemin tas-sufan.**

Esther
Le. Lanqas biss stagħġibt jien. F'dawk l'idejn hemm miġbura l-ħlewwa kollha tal-ħolqien.
**Titlaa 'l fuq livell tas-sufan. Levi jmur joqgħod fuq il-lemin tagħha.**
Jekk jogħġbok, tibqax aktar għax għajjiena.

**Levi joħroġ minn fuq il-lemin mistagħġeb daqs l-oħrajn.**

Salathiel
**Jinżel 'lisfel lejn ix-xellug, fuq ix-xellug ta' Esther.**
Esther…trid tgħid li…..?

Esther
Li nista nara mill-ġdid. Dak kollox.

Mathias
Minn dejjem għidt jien li int għad tfieq.

Esther
Iva…minn dejjem hekk għidt int.

Salathiel
Imma xi ġralek? **JGĦANNAQHA.** Ikun imbierek Alla ta' Iżrael.

Esther
Mhux Alla ta' Iżrael kien pa. Kien in-Nazzarenu.

Salathiel
Binti.

Esther
"Binti"…qalli…"Ħares lejn wiċċi. Nista' ngħidlek li fid-dinja kollha m' hemmx wiċċ ieħor bħal dak.

Mathias
Imma għadek ma tistax tifhem….li kien wasal iż-żmien….hekk ġara ħabta u sabta.

Esther
Le Mathias. Kien in-Nazzarenu.

Mathias
**Joħroġ fit-terrazzin.** Għaliex ma bqajtx sejra warajh?

Esther
Hu ma riedx. "Missierek għad għandu x'jambik, żagħżugħa" qalli. Jisgħobbija li nħossni għajjiena ħafna pa. Imma dak il-ħin ħassejtni bħalikieku kont twelidt mill-ġdid.

Salathiel
**Joqgħod bil-qegħda fuq is-sufan.** Iva. Ejja oqgħod bil-qegħda ħdejja.

**Tagħmel hekk fis-skiet, bil-ħlewa kollha tqiegħed rasha fuq spallejh**

L.C.8
S.C.9


SC9 (T8)
L.C. 8
MUSIC
SONG
Spot left hand side

Mathias **Fit-terrazzin iħares lejn il-Belt.** M'għadhomx jidhru. Tassew id-dinja miġnuna.

Esther **Bil-ħlewwa.** Hosanna fil-għoli tas-smewwiet. Ikun imbierek dak li ġej f'isem il-Mulej.

Salathiel Orqod, orqod..... Hosanna lil bin David.

Mathias Int ukoll, pa?! Imma possibbli li ħadd mhu jaħseb f'xejn aktar ħlief f'dak ix-xewwiex min-Nażaret.

**Minn fuq l-għoljiet jinstama' daqq ta' żumara ta' ragħaj.**

## SEPARJU
### Tmiem it-tieni Att

Sc. 10 Opening Music → CD T 1 No 9.

till 1.59

MIKES OFF

LIGHT Q 4

Sc 11 → CD T. 10

followed by BLACK OUT

10 Sec

# It-Tielet Att

Lights ON Q 2

## It-Tielet Att

Xena - l-istess
Sebat ijiem wara - L-ewwel Ħadd il-Għid. Filgħaxija tard.

Ħsejjes imrażżna għadhom jinstemgħu ġejjin fuq l-għoljiet. Mathias qiegħed qegħda madwar mejda fejn hemm xi karti (parċmina) u reġistru. Ma jinsab bil wieqfa ma ġenbu.

Mathias — **Waqt li jifli dokument.** Iva...jidher qiegħed tajjeb. **Jagħtih lill-iskrivan.** Qabbad lil Samwel jivverifikah tajjeb...u ħu ħsieb biex jintbagħat ilejla stess.

Skrivan — **Waqt li jieħu f'idu.** Kollox sew, sinjur. **Jitwi l-parċmina u jqiegħed fi ħżiemu. Jagħti pass lejn il-qiegħa u jħares 'lbarra minn fuqha.** Bilħaqq, sinjur taħseb li mhix għajr qlajja, hux tassew?

Mathias — **Waqt li jibqa' jħares lejn ix-xogħol ta' quddiemu.** Xi qlajja hi?

Skrivan — **Ftit qabel ma jmur.** Ħafna nies donnhom ma jistgħux jieqfu minn dat-tpaċpiċ fieragħ tagħhom. Xi ħaġa li gaħndha x'taqsam ma' dak li kien qal in-Nazzarenu dwar it-tielet jum. Taf int sinjur, ġa għaddew tliet ijiem minn meta sallbuħ. Jiena ngħid li l-mejtin ma jiġux lura, hux tassew?

Mathias — Tagħti kas ta' dawn il-ħmerijiet. U jekk ikollok tisma' bilfors, lili toqgħodx tagħbbilli rasi b'dak li tkun smajt.

Skrivan — Le, sinjur.

**Jgħaġġel joħroġ 'l barra mill-lemin, Mathias jibqa sejjer bix-xogħol ta' idejh, bħallikieku bi sfida mal-ħin, wara ftit jidħol Iżakk minn fuq lemin.**

Iżakk — **Jibqa' sejjer fuq it-terrazzin u jħares 'l isfel għat-triq.** Agħdirni, sinjur, jekk jogħġbok....imma mhux aħjar toħroġ ftit u tara tistax tagħmel xi ħaġa?

Mathias — Ġa għidtlek, Iżakk....ġa igħidt lil kulħadd f'did-dar..... Jien, f'dil-biċċa xogħol, ma rrid ikolli x'naqsam xejn. Fil-basla daħlu minn rajhom... issa jeħtieġ li joħorġu minnha weħidhom....jekk jistgħu

Iżakk **Jiġi lura u jmur quddiem l-iskrivanija.** Naf sinjur. B'dan kollu, ma rridx nemmen li kulma għamlu kien apposta.

Mathias Ħebbu għal suldat Ruman...m'hemmx x'wieħed jagħmel dwar dan. U jekk Ruma ma tridx min iħebb għas-suldati tagħha, jiena ma nlhumiex.

Iżakk Imma sidti Deborah, sinjur....daqskemm hija bniedma ġwejda, jaħasra.

Mathias Iżakk, iz-zija tiegħl Deborah hija poetessa...jew taħseb li hi. Għandek tkun taf li l-poeti mhux ta' min jafdahom.

Iżakk Imma kieku tmur ftit int tara x'jista jsir, sinur. Meta tal-familja tagħna jkunu fil-għawġ.....

Mathias Jaqaw int wkoll qed trattabha qalbek?....

Iżakk Le, sinjur, m'inhix. Imma ż-żagħżugħ David kien il-perċimes ta' kollox.... tassew li hu żagħżugħ li jaf iġib ruħu ħafna.....

Mathias Qatt doqqtu l-ponn tiegħu?

Iżakk Agħdirni, sinjur...imma ma fhimtx.

Mathias Jiena doqtu. Mhux ħlief żagħżugħ iblaħ b'rasu sħuna.

Iżakk B'dan kollu, sidti Rachel tara kull ġid u ħniena fih.

Mathias Tara biss, dak kollox. Jekk żagħżugħa ma tkunx taf trażżan passjonijiet mherwla tagħha, allura jkollha tieħu li ħaqqha. Hi għażlet li lilna twarrabna 'lkoll fil-ġenb minħabba żagħżugħ taċ-ċajt b'xagħru aħmar li bilkemm għadu jaf jieqaf fuq saqajħ daqs għoġol. Tassew għamelt ħażna ta' ġid u hena! **Jibqa għaddej bil-kitba.**

Iżakk Kollu minnu, sinjur...jiena ma naqbel xejn ma' fhemiethom. Ikolli ngħid li huma ftit li xejn...m'aħniex. Għalija n-Nazzarenu ma kien ifisser xejn ħaj aħseb u ara issa li hu mejjet, igħidu li jridu n-nies. Imma mherwlin jew f'sensihom? Lanqas nħaseb ma nista' f'dak li jista jiġri. Imbagħad hemm dak iż-żagħżugħ Ġakobb...għadu daqsxejn ta' tfajjel....

| | |
|---|---|
| Mathias | Ma jiswielek xejn li tkun sentimentali dwar dil-biċċa xogħol, Iżakk. M'għarfux iġibu ruħhom ta'nies bil-għaqal, u meta ma tkunx taf iġġib ruħek sew, xi ħadd ikollu jgħallmek. |
| Iżakk | Jistgħu jiġu ff;aġellati għal għemilhom. |
| Mathias | Ma nistagħġibx. |
| Iżakk | Int qatt rajt bniedem jiġi fflaġellat, sinjur? |
| Mathias | Le. |
| Iżakk | Jiena rajt. Tassew tal-biża. Jaqbduħ, u.... |
| Mathias | M'għandi l-ebeda xewqa nisma' x'għamlu. |
| Iżakk | Is-swat żgur lil sidti Deborah, sinjur. Naħseb li ż-żagħżugħ joqtlu wkoll. |
| Mathias | **Ħabta u sabta jwarrab il-karti minn quddiemu b'rabja u jqum bil-wieqfa.** Tajjeb, x'il-mniefaħ nista' nagħmel jien? |
| Iżakk | Għandhom mnejn iħalluk iżżerżqilhom kelma għal ġid. Iċ-ċenturjun Ruman qal li jekk nagħmlu ħilitna f'dak il-qasam, għandu mnejn jinfetaħ xaqq ta' dawl..... |
| Mathias | Dak iċ-ċenturjun tilef għaqlu wara oħti. **Idur lura u jieħu romblu karti jew parċmina minn waħda mill-garżelli**. Lanqas biss ma jkun jaf fuqhiex qed jitkellem. |
| Iżakk | Sidti Esther tista tagħmel agħar ħafna. |
| Mathias | **Mill-ġdid jerġa jinxteħet fuq xogħolu.** Grazzi, Iżakk. Dak il-punt m'aħniex se nitkellmu fuqu. |
| Iżakk | Agħdirni, sinjur, m'għandnix xi ngħidu. |
| | **Esther tidħol minn fuq ix-xellug u tibqa sejra għan-nofs lemini.** |
| Esther | X'inqala Iżakk? |
| Iżakk | Inqala', sidti? |
| Esther | Mela! Għaliex tidher imbegħerren? |

Mathias — Kien qed iħajjarni noħroġ u mmkur ngħid lil xi ħadd kemm iz-zija Deborah u David...kif wkoll l-għażiż żagħżugħ Ġakobb huma minn tagħna talli waddbu l-ġebel lil dak is-suldat Ruman li kien qiegħad jaqdi dmiru.

Esther — Li għamel hu ma kien biċċa minn dmiru xejn. Hu sawwat bniedem li kienu għaddew il-ħaqq fuqu. Taf li għemil bħal dak ma jaqax taħt dmirijiet suldati.

**Jidħol qaddej minn fuq il-lemin.**

Qaddej — Hawn ċenturjun Ruman jixtieq ikellmek, Sinjur.

Mathias — **Minnufih.** Għidlu....

Esther — Mur tellgħu. **Il-qaddej joħroġ.** Kollox sew, Iżakk m'hemmx għalfejn toqgħod hawn aktar. **Tmur fit-tarf tax-xellug tas-sufan u toqgħod bil-qgħda.**

Iżakk — **Jaqsam lejn il-bieb fuq il-lemin qabel ma jitkellem.**
Lil ħadd ma nixtieq deni, sidti....Biss kieku jistgħu....

Esther — Mur, mur, Iżakk. Tħabbel rasek xejn. Tibżax.

**Iżakk joħroġ. Mathias iqiegħed ir-romblu f'postu.**

Mathias — Għalfejn trid tarah lil dal-bniedem, ingħid jien? **Jerġa joqgħod bil-qegħda wara l-iskrivanija.**

Esther — Jista' jkun għll-ebda raġuni. Biss jogħġobni.

Mathias — Tassew li żewġ ħuti bniet għandhom gosti strambi!

Iżakk — **Fil-bieb fuq tal-lemin.** Jekk jogħġbok sinjur.

**Joħroġ x'ħin jidħol iċ-ċenturjun.**

Mathias — Iva, x'għandek bżonn?

Ċenturjun — **Imur fuq il-lemin nofsani.** Naħseb li se jkun kollox sew.

| | |
|---|---|
| Esther | **Tqum bil-wieqfa u tinsel minn fuq il-qiegħa**. Trid tgħid li se jiġu meħlusin? |
| Ċenturjun | Naħseb.<br>**Esther tmur aktar 'l isfel fuq il-palk.**<br>Għal ftit ma ħabtux dufrejhom sew, imma t-tislib ta' Ġesu' rattabilhom qalbhom ħafna. |
| Esther | Inti xhedt? |
| Ċenturjun | Iva. |
| Mathias | Tassew bniedem tal-pjaċir. |
| Ċenturjun | Mhux tal-pjaċir…imma biss dak li naf. |
| Esther | Tassew qalbek tajba. |
| Ċenturjun | **Jersaq pass lejha.** Int għamiltni hekk. |
| Mathias | **Iqum bil-wieqfa.** Ma rridx nidaħal….**Jiġi in-naħa t'isfel ta' l-iskrivanija sakemm jitbiegħed għal kollox minnha.** |
| Esther | Mela tindaħalax. Dil-ħaġa ma tolqtokx lilek, Mathias. |
| Mathias | Le, mhix…Dażgur li mhix! Daż-żmien kull ma tgaħmel il-familja mhix affari tiegħi. |
| Esther | Hi kif inhi, lili titsa' taqtagħni barra. Naf nieħu ħsieb tiegħi innifsi biżżejjed jien. |
| Mathias | Min daqs hekk, lilek jilħaqlek aktar minn oħti l-oħra. X'inhi r-raġuni li intom it-tnejn tinġibdu lejn xulxin?<br>**Iċ-ċenturjun idur fuqu.**<br>Le…le…naf kollox dawr dan jien, tibżaz. Ruma ma tridx ikollha x'taqsam mal-kwalita tagħna, u jekk jiġu għal dan nista ngħidlek li aħna Ruma ma rriduhiex hawn lanqas. |
| Ċenturjun | Ma taħsibx li qed tkun domatiku żżejjed? |
| Mathias | Iva, qed inkun. Imma għandi għalfejn. |
| Esther | Jekk int miġbud daqshekk lejn il-familja tiegħek, għaliex bħalissa m'initx qiegħad ma' dawk minnha li jeħtieġuk? |

Mathias Fhiemtek. Tridni nwarrab minn hawn, hux tassew?....Kollox sew, sejjer. Imma kif għidlek, ma rrid ikolli x'naqsam xejn ma dik il-biċċa xogħol maħmuġa. Missieri kien immisu mexa aktar bil-għaqal, wkol wara dak kollu li ġara. Jekk ħadd ma jimpurtah biex did-dar iżommha mifruda tajjeb fuq sisienha, jiena jimpurtani... u naf li se toħodli l-ħin kollu. Il-ġimgħa li għaddejna trid sena sħiħa biex ninsewha wkoll jekk inkunu xortina tajba.

Esther Hekk jew hekk, ma tantx tidher magħkus wisq!

Mathias Min se jaqtagħha u jgħid:- "Mathias ma kienx imdaħħal, meta jaqbdu jitkellmu dawr il-familja ta' Salathiel li kellha x'taqsam ma, bniedem mgħaddab wieħed ħati komuni?.....

Ċenturjun Sewwa qed tgħid. Staqarrhuli huwa nnifsu u kieku setgħet tgħaddi tiegħu qatt ma kien jiġri xejn minn dan kollu.

Esther **Iddur lejn ix-xellug.** M'gaħndniex għalfejn nibqgħu nitkellmu.

Mathias Tajjeb. M'għandnix xi ngħidu, kliem ieħor aktar issibuħ għal qalbkhom. **Liċ-ċenturjun.** Kont naħseb li ġieħek....

Ċenturjun Irrid nibża' għalih jien. Dan li kont se tgħid? **Jersaq ftit il-quddiem.** Iva.... nirringrazjak.

**Mathias imur lejn il-bieb fuq il-lemin imbagħad idu lura.**

Mathias Jekk jogħġobkom tmissuhomx dawk il-karti.
**Joħroġ minn fuq il-lemin.**

Esther Miskin Mathias! Tassew biċċa xogħol iebsa għalih!
**Tmur toqgħod wara nofs tas-sufan u thares 'l barra.**

Ċenturjun Dażgur li hija biċċa xogħol iebsa għalih!......
**Imur lejn it-tarf tax-xellug tas-sufan.** Qaddisi jgħid, ix-xogħol agħtih lil min jaf jagħmlu.

Esther **Toqgħod bil-qegħda.** Ma kienx immisek ġejt hawn.

Ċenturjun Ma stajtx nagħmel mod ieħor.

Esther Ma jiswielna għal xejn.

SC 12
T. 4
Fade out lights

SC 12
T 4

Ċenturjun — **Imur quddiem it-tarf tal-lemin tas-sufan u joqgħod bil-qegħda n-naħa tat-tarf tiegħu**. Nerġa ngħidlek ma stajtx nagħmel mod ieħor, Esther. Dil-ġimgħa tbidel kollox għalija.

Esther — Kollox tbiddel għad-dinja kollha.

Ċenturjun — Mhux dan li ridt infisser. Jiena ma nistax inħoss bħalma tħossu intom għalih. Lanqas biss ma jaqgħlkom f'raskom. B'danakollu, minħabba fih, għamilt kulma stajt.

Esther — Naf. Milli jidher int bniedem ta' reqqa kbira.

Ċenturjun — Xejn minn dan. Dawn l-affarijiet li managħmluhomx għax inkunu ta' reqqa, imma għax nitqanqlu mil-imħabba….. Għax inkunu nixtiequ xi ħaġa. Meta dak il-lejl rajtek, wara li l-ġrajja ta' l-għaġeb kienet twettqet, ġo fija ħassejt li kulma tixtieq int jiena wkoll illum irrid nixtiequ. Minn dak il-ħin ħabbejtek u beħsiebni nibqa nħbbok għal dejjem.

Esther — **Bil-mod.** Iva, iva. Imma għamlu?......qalu xi ħaġa.

Ċenturjun — Nhar il-ġimgħa meta fuq il-Kalvarju ppruvajt ngħin xi ftit wissewni biex noqgħod b'għajnejja miftuħin, għax stajt naħbat difri. Illum meta ftaħt fommi biex nitkellem għax-xwejjaħ u għal dawk iż-żewġ żagħżagħ, fakkruni fit-twissija li kienu għamluli qabel. M'għaħndnix xi ngħidu, Ruma għad tisma' b'dil-biċċa xogħol. Minn hawn u ftit ieħor, għal hekk, jibagħtuli daqsxejn ta' tagħrifa żgħira żgħira, fejn ifakkruni u jwissuni fl-istess ħin li mhux xogħoli nindaħal fil-politika tal-provinċjali.
**Esther tqum bil-wiefa.**
Ma naħsibx li jieħdu passi aktar ħorox daqs hekk.

Esther — Mhix għajr ħaġa li tolqot il-politika tal-provinċjali.

**Timxi tul-qiegħa u tmur fiċ-ċentru lemini.**

**Iċ-ċenturjun iqum bil-wieqfa.**

Jintbagħat għall-mewt raġel bla ħtija.

Ċenturjun — Għal Ruma m'għandha ebda tifsira oħra għajr din.
**Jinżel it-tarġiet tal-qiegħa għal nofs il-palk.**

Esther — U għalik?

Ċenturjun — **Jersaq ftit lejha.** Tassew kine bniedem ta' l-għaġeb. Nistqarr li lanqas biss ma kont naħseb fuq li ġara kieku ma kienx minħabba fik. B'danakollu nifhem x'setgħa kellu….b'xi mod ħassejtha jiena wkoll. Imma, naħseb li qegħda tkabbarha xi ftit iżejjed.

| | |
|---|---|
| Esther | M' jien qed inkabbar xejn ħlief li kien egħref mind-dinja li qatlitu. Kellu idejn li jnissli l-fejqan. |
| Ċenturjun | **Imur ħdejha fuq il-lemin u jaqbdilha idejha.** Kienu tabilħaqq idejn imberkin biex għamlu dak li għamlu. |
| Esther | Kien hemmhekk li għaraft is-sewwa. Donnu ġagħlni nitwieled mill-ġdid. U tgħallimt aktar wara l-ħelsien tiegħi. Lin-nies kellimhom dwar ħwejjeġ li ma kienu semgħu qatt qabel. |
| Ċenturjun | Ma nistax noqgħod inħaqqaqha miegħek, Esther. Naħseb li Pilatu kellu raġun meta xtaq jeħilsu. Aktar minn hekk ma nista' ngħid xejn... Naf biss li bħalek għad ma kienx hawn mara oħra. |
| Esther | Inti Ruman. |
| Ċenturjun | B'daqshekk? |
| Esther | Kienet Ruma li salbitu. |
| Ċenturjun | Le kienu l-qassisin tagħkhom infushom. |
| Esther | Ma stegħux jagħmlu ħaġa oħra. In-nies kellhom għażla quddiemhom... jew ibaxxu rashom għal setgħetu jew għal tagħhom. Ma tistax tlumhom talli riedu jħarsu liġijiet li kienu jfissru l-ħajja għalihom. Imma għal Ruma kienet differenti għal kollox. Ruma ma kellha ebda interres xi tħares f'dil-biċċa. pilatu sata' jwaqaf kollox b'kelma waħda....imma beża jlissinha. Ċaħad is-sewwa magħruf. Int innifsek stqarrejtu dan. |
| Ċenturjun | **Imur lejn in-nofs lemini u jdur lura.**<br>Għadek ma tafx x'diffikultajiet hemm. Hawnhekk aħna qegħdin biex niggvernaw bis-saħħa u bis-segħta tal-liġijiet tagħkhom stess. M'aħniex għajr għassiesa...xejn aktar minn hekk. Ġerusalemm talbet il-mewt għal dar-raġel.... |
| Esther | U Ruma ħallietu jiġi maqtul. |
| Ċenturjun | **Imur lura fuq il-lemin ta' Esther.**<br>Jiena pprotestajt. Xi stajt nagħmel aktar? Jiena m'inihx Pilatu! Ma rrid... ma rrid xejn ħliefek. **Jaqbdilha dirgħajha.** |
| Esther | Kieku, ġimgħa ilu, xi ħadd kellu jgħidli niċħad namrat biex inħaddean xi tewmmin, lil dan ix-xi ħadd, emmini, kont inqisu bħala miġnun. U' llum... |

x'inhu llum? Qegħda narak quddiemi b'għajnejn ta'mara…bħalma din tara lil raġel….u jiena m'għadnix għamja. Ruman u Lhudi….ma tagħmilx differenza. Waqajt, bħalma waqajt int. B'danakollu, kontu intom li qtiltuħ.
**Iċ-ċenturjun jinħasad kemm kemm.**
hekk hu…in-nies tal-kwalita tiegħek qatluħ. Dil-ħaġa ż-żminijiet ma jistgħux inessuhieli. **Tmur lejn in-naħa tal-lemin tat-terrazzin.** Ġimgħa ilu….qagħad ikellimni…hemm isfel….u issa….**Tiġi lura n-naħa tal-lemin tas-sufan.**

Ċenturjun	Imma għalfejn noqgħodu nħaqquha b'dal-mod fuq li għada?
**Imur għan-nofs u jqiegħed sieq waħda fuq it-tarġa tal-qiegħa.** Kliemek lanqas biss ma naf xi jfisser. Forsi, xi darba….għad inkunu nistgħu noqgħodu bil-qegħda nitkellmu dwar dil-ġrajja… imma mhux issa. Jiena inħobbok. Xejn ma naf aktar ħlief dan, u xejn ma rrid inkun naf aktar. Għidt li l-imħabba ħakmitek bħalma għamlet lili. Tkun imbierka għal daqs hekk. M'intix tintebaħ li quddiemna m'għandniex għajr triq waħda miftuħa għall-ħelsien? **Iżommilha ideja f'tiegħu.**

Esther	Jekk jogħġbok tagħmilx hekk.

Ċenturjun	Għala le?

Esther	Għax bejnietna tnejn hemm d-dell tas-salib.

Ċenturjun	**Jitla' fuq il-qiegħa.** Dan m'għandux ikun.

**Jiġbidha lejh. Wara ftit li tibqa' bejn ħaltejn, tħossa tingħeleb għal kollox, u toffrix aktar resistenza.**

Esther	**Tinħall mit-tgħanniqa tiegħu, ferħana iżda mħassba.**
U issa x'se jiġri.

Ċenturjun	M'għandniex xi ngħidu tiżżewiġni.

Esther	Ġa ssugrajt biżżejjed. Xi tgħl Ruma għal dan?

Ċenturjun	Nista nobsor xi tgħid. Imma, hekk jew hekk, iddejjaqt minn Ġerusalemm u iena bniedem għani. Nista nħallas biex noħroġ mis-servizz. Għandi razzett fuq ix-xtut ta' l-Adrijatiku….fejn inkunu nistgħu ngħixu t-tnejn tajjeb ħafna. Trid tiġl miegħi?

Esther	**Tinżel minn fuq il-qiegħa u tmur bil-mod lejn in-nofs lemini.**
Tista tqisni issa. Jiena wkoll inħobbok….

FADE OUT MUSIC
Fade in lights

| | |
|---|---|
| | Għalissa biżżejed daqshekk. **Jidħol Iżakk minn fuq il-lemin.** Xi trid Iżakk? |
| Iżakk | Għadu kif wasal is-sinjur, sidti. Satqsieni għal sidi Mathias. Taf fejn jista' jkun? Ħsibt li kien hawn fuq. Ikolli ngħid, żgur ġara xi ħaġa. **Jersaq aktar 'l fuq tal-palk, fuq il-lemin tal-bieb.** |
| Esther | Niżel isfel. |
| Iżakk | Naħseb li ħareġ. |
| Esther | X'ridt tfisser biha meta għidt...."ġara xi ħaġa"?! |
| Iżakk | Is-sinjur jidher imħawwad...mhux bħal meta kollox kien ikun sejjer sewwa. |
| | **Salathiel jidħol minn fuq il-lemin u jieqaf fil-bieb.** |
| Esther | X'inqala', pa? |
| Salathiel | Fejn hu Mathias? **Imur fuq il-lemin ta' Esther.** |
| Esther | Ftit ilu hawn kien! |
| Salathiel | **Waqt li Iżakk jiċċaqlaq biex joħroġ.** Tista' tibqa hawn Iżakk. Aħjar tisma int ukoll. |
| Iżakk | **Jinżel ftit 'l isfel fuq in-naħa tal-lemin.** Nittama li mhix xi aħbar ħażina hux sinjur? |
| Salathiel | **Lil Esther.** Raw x'eta' għandha z-zija tiegħek Deborah u ġagħluha twegħdhom li żomm il-paċi. David jinsab meħlus, imma fi żmien ġimgħa irid ikun telaq minn Ġerusalemm. Liż-żagħżugħ Ġakobb inqatgħetlu għal fuq ix-xwieni. |
| | **Iċ-ċenturjun Ruman jinżel għan-nofs lemini.** |
| Iżakk | X'waħda din sinjur! |
| Esther | Tassew tal-biża' Imma għalxiex?! |
| Salathiel | Kontra tiegħu biss ingaħtat xhieda li tassew ħebb għas-suldat Ruman. |

| | |
|---|---|
| Ċenturjun | Imma meta tlaqt jien mill-qorti..... |
| Salathiel | Naf...kien fl-aħħar waqtiet meta dak in-nutar li għandu għajnejh qishom nemes...qajjem il-kwistjoni tas-sigurta pubblika li heżżithom mill-ġdid. |
| Esther | Ma jista jsir xejn? |
| Salathiel | Nibża li David ikollu jitlaq. |
| Iżakk | U żagħżugħ, sinjur? **Issa jinsab 'l hinn mill-bieb fuq il-lemin.** |
| Salathiel | Wegħedthom li nerġa ndaħħlu miegħi. Weġbuni li Ruman biss jista jagħmlu dan. |
| Esther | **Liċ-ċenturjun fuq il-lemin tiegħu.** Tista?....nistgħu?..... |
| Ċenturjun | Immur minnufih quddiem Pilatu...bejnietna għandna daqsxejn ta' kont qadim li għadu mhux imħallas...tibżax, ma jiċħadlix. |

**Joħroġ, jaqsam għal-lemin u Iżakk joħroġ warajh.**

**Esther iddur lejn ix-xellug, tersaq 'l barra tal-palk, u waqt li ddur tħares lejn il-lemin.**

| | |
|---|---|
| Salathiel | Aħna? X'ridt tfisser b'AĦNA? |
| Esther | Irid jiżżewwiġni. |
| Salathiel | Ħmerijiet. |
| Esther | Wieħed jista jgħid hekk ukoll. |
| Salathiel | Imma ma tridx tgħid li.... |
| Esther | Għalissa ma rrid ngħid xejn . Fejn qegħdin David u Rachel? |
| Salathiel | Ġejjin hawn. Ma stajtx inkellimhom, imma ħallejtilhom risposta. |
| Esther | Biex ikunu jistgħu jibqgħu hawn? |
| Salathiel | Sakemm jitlaq min Ġerusalemm. |
| Esther | Trid tgħid sakemm JITILQU minn Ġerusalemm. |

Salathiel Mela hi se tmur miegħu?

Esther Illum martu. Tħaseb int se titilqu mal-ewwel għawġ li jinqalagħhom?

Salathiel Ismagħni Esther. Ma rridekx tħeġġieġa biex tfitexx titlaq minn hawn. **Jersaq lejn in-naħa ta' barra tal-palk.** Xi ġralkom ilkoll? Mela tliftu raskom? Xahar ilu din kienet dar fejn kulħadd kien jidher għal qalbu. **Jinżel 'l isfel lejn il-lemin imbagħad minn hemm 'l fuq il-lemin.** X'sar minna issa? Rachel marret iżżewġwt lil wieħed rivoluzjunarju li għaddew il-ħaqq fuqu; Mathias dar kontra tiegħi, u int trid titlaq ma Ruman!

Esther Iva, tbiddel kollox. **Tinżel 'l isfel tal-palk u toqgħod bil-qegħda fuq banketta fuq ix-xellug.**

Salathiel Għalfejn ġie n-Nazzarenu? **Issa għanu dieq waħda fuq tarġa tal-qiegħa u qed iħares quddiemu lejn ix-xellug.**

Esther Hekk kien miktub.

Salathiel Naf. **Jinżel 'l isfel fuq il-lemin ta' Esther u jmellsilha xagħraha.** Hosanna....iva, binti u għalik kollox. Iżda dari kienet mirfuda daqshekk tajjeb....kont daqshekk imkabbar biha! U llum qegħda tiġġarraf biċċa, biċċa.

Esther Ħwejjeġ bħal dawn jiġru ta' kuljum. Jekk Rachel u jiena nitilqu, inti tibqa' tgħix flimkien ma Mathias.

Salathiel Għandu f'rasu li ma mxejtx bil-għaqal għal kollox dwar dil-biċċa tax-xogħol. Naħseb li hekk hu. **Jaqsam mil-lemin għan-nofs lemini.** Ebda negozju ma jista' jkun imdaħħal fi ħwejjeġ bħal dawn. Tista' tgħid li nofs il-kontijiet tagħna ġa huma magħluqin. Ma nlumux talli waqtiet ikun xi ftit żorr.

Esther In-nies jinsew mal-għajr.

Salathiel Ma naħsibx li ħaġa bħal din se tintesa kif ġieb u laħaq. Le. Ir-riefnu li għadda heżżeiżna lkkol. **(PAWSA)** Ma tistax tiżżewġu lil dar-Ruman. **Jigi lura fuq il-lemin ta' Esther.**

Esther — Għala ma nistax? Hu jħobbni. U ma naħsibx li nkun nista' noqgħod hawn wara dak kollu li ġara. Irrid nitbiegħed kemm nista' minn dawk is-sogħat tal-biża li għaddejt fuq il-KALVARJU.

**Mathias jiġi lura. Jidħol minn fuq il-lemin b'xi dokumenti f'idejh u jmur joqgħod fuq il-lemin.**

Mathias — Pa...david u rachel ġejjin 'l hawn. Smajt kollox dwar it-twettiq tal-ħaqq li sarilhom. Irrid naħseb li m'humiex deħlin hawn ġew, hux?

Salathiel — Iva, deħlin.

Mathias — Imma tifhem li ma jistgħux jagħmluh dan!

Salathiel — Jeħtieġ. Fejn jistgħu jmorru jekk mhux hawn?

Mathias — Dwar dan m'għandi l'ebda ħjiel, imma ma jistgħux jidħlu hwan. Int innifsek imissek tieħu ħsieb biex ma jiġux.

Esther — Imma Mathias......

Mathias — Jekk jogħġbok.....Esther. Kemm -il darba trid taqa għż-żuffjett ma Ruman, għandek il-jedd kollu li tagħmlu, imma f'did-dar ma rridhomx isiru aktar bluhat. Mautul il-ġimgħa li għadiet, biżżejjed rajt jiġru affarijiet quddiem wiċċi biex niġġennen...imma m'inhix, tibżax. Beħsiebni nibqa' nissielet sakemm mill-ġdid nerġa' nirbaħ dak li ntilef, u ma jimpurtanix lil min insib fin-nofs.

**Salathiel jersaq aktar lejn Mathias**

Pa, jekk int ma tridx tirraġuna dwar dil-biċċa xogħol jiena rrid u beħsiebni nagħmel hekk. David kiser il-liġi, ġie tturufnat minn Ġerusalemm u għandu għalfejn iqis lilu nnifsu xxurtjat. Rachel tagħha għamlitha, u issa trid terfa salibha. Kif ninsabu bħalissa, m' aħniex l-bogħod wisq mir-rovina, u jekk din iseħħ, għalina jintemm kollox darba għal dejjm. Ma rridhomx hawn ġew, qed tifhem? Ma rridhuomx hawn ġew.

Salathiel — **Jaqsam fuq ix-xellug ta' Mathias.**
Mathias.....jiena l-kap.....

**Mathias jidħol fil-vers li jmiss hawn.**

....f' dari....

Mathias — **Jitfa d-dokumenti fuq l-iskrivanija.**
Le. M'intix jekk l-affarijiet ikomplu jiħżienu, ma jibqax ta'xiex tkun il-kap.

**Joħroġ fit-terrazzin għan-nofs fuq il-lemin.**
Se nipprova nara x'nagħmel biex ma jkomplux immoru għall-agħar, u milli jidher se jkolli naħdem waħdi fuq dil-biċċa xogħol.
**Salathiel jersaq aktar lejn il-lemin u jħares lejn ix-xellug.**
Kollox sew..... **(Jiġi f'tarf il-qiegħa, livell mat-tarf tas-sufan.)**
Imma mhux se jkun hemm aktar bluhat.

Salathiel — Mathias....qed tagħmilhieli tqila ħafna....

Mathias — Qed nagħmilha bi tqila? Togħġobni l-biċċa xogħol! Nagħmilha bi tqila għal min? Lilli intom ma tqisunix? X'ġid ħareġ minn dan kollu għal xi ħadd, ħlief għal Esther li, wara kollox segħtet tiġl mfejjqa minn tabib ta l-affarijiet tiegħu. Bħal issa quddiem għajenjja qd nilmaħ familja li tgħix tajjeb u negozju irawwem mill-aħjar li qed jiġu mħassrin u mexjin għal kollox minħabba xewwiex li sar magħruf, x'kien, għax jien il-waħdini li rrid inwaqqaf din l-irvina kollha, jiġu jgħiduli li qed nagħmilha bi tqila.

**Jidħol Iżakk minn fuq il-lemin.**

Iżakk — Sidìti Rachel u Mastru David dalwaqt jaslu, Sinjur.....X'se nagħmel? Sidi Mathias ma jridnix indaħħalhom.

Salathiel — Inżel isfel l daħħalhom minnufih, M'għandniex xi ngħidu.

Iżakk — Taċ-ċajt!

Esther — Tkunx assued Mathias. Ma nistgħux nagħluqula l-bieb f'wiċċa lir-Rachel! Mur daħħalhom, Iżakk.

Iżakk — Iva sidti.

**Joħroġ minn fuq il-lemin.**

Mathias — Kollox sew, ejjew inkunu sinċieri bejnietna. Jekk jibqgħu hawn huma nitlaq jien. Imma, jekk tkeċċuni 'l barra mid-dar, żgur mhux se jirnexxilkom tqalftuni minn negozju. M'hemm ebda wieħed mill-lklijenti kollha tagħna li ma jżommx miegħl, u jiena wara nagħrrafhom ilkoll li nkun ħlist minnkom.

Salathiel — **Jitla' ftit 'l fuq.** Ħadd ma jrid ikeċċik mid-dar, ibni.

Mathias — **Idur għal wara s-sufan u jitla' n-naħa tal-lemin tat-terrazzin.**
Ma tistax ikollok lili u l'David, jew lil Rachel.

**Rachel u David jidħlu fuq il-lemin. Rachel tibqa serja fuq il-lemin ta' Salathiel għan-nofs, u wara li tgħannqu magħha, tmur lejn Esther. X'ħin ikunu qegħdin jaqsmu l-palk, David u Salathiel jiltaqgħu.**

Salathiel — **Jgħannaqha.** Rachel, binti! **Jieħu b'idejn David waqt li Rachel tkun qegħda tbus lil Esther.** Jisgħobbija.

David — Immisek tirgħex.

Salathiel — **Jitla' fuq il-qiegħa, n-naħa tax-xellug tas-sufan.**
Mela x'inhu. Imma m'inhix. Jisgħobbija, għal kull wieħed u waħda minna.

**Issa David ikun mar fil-kantuniera, 'l fuq mill-iskrivanija fuq il-lemin.**

Rachel — **Iddur fuq Mathias.** Kollox sew Mathias? **Tibqa serja ftit aktar. Tersaq lejn il-lemin, 'lisfel minn nofs tas-sufan.**

Mathias — **Lil Rachel u l-David.**
Ħarsu 'l hawn, intom it-tnejn.
**Jersaq f'tarf il-qiegħa fuq in-naħa tal-lemin tas-sufan.**
Milli jidher, missieri tilef il-kontroll fuq kif mexjin l-affarijiet. Jisgħobbija li jkolli nistqarru dan, imma din hi l-verita. Il-familja tagħna rnexxielha tagħmel isem f'Ġerusalemm minn mindu tnisslet seba' ġenerazzjonijiet ilu. Jiena nemmen li għad għandha isem li jfisser xi ħaġa, għalhekk f'did-dar m'hawnx post għal isteriżmi bla sens. Il-praspura tan-Nazzarenu ma tiswa xejn għal kull min għandu moħħu f'postu. Hu ħallas b'ħajtu għal blhuitu, għalhekk ma rridx noqgħod inħaqqaqa magħkom aktar f'dil-ħaġa. għalhekk, jekk jogħġobkom morru fejn tridu, u ġorru xawwatkom magħkom.

Rachel — Kollox sew, Mathias, se mmoru.

Salathiel — **Jinżel minn fuq il-qiegħa u jmur joqgħod fuq ix-xellug ta' Rachel.**
Imma Rachel.....

Rachel — Le Pa...ġa qatielna x'għandna nagħmlu. Urejt kemm tassew gaħndek ħanina la xtaqtna noqgħodu hawn. Imma Mathias għandu raġun. Jekk nibqgħu hawn ma nkunux qegħdin nimxu bil-ħaqq miegħu. Għadejjna biss biex nżżukħajr u biex insellmulek qabel nitilqu.

Salathiel — Fejn se tmorru?

| | |
|---|---|
| David | Damasku, fejn għandi ħafna ħbieb. |
| Salathiel | L-bogħod ħafna minn hawn! Żgur ma nerġax narak aktar Rachel. |
| Rachel | Isa, pa...tagħmilix bi tqila aktar milli hi. X'kont se ngħid...? Dwar iz-zija Deborah...immisek tħalliha terġa tiġI toqgħod hawn. |
| Mathias | Xorta waħda ħażin. Kulħadd jaf li f'dan l-iskandlu hija kienet billet sebgħaha daqs kull waħda minnkom. |
| David | Imma xwejħa bħal dik ma tistax taqbad u tkeċċieha 'l barra. ....qisu ma ġara xejn. |
| Mathias | Int x'għandek x'taqsam. |
| David | Xejn...mhix għajr ftit tal-ħniena li għandu x'jaqsam magħha kulħadd. Hija xwejħa minn tagħna ħafna...ma tistax tħallieha titgerbeb mal-ħama. |
| Mathias | M'hemmx għalfejn tfakkarni x'għandi, jew x'm għandix nagħmel. Biex inkun ftit rożż, ngħidlek li qed naħseb għal rasi biss. Jiena nsalva kemm il darba neħles minnkom ilkoll.<br>**B'subagħjh fuq il-polz ta' idu stess.**<br>Il-polz tal-fortuna tiegħl nista nħossu sa l-inqaws taħbita. In-Nazzarenu nissel taqliba sħiħa li minnha ismi rridu jkun meħlus darba għal dejjem qegħdin tifhmu? Ma jaqbillx li nkun magħruf bħala midħla ta' xi ħabib minn tiegħu.<br>**Jgħddi l-isfel fuq il-lemin ta' l-iskrivanija baħlkieku se joħorġ mill-kamra, imma jieqaf meta Salathiel jaqbad jitkellem.** |
| Salathiel | Zitek deborah toqgħod f'dari kemm il-darba nkun nixtieq jien. |
| Mathias | U jien ngħidlek li ma toqgħodx. Hi kellha x'taqsam ma bniedem xewwiex. |
| David | Tikellimx hekk Mathias. |
| Mathias | Lil min sallbu fuq il-Kjalvarju jekk mhux lil wieħed xewwiex eh? |
| David | **Jersaq 'l quddiem. Dik gidba faħxija.** |
| Rachel | **Tmur fuq ix-xellug ta' David.** David! |
| Mathias | M'hemmx għalfejn tinħassad, rachel! Imissek sirt taf xi jsarraf s'issa! |

David — Lill-Imgħallem. M'għandekx isejjaħlu xewwiex.

Mathias — U jekk insejaħħlu xi jkun ġara?

David — **B'ldejh maqgħudin ponnijiet.** Ma sejjaħlux, qed ingħidlek.

Rachel — **B'idha fuq drieghu.** David....David....

Mathias — Għax inkella terġa' ssawwatni f'isem Kristu. Il-Prinċep tal-Paċl ssejħulu hux tassew?

**Deborah tfeġġ fil-bieb fuq il-lemin.**

Deborah — Il-prinċep tal-paċi. Uliedi!

Mathias — Għaliex ġejt lura?

Deborah — **Tmur fuq il-lemin ta' Salathiel.** Ġejt biex insellmilkom għall-aħħar darba qabel nitlaq.

Salathiel — Jekk trid tista tibqa hawn magħna, Deborah.

Mathias — Ma titsax...mhix raġuni din.....**Joqgħod bil-qegħda wara l-iskrivanija.**

Deborah — Le, Mathias, mhix raġuni. Għaddejt wkoll minħabba ż-żagħżugħ Ġakobb. Ma jistax isir xi ħaġa, Salathiel.?

Salathiel — Dak ir-ruman li tkellem għalik il-qorti mar jara x'jista' jsir.

Deborah — Taf min hu dak?

Salathiel — **Jinżel pass l-isfel.** X'jiġifieri? Kien hawn qabel ma n-Nazzarenu niżel minn Betanja dik il-lejla, minn dak inhar 'l hawn baqa dejjem moħħu fina.

Deborah — Dak kien ukoll fuq il-Kalvarju.

Esther — Talabni niżżewġu zija Deborah.

Deborah — Ruman? B'danakollu...iva, imissek tiżżewġu. Hu raġel nobli ħafna. Iva....hu wkoll kien fuq l-għolja tal-kalvarju.

David — Għax tgħid, bsart li kien l-istess bniedem.

Esther Liema bniedem?

David Fl-aħħar agunija waqt li kien imsallab....

**Iżakk ifeġġ fil-bieb fuq il-lemin.**
**Il-posizzjonijiet huma hekk:- Iżakk fil-bieb fuq il-lemin Mathias bil-qegħda wara l-iskrivanija fid-daħla tal-ħajt, David u Rachel flimkien lil hinn mill-iskrivanija fuq il-lemin deborah u Salathiel fin-nofs 'l hawn mis-sufan u estehr fuq ix-xellug.**

Iżakk Hawn sidi Levi, Sinjur. Intellgħu?

Salathiel Iva. **Imur 'l isfel sa l-ewwel tarġa tal-qiegħa.**

**Iżakk joħroġ minn fuq il-lemin.**

Esther X'kont qed tgħid David?

Deborah **Biex ma tħallix lil David iwieġeb.** Tħobbu, Esther?

**David jgħaddi minn wara Rachel u jmur fuq ix-xellug tagħha fuq it-tarġiet tal-qiegħa.**

Esther Iva, zija Deborah, inħobbu.

Deborah La, hu hekk mela....

**Iżakk idaħħal lil Levi.**

Iżakk Levi. Sinjur. **Iżakk joħroġ minn fuq il-lemin.**

Salathiel **Jinżel isfel għan-nofs.** X'inqala Levi?

Levi **Imur joqgħod fuq il-lemin ta' Salatheil.** Ma smajtx?

Salathiel Xi smajt?

Levi Ġerusalemm bi ħġara saret taf!

Mathias X'saret taf Ġerusalemm bi ħġara?

Levi Qegħdin igħidu li n-Nazzarenu qam minn bejn l-imwiet.

Deborah **Wara waqt ta' skiet.** Dan huwa t-tielet jum.

Mathias Kulħadd sar jaf, x'ġara. Smajt ftit ilu waqt li kont għaddej mit-toroq tal-Belt. Id-dixxipli tiegħu serqu l-ġisem mill-qabar li fih kien difnu wieħed fanatiku minn Arimateja bil-permess ta Pilatu. Dan jagħmel parti mil-istess qerq.

David **Jagħmel ħiltu biex iżomm sabru.** Ejja mmorru Rachel.

Levi Qegħdin igħidu li xi nisa raw b'għajnejhom.

Mathias m'hemmx sens li ttenni isterismi boloh bħalma qed tagħmel!

Rachel **Tinżel 'l isfel tal-palk livell ma Mathias, tħaxkem ma l-iskrivanija.** Billi l-ġrajja tagħtiha dawn l-ismijiet kollha mhux se jirnexxilek tħassarha minn imħuħ in-nies.

**David imur ħdejha fuq ix-xellug.**

Mathias Int mur inaqgħad ma ħbiebek kemm trid, Rachel u oqgħod tgħaxxaq bil-ġrajja kemm jogħġbok. Imma wħud minna beħsiebhom jibqgħu jgħixu ħajjithom ta' bnedmin għaqlin. Għalinqass jiena dan li beħsiebni nagħmel. M'għandix żmien x'naħli dawr duħħan bla xiwa ta' mejtin li qamu mill-imwiet. Tajjeb....mela issa għadda kollox. Ejjew naraw kulma ġara eh?

Esther Bilkemm għadna bdejna.

Deborah "Wara tlett ijiem jiena nirxoxta". Dawk kienu l-kelmiet li qal.

Mathias **Iqalleb il-karti ta' quddiemu.** Jekk jogħġobkom, u qed ingħid għal kulħadd, għandi x'nagħmel. Jiena ma nafx x'għandkom f'moħħkom tagħmlu, imma m'hemmx għalfejn noqgħodu niddiskutuhom hawn, hux tassew?

Salathiel Inħallu kollox għal għada meta nkunu nistgħu nitkellmu aħjar. Wasal il-ħin ta' l-ikel. Tiekol magħna, Levi?

Levi Grazzi ħafna. **Imur fit-terrazzin u jħares 'l barra mill-fetħa tan-nofs. Wara ftit jiġi lura u jmur joqgħod bil-qegħda fuq in-naħa t-isfel tal-lemin tas-sufan.**

David Jeħtieġ li nitilqu l-lejla.

| | |
|---|---|
| Salathiel | Imma.....**Imur fuq ix-xellug ta' David.** |
| Rachel | **Tgħatl pass lejn David.** Isma minni pa. Aħjar hekk. |
| Deborah | Se, mmorru Salathiel. |
| Salathiel | Le. Deborah, għalinqass int ibqa hawn. |
| Esther | Mathias għandu raġun, pa. Ma jistax ikun nibqgħu hawn. |
| | **Issa Rachel u David irirdu ikunu bogħod mill-iskrivanija u aktar lejn il-lemin.** |
| Salathiel | Ma jistax ikun!....Ma jistax ikun li nibqa waħdi!<br>**Jinżel 'l isfel lejn in-nofs tal-palk u jħares lejn il-lemin.**<br>Mathias, m'intix tara x'qed tagħmilli? Int inifssek qiegħad tgħid li dil-ġrajja tan-Nazzarenu mhi xejn....**Jersaq lejn l-iskrivanija.**<br>Li ftit ġimgħat oħra u Ġerusalemm tkun intesiet, int lili tkun xejjintli nofs l-għan ta' xjuħiti. **Jerġa jinżel għal nofs il-palk.**<br>Il-bniet tiegħl se jkunu tturufnati f'post fejn ma jkunux jistgħu jisimgħuni meta nsejħilhom. |
| Esther | **Tmur lejn ix-xellug ta' Salathiel u tiltaqa miegħu għan-nofs.**<br>Hekk jew hekk Rachel jeħtiġiela titbiegħed minn hawn, pa. U lili ma naħsibx li tkun tird iżżomni hawn la darba nkun miżżewġa ma Ruman! |
| Mathias | Tifhem li Esther qegħda tirraġuna hux tassew? |
| Salathiel | Iva, nifhem...nifhem ukoll li waħħaltha f'rasek li tbegħdhom minni.<br>**Iħares madwaru u wara ftit imur quddiem l-iskrivanija. Ħarstu mbagħad tqiegħad fuq Deborah.**<br>Deborah, int ma tirdx tibqa hawn? Lanqas jekk nitolbok jien?<br>**Jaqsam il-palk u jmur ħdejn Deborah fuq ix-xellug.**<br>Lanqas jekk nitolbok bil-ħniena b'qalbi kollha?<br>**Esther iddur lejn il-qiegħa.**<br>Għallinqas int għandek tħattilli ta' kemm għamilt miegħek. |
| Deborah | **Tqiegħed idejha fuq spallejn Salathiel.**<br>Ma ninsa qatt kemm għamilt miegħi. |
| Salathiel | Mela ibqa' hawn. |
| Deborah | Ma jkun jiswa għalxejn. |

Mathias | Għalxiex trid tibqa tissikkaħa, pa?

Salathiel | Għax jiena nibża minnek, Mathias.

Mathias | Minn kulħadd imissek tibża' minbarra minni.

**Iċ-ċenturjun Ruman jiġl lura. Imur fuq il-lemin.**

Esther | Iva,...fejn hu qiegħed?

Ċenturjun | Isfel.

Salathiel | Irnexxielek? Qiegħad nieħu gost.

Ċenturjun | Mhux għax ried jiżżini ħajr wisq tafux. Tistgħu tgħiddu kelli nkaxkru minn għonqu.

Salathiel | X'jiġifieri?

Ċenturjun | **Imur fuq il-lemin ta'Esther.**

Pilatu rraġuna ħafna....minnunfiħ taħa l-ordni. Imma iż-żagħżugħ għamel plejtu sħiħ...ħalef li ma jiġix miegħl,,,qal li lanqas biss id-dehera tagħna r-rumani ma jagħmel. M'għandix xi ngħidu ħadd ma kellu xejn kontra dak iż-żagħżugħ imferfex, u għalhekk kienu ħerqana mhux ftit li jeħilsu minnu mill-aktar fis. B'danakollu, kellhom iqalftuħ l'barra bis-saqajn.
U tgħidx kemm ħabatni sakemm wassaltu hawn, issa ma jkun ġara xejn billi ngħidilkom. Fit-triq tajna wirja sabieħa lil kull min rana għadejjin... saħansitra kien hemm min ħaseb li kont qed nisirqu lil dak iż-żagħżugħ. Nhar il-Ġimgħa, meta beda jaqla' l-għawġ xi ħadd qalli li kien ħabta....Imma jiena ma naqbilx li żagħżugħ bħalu għandu jintbagħat guq ix-xwieni....b'danakollu għal ftit ma ħax li ħaqqu.

**Ilħna ta' Iżakk u Ġakobb jinstmgħu mit-taraġ barra il-kamra.**

Iżakk | **Minn barra.** Imma mhux biżejjed għaddejt min għawġ żagżugħ?

Ġakobb | **Minn barra.** Ma jipurtanix...irreid nitla' fuq.

Iżakk | **Minn barra.** Ħallik minn dan, tkunx iblah.

Ġakobb | **Min barra.** Neħħl idjek minn fuqi....m'inhix se noqgħod għal dan, taf.

Iżakk — **Minn barra.** Tkunlek ta' tagħlima jekk jiċħad li jkollu x'jaqsam miegħek aktar.....

Ġakobb — **Minn barra.** Ma rrid li jkolli x'jaqsam xejn miegħi....ħallini nitla qed ngħidlek....
**Ġakobb jidħol b'ġirja fil-kamra.**
Ismgħuni...ħalluni noħroġ minn hawn. Iżakk sakkarni ġewwa....ipprova jagħmel l-istess darba oħra.

Ċenturjun — Inti tagħmel dak kollu li jgħidulek....

Ġakobb — Le.....lanqas ma rridha l-karita' maħmuġa li jafu jagħtu r-Rumani.

Esther — Mela tassew li qed tiġġennen?

Ġakobb — Hekk naħseb. Min ma jiġġeninx wara dak kollu li sar fuq il-Kalvarju? Għaliex m'intomx imġienen ilkoll kemm intom?

Salathiel — Ġakobb ibni....

Ġakobb — Għalxejn....għalxejn....sinjur! Int kont qlbek ħafna ħanina miegħi..... imma dan ma jfisser xejn. Xejn ma għadu jiswa aktar!
**Saltahiel jitla t-tarġiet tal-qiegħa u jmur lejn il-fetħa tal-lemin tat-terrazzin.**
Ħalluhom jibatuna fuq ix-xwieni. Aħjar inkun hemm, jew mejjet, minn band'oħra.

Esther — Imma daċ-ċenturjun jixtieq jgħinek...irid ifasallek ħajja ġdid li għandek tkun kburi biha. Jiena sejra miegħu.

Ġakobb — **Imur fuq in-naħa tal-lemin taċ-ċenturjun.**
Hu Ruman....kienu r-rumani li qatluħ. Kien Ruman
li sawtu fi triqtu huwa tiela l-għolja....u jiena garajt ġebla għal fuq dak il-wiċċ sfieqi ta' Ruman li kellu. Kieku mhux għax żammewni kont noħonqu. Ħalluni nitlaq.

Mathias — Ħallih jitlaq, f'ġieħ Alla.

Deborah — Ibni...inti kont tħobbu l-Imgħallem li issa hu mejjet hux tassew?

Ġakobb — **Imur fuq il-lemin ta' Deborah.** Jiena kont inqimu.

Deborah — **Tmur ħdejn Ġakobb.** Żgur li ma kienx ikun iridek iġġib ruħek b'dal-mod.

| | |
|---|---|
| | **Tieħu idejn Ġakobb f'tagħha.** |
| Ġakobb | Ma nistax ninsa x'għamulu. |
| Deborah | M'hemmx għalfejn tinsa. Aħna għandna nibqgħu niftakru fih billi naqduh, mhux billi naqtgħu jiesna. Int għadek żagħżugħ u għad baqalek ħafana snin xi tgħix u matul dawn is-snin kollha għad titkellem u ssemmi ismu kemm -il darba. Jekk minn jeddek tieħu l-kastig li mtak il-Ħaqq, dan la jgħin lilek u lanqas lilu. Mur bil-qalb it-tajba u qabad ix-xogħol il-ġdid li qegħdin jagħtuk minn qalbhom, u kif tixtieqek tagħmel sidtek Esther. Hija wkoll se tmur fejn sejjer int.<br>**Titbiegħed ftit lejn ix-xellug.** |
| Ġakobb | **Idur fuq Esther.**<br>Għalxiex sejra ma Ruman?<br>**Jersaq aktar lejn Esther.** |
| Esther | Se niżżewġu. |
| Ġakobb | Għaliex? |
| Mathias | **Iqum bil-wieqfa.** X'jiġifieri? Se tħallu żagħżugħ jaħdem fil-kċina joqgħod jagħmlilna l-mistoqsijiet? Itlaq....mur fuq ix-xwieni fejn bagħtuk u eħlisna jekk għandek! |
| Esther | Kun af Mathias, li ħajtu hija siwja daqs tiegħek.<br>**Lil Ġakobb.** Jiena se niżżewġu għax, għalija huwa l-aħjar wieħed fost l-irġiel. |
| | **Salathiel imur fuq ix-xellug ta' Levi.** |
| Ġakobb | Ruman? |
| Esther | Iva. |
| Deborah | Dan ir-ruman lill-Imgħallem qdiegħ tajjeb ħafna, ibni. |
| Ċenturjun | **Fuq il-lemin ta' Ġakobb.** Jekk jogħġbok....ma nsemmgħu xejn. |
| Ġakobb | **Jinżel ftit 'lisfel.** Qdiegħ tajjeb, għidt? |
| Deborah | Iva. |
| Ċenturjun | Lanqas kelma waħda m'għandha tissema' dwar dan. |

Sc 13
T12

SC 13
T12

Ġakobb F'hiex qdiegħ? Għalli jista jkun mhux int kont dak.....

Ċenturjun **B'awtorita.** Iskot!

**Ġakobb joħroġ lejn in-naħa tax-xellug tat-terrazzin.**

David **Immexiha ftit lejn il-lemin.** Rachel jeħtieġ li mmorru.

Salathiel **Jinżel minn fuq il-qiegħa u jmur fuq ix-xellug ta' Rachel.** Mhux dal-lejl....

ED No 12 LOW

Rachel Ikun aħjar nitilqu issa, pa. Billi ngħaddu lejl ieħor hawn mhu se jiswillna għal xejn. Saħħa.

Salathiel **Jgħannaqa miegħu.** Tkun imbierka binti.

Rachel Jista jkun li ġurnata għad....

Salathiel Le.....le....ma nreġax narak b'għajnejja. **Ibusha.**

Rachel Esther.

**Jitbewsu.**

David **Imur fuq il-lemin ta Salathiel.** Jisgħobbija.

Salathiel **Joħodlu b'idu.** Ibqa ħobba. Tkun imbierek int ukoll.

Rachel Zija Deborah, int minn dejjem kont għażiża għalija....

Deborah Għażiża tiegħl se nitolbok ħaġa li żgur m'intix se tiċħadili. Ħallini niġl magħkom.

**Iċ-ċenturjun jersaq lejn ix-xellug u Esther tmur ħdejh.**

David Imma quddiemna għandha dinja mimlija tbatijiet.

Deborah Ma naqtax qalbi minnhom. Naf inkanta. B'hekk inkunu nistgħu naqduħ flimkien.

David Isir kif trid int. **Jimxi lejn il-bieb**

**Mathias imur quddiem l-iskrivanija tiegħu.**

Rachel — Nieħdu ħsieb xulxin. Saħħa, Mathias.

Mathias — Saħħa.

Deborah — **Idur fuq ix-xellug u jbus lil esther.**
Il-baka tiegħl tinżel fuqek. **Idur fuq Salathiel.**
U fuq darek, hi.

Salathiel — Bħalissa tinsab imħarrbta għal kollox.

Mathias — Qegħda tqum il-ħerba li kienet tinsab fiha.

Salathiel — Iva, ibni.

**Deborah toħroġ minn fuq il-lemin.**

Mathias — **Lil Esther.** Int x'se tagħmel?

Ċenturjun — Aħna wkoll jeħtiġilna mmoru.

Salathiel — Tmorru imma kif?

Ċenturjun — Għidtlu lil Pilatu. Tani l-permess. Ħwejjeġ bħal dawn aħjar wieħed iwettaqhom minnu fih.

Salathiel — Lili ħadd ma jaħbili xejn….ħadd minnkom….Mela morru, la tridu!

Ġakobb — **Jinżel u jmur joqgħod fuq il-lemin ta' Esther.**
**Liċ-ċenturjun.** Għidli, kif qdejtu lill-Imgħallem?

Ċenturjun — Forsi, għad ingħidlek xi darba.

Ġakobb — Naħseb li wara kollox, sidti Deborah kellha raġun. Iva, irrid niġi magħkom, sidti Esther. **Jaqsam il-palk u jmur joqgħod jistenna fil-bieb.**

Levi — **Waqt li jkun riesaq lejn it-tarġiet tal-qiegħa….**
**Liċ-ċenturjun.** Meta kont barra, smajt xi ħaġa dwar dil-qlajja l-ġdida?

Ċenturjun — Xi qlajja?

Levi — Li n-Nazzarenu qam minn bejn l-imwiet.

Ċenturjun Le, ma smajt xejn dwarha.

Levi Qegħdin igħidu li l-katavru tiegħu kien għeb mill-qabar meta d-dixxipli tiegħu marru jżuruh dalgħodu.

Mathias U jiena…ngħid li serquh huma.

Levi Qegħdin jgħidu wkoll li xi nisa rawh b'għajnejhom. Waħda mill-ħrejjef li qegħdin itennu hi li ma kienx għadu mejjet għal kollox meta dak ir-raġel minn għadu mejjet għal kollox meta dak ir-raġel minn Arimateja qalgħu u niżżlu minn fuq is-salib, Jidhrili li din hija l-aħjar tifsira li tista tingħata.

Ċenturjun Ma jistax ikun.

Esther Għaliex ma jistax ikun?

Ċenturjun Għax….**Jieqaf ħesrem.**

Ġakobb **Jiġi lejn in-nofs lemini.** Mela int kont dak ir-raġel!

Esther **Tinżel ftit 'l isfel.** Xi trid tfisser b'hekk?...x'jiġifieri?...Għidli….jeħtieġ li tgħidli.

Ġakobb Jiena naf. L-imgħallem kien fl-aħħar waqtiet ta' l-agunija tiegħu. Dan niffidlu ġenbu.

Esther **Liċ-ċenturjun.** Kont int!

Ġakobb Le, sidti…dak il-ħin ġietu ħniena minnu.
**Imur lejn il-lemin taċ-ċenturjun.** Ma kienx għajr att ta' ħniena.
**Jinżel għarkobbtejh f'riġlejn iċ-ċenturjun.** Jiena naqdik minn qalbi.
**Issa jinsab għarkobbtejh quddiemu.**

Esther Int qtiltu….int b'idejk stess…..

Ġakobb Ma tintebaħx, sidti Esther, li kulma għamel kien biex jeħilsu……

Ċenturjun Ma kienx għajr att ta' ħniena,

**Ġakobb iqum bil-wieqfa u jmur fuq ix-xellug taċ-ċenturjun.**

Mathias Fejn beħsiebkom tmorru int u Esther?

| | |
|---|---|
| Ċenturjun | Fir-razzett li għandi fuq l-Adriatiku. |
| Mathias | M'għandniex xi ngħidu, għad ikollkom żmien kemm tridu biex titkellmu fuq hekk. **Imur lura lejn l-iskrivanija tiegħu u jesnsel xogħolu.** |
| Ċenturjun | Fhimt, Esther? |
| Esther | Iva, fhimt. |
| Ċenturjun | Kelli f'moħħi li ma nitkellem qatt iżjed dwarha. |
| Esther | Aħjar inkun naf. U issa pa. |
| Salathiel | M'għandniex xi ngħidu aktar. *MUSIC UP* |
| | **Esther taqsam minn fuq il-lemin għall-iskrivanija.** |
| Ċenturjun | **Waqt li jmur fuq Salathiel.** Saħħa sinjur. |
| Esther | Kollox sew, Mathias? |
| Mathias | **Iqum bil-wieqfa.** Iva, kollox sew. **Jerġa' joqgħod bil-qegħda.** *VISUAL CUE* |
| | *MUSIC on EXITS* |
| | **Esther toħroġ minn fuq il-lemin, u warajna joħorġu ċ-ċenturjun u Ġakobb. Salathiel joħroġ fit-terazzin u joqgħod iħares lejn ix-xellug nofsani.** |
| | *LEVI goes DL of SOFA = FADE OUT MUSIC* |
| Levi | **Jersaq lejn il-lemin ta' l-iskrivanija.** Naħseb li kellek raġun wara kollox Mathias. |
| Mathias | Dażgur! Dażgur li kelli raġun. |
| Levi | Tista torbot fuq id-drawwa tagħna kemm trid int. Jekk issib ruħek marsus…temporanjament il-kredtu tagħna tista' tagħmel użu minnu kemm jogħġbok. Huwa qawwi ħafna. |
| Mathias | Grazzi. M'inhix se ninsa, tibsax. B'danakollu, hawn f'Ġerusalemm, aħna għadna kapaċi nżommu rasna 'l fuq mill-ilma. |
| Levi | Bħal qatt qabel eh?...Jiena ċert minn dan. |
| Mathias | Iva, bħal qatt qabel. |

Salathiel — **Minn fuq it-terrazzin.** Deborah għaddejja tajjeb ħafna maġenbhom.

Levi — Deborah?!

Salathiel — Iva...ġa laħqu nofs it-telgħa li tieħu għal Betanja. Naħseb li Betanja għad tissemma ħafna wara dak kollu li ġara.

Mathias — Pa, toħlomx b'għajnejk miftuħin. **Iqum, imur lejn il-lemin u minn hemm jibqa' sejjer fuq it-terrazzin.**
Issa tara kif imexxu tajjeb aħna t-tnejn. Hekk kellu jkun....Jiena nieħu ħsiebek xorta waħda kif kienu jagħmlu huma, tibżax. Agħmel l-almu u afda fija.

Salathiel — Iva, ibni....ibni l-waħdieni. Wara kollox...aħjar jkollok tifel wieħed. **Jgħannqu miegħu.**

Mathias — Ma nonqsokx, tibżax. **Jinżel għan-nofs il-kamra.**

Levi — X'kont se ngħid?...Il-bank ta Smyrna talabni nirrakkomandalu xi ditta f'Ġerusalemm. Nista' nsemmilu lilkom?

Mathias — Smyrna? Dażgur li tista! Dik l-isħubija l-aktar li għandna bżonn!

Levi — Ħalli f'idejja. Nieħu ħsieb jien.

Mathias — Smyrna! Tassew ta' l-għaġeb! Tassew ħabib Levi!

LC. 5

Levi — Mill-ewwel nagħrfu jien lil min ikun jistħoqqlu tassew!

T. 11

Salathiel — Issa wkoll Esther tiela t-telgħa mar-Ruman tagħha.

**Jidħol Iżakk minn fuq ix-xellug.**

Iżakk — **Mill-bieb.** L-ikel mħejji sinjur.

**Joħroġ minn fuq ix-xellug.**

Mathias — Inżel ma' Levi, pa. Toqgħodx tistenna lili. Għad għandi xi figuri li rrid inlestu. M'inhix se ndum wisq. **Jgħaddi minn quddiem Levi fi triqtu lejn l-iskrivanija u jensel xogħolu.**

Salathiel — Iva, Mathias...niesi kollha sejrin lejn Betanja. Rachel u David u Deborah....u warajhom mexjin Esther u r-Ruman u Ġakobb. Ilkoll sejrin lejn Betanja. Is-sitta li huma....hemm arahom. Dak inhar kien hemm

miġegħma ta' nies fejn qegħdin huma issa. Imma dak il-ħin kienu ġejjin l' hawn....u issa hemm sitta min-nies fit-triq...Sitta min-nies li ħarġu minn ħajti.

Mathias — Pa, inżel iċċena, trid?

Salathiel — Le,...m'humiex sitta....Rachel.....u David.....u Deborah. Imbagħad Esther....u r-Ruman....u Ġakobb dawk sitta....imma ħares ftit...huma sebgħa qedgħdin b'kollox! Min hu dak li miexi warajhom?....Mathias! Dak in-Nazzarenu!

Mathias — Ħmerijiet, pa. Inżel isfel ma Levi.

Salathiel — **Jidħol fil-kamra.** M'humiex ħmerijiet, Mathias. In-Nazzarenu tiela t-telgħa u sejjer għal Betanja flimkien magħhom, qed ingħidlek.

Mathias — Iva, pa....kif tgħid int. Minn hawn u ftit ieħor niġi ningħaqad magħkom jiena wkoll, eh?

Salathiel — Ejja ninżlu, Levi. Qed ingħidlek li kien in-Nazzarenu.

Levi — Ma nistgħux inkunu żguri dwar dawn l-affarijiet.

Salathiel — Le....le.....

**Salathiel u Levi joħorġu minn fuq ix-xellug**

**Imżewwaq mal-ħemda ta' filgħaxija jinstama' kant ħafif ta' Hosanna....Hosanna fl-għoli tas-smewwiet.**

**Mathias iqum, imur fit-terrazzin u jagħlaq il-kontraporti. Jittewweb u jitmattar.**

# TMIEM